

# “Bl-Evanġelju nissiltkom fi Kristu Ġesù”

*(1 Kor 4,15)*

*Sussidju teoloġiku-liturġiku-pastorali għar-Randan*

Djoċesi ta’ Għawdex
2008

# KELMTEJN TA' QABEL

Il-Pjan Pastorali ta' din is-sena jistedinna "inkunu ħbieb tal-Vanġelu". Ir-Randan huwa żmien privileġġjat fejn il-Kelma mxandra ssir "stedina" għar-riflessjoni, "sfida" għall-konverżjoni, "dawl" fil-mixja tal-ħajja, "ikel" li jsaħħaħ il-pellegrin. Huwa wkoll iż-żmien tal-"katekumenat", kemm bħala żmien ta' tħejjija għall-magħmudija kif ukoll bħala żmien li niskopru mill-ġdid il-magħmudija.

Flimkien ma' l-enfasi fuq il-Kelma t'Alla, il-Knisja f'Għawdex qed issejħilna wkoll biex niskopru b'mod ġdid is-Sagrament tal-Magħmudija u nagħrfu aħjar "l-effetti" tiegħu fina. San Pawl jgħallimna li min inħasel bl-ilma tal-magħmudija sar ħolqien ġdid għax issa daħal darba għal dejjem fil-misteru ta' l-Għid tal-Mulej. Il-magħmudija mhix biss "il-bidu" tal-ħajja nisranija, imma l-ħajja dejjem ġdida ta' Kristu f'ħajjitna u tagħna fiH. L-istess vanġeli tal-Ħdud tar-Randan tas-Sena A (mit-3 sal-5 Ħadd) jesprimu l-mixja tal-katekumenu li kien jitħejja biex jirċievi l-magħmudija.

Kif kien qalilna l-Papa Ġwanni Pawlu II fl-ittra apostolika "Novo millennio ineunte" (n.31), il-magħmudija timplika l-qdusija tagħna, sejħa biex ngħixu l-Vanġelu bl-aktar mod profond, qawwa biex ma nkunux medjokri fil-ħajja tagħna bħala nsara, imma stedina biex "nitħabtu" ħa nsiru nixbħu lill-Missier:

> *"since Baptism is a true entry into the holiness of God through incorporation into Christ and the indwelling of his Spirit, it would be a contradiction to settle for a life of mediocrity, marked by a minimalist ethic and a shallow religiosity. To ask catechumens: "Do you wish to receive Baptism?" means at the same time to ask them: "Do you wish to become holy?" It means to set before them the radical nature of the Sermon on the Mount: "Be perfect as your heavenly Father is perfect" (Mt 5:48).*

It-titlu ta' dan is-sussidju – "Bl-Evanġelju nissiltkom fi Kristu Ġesù" – meħud mill-ewwel ittra ta' San Pawl lill-Korintin (1 Kor 4,15), irid jagħmel enfasi fuq:

i. Il-Kelma ta' Alla (l-Evanġelju): f'rabta mal-Pjan Pastorali, fejn għandna l-istedina biex insiru "ħbieb ta' l-Evanġelju";
ii. il-Magħmudija (l-azzjoni ta' tnissil fi Kristu – ħolqien ġdid): is-Sagrament li qed nippruvaw nirriflettu dwaru matul din is-sena;
iii. San Pawl: bi tħejjija għas-sena pawlina li se tinfetaħ f'Ġunju li ġej.

Anke l-mistoqsija li għamlulna l-Isqfijiet fil-Pastorali ta' dan ir-Randan – "Xi tridu? X'qegħdin tfittxu?" – nixtiequ ninterpretawha bħala sejħa biex aħna niskopju dejjem mill-ġdid u b'mod ġdid lil Dak li sejħilna mid-dlam għad-dawl tiegħu ta' l-għaġeb: esperjenza straordinarja ta' mħabba li bdejniha bil-ħasil bl-ilma tal-magħmudija.

L-ikona fil-faċċata tas-sussidju tirrappreżenta l-magħmudija ta' Kristu mill-Battista. Hija ikona Russa tas-seklu 18. Tiddeskrivi kemm il-mument ta' *kenosis* kif ukoll l-epifanija tal-Mulej. Fil-mument tal-magħmudija tiġi manifestata t-Trinità, kif ukoll in-natura umana u divina ta' Ġesù, veru Alla u veru bniedem. L-inżul ta' Ġesù fix-xmara Ġordan huwa ekun ta' l-inżul tiegħu fuq l-art fit-twelid, u prefigurazzjoni ta' l-*Anastasis*, jew l-inżul f'Art l-Imwiet wara l-mewt tiegħu. Id-dnub ta' Adam għalaq il-Ġenna; Kristu fetħu mill-ġdid. Figuri żgħar jirrappreżentaw il-Ġordan u l-Baħar, filwaqt li l-ħut fl-ilma jfissru l-insara mgħammdin

F'dan is-sussidju, għalhekk, qed nippruvaw nagħtu ftit aktar spazju għas-sagrament tal-magħmudija permezz ta' ċelebrazzjoni penitenzjali marbuta mal-vanġelu tal-5 Ħadd, u mal-mixja ta' tħejjija għal dawk li se jirċievu l-magħmudija fil-Velja ta' l-Għid jew fi żmien l-Għid.

Is-sussidju ta' dan ir-Randan irid jikkumplimenta s-sussidju li ġie ppreparat għaż-żewġ djoċesijiet għal dan ir-Randan.

# 1. IL-LITURĠIJA TAL-KELMA TAL-ĦDUD TAR-RANDAN – SENA A

| | L-Ewwel Qari | It-Tieni Qari | Il-Vanġelu |
|---|---|---|---|
| **1** | Il-ħolqien ta' Adam u Eva, u d-dnub tan-nisel<br><br>Ġen 2,7-9, 3,1-7 | Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja<br><br>Rum 5,12-19 | Ġesù mġarrab fid-deżert<br><br>Mt 4,1-11 |
| **2** | Is-sejħa ta' Abraham, missier il-poplu t'Alla<br><br>Ġen 12,1-4a | Alla jsejħilna u jdawwalna<br><br>2 Tim 1,8b-10 | It-Trasfigurazzjoni<br><br>Mt 17,1-9 |
| **3** | In-nuqqas ta' ilma fid-deżert u t-tgergir kontra Alla<br><br>Eż 17,3-7 | L-imħabba msawba fina permezz ta' l-Ispirtu<br><br>Rum 5,1-2.5-8 | Ġesù għajn ta' ilma ħaj<br><br>Ġw 4,5-42 |
| **4** | David ikkonsagrat sultan<br><br>1 Sam 16,1b,6-7,10-13 | In-nisrani jgħix fid-dawl ta' Kristu<br><br>Ef 5,8-14 | Il-fejqan ta' l-agħma mit-twelid<br><br>Ġw 9,1-41 |
| **5** | Inqiegħed ruħi fikom, u tieħdu l-ħajja<br><br>Eż 37,12-14 | In-nisrani mimli bl-Ispirtu t'Alla<br><br>Ruma 8,8-11 | L-Adultera: Mur, u la tidnibx iżjed<br><br>Ġw 8,1-11 |

# 2. LECTIO DIVINA TAL-VANĠELI TAL-ĦDUD TAR-RANDAN TAS-SENA A

## 2.1. L-ewwel Ħadd tar-Randan (A) – *Mattew 4, 1-11*

*Il-bniedem mhux bil-ħobż biss igħix,*
*imma b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla.*

**LECTIO**

- **v.1 - Imbagħad Ġesù kien meħud mill-Ispirtu fid-deżert**

Ġesù jmur fid-deżert mhux minn rajh, iżda huwa l-Ispirtu li "jitfgħu", "idawwru" 'l hemm. Dan it-trasferiment jixbaħ lil dak ta' Israel meta *Alla dawwar il-poplu għat-triq fid-deżert lejn Baħar il-Qasab* (Eż 13, 18). Jekk dan il-qaddej infidil, meħud u mġarrab fid-deżert ħareġ tellief, issa l-Ispirtu qed jieħu l-Qaddej 'fidil' ta' Yahweh biex jitqabad u jirbaħ lix-xitan f'daru stess. Id-deżert huwa fl-istess waqt kemm il-post tat-tiġrib kif ukoll il-post tal-laqgħa m'Alla: *Għalhekk, araw, jiena se niġbidha, neħodha fid-deżert u lil qalbha nkellem (Ħo*s 2, 16).

- **v.1 - biex jiġġarrab mix-xitan.**

Ġesù jinsab fil-bidu tal-missjoni salvifika tiegħu, għadu frisk mill-ġrajja teofanika tal-magħmudija, u bħala l-Qaddej ta' Yahweh u l-Iben veru t'Alla jiġi mġarrab, għaliex din hi l-kundizzjoni miktuba: *Ibni, jekk tiġi biex taqdi lill-Mulej ħejji ruħek għat-tiġrib* (Sir 2, 1).

- **v.2 - U wara li sam erbgħin jum u erbgħin lejl**

Dan iż-żmien ifakkar fl-erbgħin sena ġiri t'Israel fid-deżert, *sena għal kull jum li domtu titkixxfu l-art* (Nm 14, 33-34); f'Mosè meta *daħal fis-sħaba u tala' fuq il-muntanja u baqa' fuq il-muntanja erbgħin jum u erbgħin lejl* (Eż 24, 18); f'Elija maħrub fid-deżert li wara li stejqer bl-ikel ipprovdut minn Alla, *baqa' miexi għal erbgħin jum u erbgħin lejl sa ma wasal Ħoreb, il-muntanja t'Alla* (1Slat 19,8) u fix-xandira għall-indiema ta' Ġona lin-Ninwiti: *"Erbgħin jum ieħor u Ninwè ssir ħerba"* (Ġon 2, 4).

- **v.2 - fl-aħħar ħadu l-ġuħ**

Meta jkun bil-ġuħ, 'il-bniedem il-qadim' jitmantna bit-tgergir: *"Mhux li mitna b'id il-Mulej fl-art ta' l-Eġittu, meta konna ħdejn il-borom tal-laħam u konna nieklu ħobż bix-xaba'! Ħriġtuna f'dan id-deżert biex toqtlu bil-ġuħ din il-ġemgħa kollha!"* (Eż 16, 3), waqt li l-bniedem il-ġdid jitrażżan (ara Gal 5, 16-26) u jitmantna bil-fiduċja f'Alla li *ma jħallix il-ġust bil-ġuħ, iżda jġib fix-xejn ix-xewqa tal-ħżiena* (Prov 10, 3), għaliex il-ġuħ m'għandux saħħa joqtol il-vera mħabba: *Min ser jifridna mill-imħabba ta' Kristu?...Il-ġuħ?* (Rum 8, 35).

- **v.3 - U resaq it-tentatur**

It-tentatur mhuwiex magħruf, moħbi, imlibbes qoxra bħas-*serp tal-qedem, li hu d-demonju u xitan* (Apok 20, 2) għaliex huwa *l-aktar wieħed li jilħaqlu fost l-annimali selvaġġi kollha li kien għamel il-Mulej Alla* (Ġen 3, 1). Il-pjan ta' tiġrib isir mhux fil-bidu ta' l-erbgħin jum iżda fi tmiemhom, meta l-ġisem kollu huwa għajjien ħafna.

- **v.3 - u qallu: " Jekk inti l-Iben ta' Alla, ordna li dan il-ġebel isir ħobż."**

It-tiġrib tat-tentatur huwa dejjem immirat li jissodisfa xi bżonn fil-bniedem. Fl-Eden, is-serp, permezz ta' gidba daħħal dubju fl-ewlenin ġenituri dwar l-imħabba u l-ġustizzja t'Alla (ara Ġen 3, 1-8); issa għal darbtejn jisfida l-verità mħabbra mil-leħen tal-Missier fil-Ġordan: *Dan hu Ibni l-għażiż, fih sibt il-għaxqa tiegħi* (Mt 3, 17); u jattakka l-mod ta' kif kellu jkun il-Qaddej tal-Mulej, il-Messija: *qasba mġelġla ma jiksirhiex, musbieħ inemnem ma jitfiħx, ma jegħjiex, ma jitfarrakx, sakemm ma jwaqqafx il-ġustizzja fuq l-art u l-gżejjer imbiegħda jistennew il-liġi tiegħu* (Is 42, 3-4).

- **v.4 - Imma wieġeb u qal:**

Jekk it-tiġrib ta' Ġesù ġej minn barra, mix-xitan, il-ġuħ huwa bżonn li ġej minn ġewwa. Ġesù bejn il-passjoni li qed iġarrab f'ġismu kollu, bejn it-tnassis tax-xitan li qed jistiednu biex jabbuża mill-qawwa tiegħu ta' Iben favur tiegħu stess u l-bżonn ta' l-ispirtu, jagħżel li jilbes l-armatura ta' Alla u jkisser l-ingann permezz tax-*xabla ta' l-Ispirtu li hi l-Kelma ta' Alla* (ara Ef 6, 12. 17).

- **v.4 - "Hu miktub: Mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem, imma b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla."**

Il-fedeltà għar-rieda t'Alla, l-art imwiegħda (il-glorja) u l-provvidenza huma elementi komuni fit-tiġrib tal-poplu t'Israel u anke ta' Ġesù: *Qis li tħares u tagħmel kull kmandament li jien qiegħed nagħtik illum, sabiex tgħix u toktor, u tidħol u tieħu l-art f'idejk, l-art li l-Mulej ħalef lill-missirijietek. Ftakar fil-mixja kollha li mexxiek il-Mulej, Alla tiegħek, matul dawn l-erbgħin sena fid-deżert, biex iċekknek u jġarrbek, ħalli jkun jaf x'għandek f'qalbek, jekk tridx toqgħod għall-kmandamenti tiegħu jew le. Huwa ċekknek, ried li tbati l-ġuħ, imbagħad temgħek il-manna, li la int u l-anqas missirijietek ma kontu qatt tafu biha, biex jurik li mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem, imma b'dak kollu li joħroġ minn fomm il-Mulej, b'dan jgħix il-bniedem* (Dt 8, 1-3).
Il-glorja ta' Ġesù mhix f'li jordna lill-ġebel biex isir ħobż, iżda f'li l-ħobż isir ġismu: *Huma u jieklu, Ġesù ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu, newlu lid-dixxiplu u qal: "Ħudu, kulu, dan hu ġismi"* (Mt 26, 26); biex hekk min jiekol ġismu jkollu s-saħħa kontra d-dnub u jirbaħ il-mewt: *Jiena hu l-ħobż tal-ħajja. Missirijietkom kielu l-manna fid-deżert, u mietu; dan hu l-ħobż nieżel mis-sema, biex min jiekol minnu ma jmutx. Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema... U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi, li jingħata għall-ħajja tad-dinja* (ara Ġw 6, 48-52). Ġesù huwa l-imġarrab li ħadd daqsu ma jista' jgħid: *Tħabtu mhux għall-ikel li jgħaddi, iżda għall-ikel li jibqa' għall-ħajja ta' dejjem* (Ġw 6, 27); għaliex huwa għex dan it-taħbit u ħareġ rebbieħ, Hu li qed jagħżel li jgħix skond il-qawwa t'Alla u mhux b'dik tad-dinja.

- **v.5 - Imbagħad ix-xitan ħadu miegħu fil-belt imqaddsa u qiegħdu fuq il-quċċata tat-tempju:**

Ix-xenarju jinbidel u miegħu tinbidel ukoll it-tattika fit-tiġrib. Jekk qabel it-tentatur kellu jirtira n-nasba tiegħu għaliex sab quddiemu x-xabla ta' l-Iskrittura, dan it-tieni tigrib huwa mibni propju fuq provokazzjoni qarrieqa meħuda mill-Iskrittura.

- **v.6 - u qallu: "Jekk int l-Iben ta' Alla, intefa' għal isfel. Għax hu miktub: 'Jordna l-anġli tiegħu għalik u jerfgħuk fuq idejhom biex ma taħbatx riġlek ma' xi ġebla."**

It-tentatur jinqeda bis-Salm 91, 11-12 biex jipprova jsewwes il-fiduċja sħiħa ta' bejn l-Iben u l-Missier. Dan it-tiġrib jerġa' jitfaċċa meta: *il-qassisin il-kbar bdew jiddieħku bih mal-kittieba u x-xjuħ u jgħidu: "Ħa jinżel issa minn fuq is-salib u nemmnu fih! Hu jafda f'Alla; ħa jeħilsu issa jekk iħobbu! Għax hu qal, 'Jien Bin Alla'"* (Mt 27, 41-43).

- **v.7 - Qallu Ġesù: "Hu miktub ukoll: La ġġarabx il-Mulej, Alla tiegħek."**

*Hieni l-bniedem li jistabar fit-tiġrib, għax wara li jkun għeleb it-tiġrib, jaqla' l-kuruna tal-ħajja li l-Mulej wiegħed lil dawk li jħobbuh. Waqt li tkunu mġarrbin, araw li ħadd ma jgħid: "Alla qiegħed iġarrabni", għax Alla ma jistax jiġġarrab għall-ħażin u anqas m'hu se jġarrab lil ħadd. Għax kull bniedem imġarrab jinġibed u jitħajjar mill-passsjoni tiegħu stess. Imbagħad il-passjoni, meta tnissel, twelled id-dnub; u d-dnub meta jilħaq il-milja tiegħu, iġib il-mewt* (Ġk 1, 12-15). Israel ma stabarx fid-deżert meta ħadu l-għatx, il-mewt tiegħu ma kienetx ikkawżata mill-għatx iżda mid-dnub tiegħu kontra Alla: *Mhux li kontu llum tisimgħu leħnu! "La twebbsux qalbkom bħal f'Meribah, bħal dak in-nhar f'Massah, fid-deżert, meta ġarrbuni u ttentawni missirijietkom, għalkemm raw dak li jien għamilt* (Salm 94, 7). Ħaseb f'qalbu bħall-iblah li jgħid: *M'hemmx Alla!"* (Salm 14, 1; 53, 1); *tlewmu u ġarrbu lill-Mulej meta qalu: "Il-Mulej fostna jew le?"* (Eż 16, 7). Wara l-patt tas-Sinaj, it-Tabernaklu sar għal Israel is-sinjal li Alla kien magħhom, kien preżenti. Issa fit-tempju, l-Emmanuel huwa mġarrab f'qalbu u jgħodd għalih is-Salm 42: *Bħalma għażżiela tixxennaq għan-nixxigħat ta' l-ilma, hekk tixxennaq ruħi għalik, Alla tiegħi. Ruħi għatxana għal Alla, għal Alla l-ħaj; meta niġi u nara wiċċ Alla? Id-dmugħ lejl u nhar kien l-ikel tiegħi, meta l-jum kollu kienu jgħiduli "Fejn hu Alla tiegħek?..."*

- **v.8 - Mill-ġdid**

It-tentatur huwa insistenti, għalhekk: *Kunu meqjusa u għassu. L-għadu tagħkom ix-xitan qisu ljun jgħajjat, idur u jfittex 'il min sa jibla'* (1Pt 5, 8).

- **v.8 - ix-xitan ħadu miegħu fuq muntanja għolja ħafna, urieh is-saltniet kollha tad-dinja bil-glorja tagħhom, u qallu:**

Ix-xenarju jinbidel għal darb'oħra u issa Ġesù merfugħ fil-għoli ħafna huwa mġarrab biex jikseb suċċess b'kundizzjoni. Dan l-irfiegħ huwa proposta alternattiva kontra l-irfiegħ l-ieħor li għandu jseħħ, jigifieri li: *kif Mosè refa' s-serp fid-deżert hekk jeħtieġ li jkun merfugħ Bin il-Bniedem, biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem* (Ġw 3, 14).

- **v.9 - "Dawn kollha nagħtihomlok jekk tinxteħet tqimni."**

L-awtorità fuq is-saltniet hija verità kif hemm miktub, jiġifieri li: *ix-xitan wieġeb lill-Mulej u qallu: "Minn dawra mad-dinja, kont nitlajja 'l hawn u 'l hemm"* (Ġob 1, 7), jew hija gidba: *qiegħed jitkellem talli hu, għax dak giddieb u missier il-gideb* (Ġw 8, 44)?

- **v.10 - Imma qallu Ġesù: "Itlaq, Xitan,**

Ġesù jikxef lit-tentatur billi jsejjaħlu b'ismu 'Xitan' u hekk iqiegħdu taħt riġlejh (ara Salm 8,6 u 1Kor 15, 20-28). Din it-tentazzjoni wkoll terġa' titfaċċa meta *Ġesù dar u qal lil Pietru: "Itlaq minn quddiemi, ja xitan! Int tfixkil għalija, għax m'intix tqis il-ħwejjeġ ta' Alla, imma qiegħed taħsibha ta' bniedem li int!'... Għax xi jkun jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ħajtu?* (Mt, 16, 23. 26).

- **v.10 - għax hu miktub: 'Il-Mulej, Alla tiegħek tqim, u lilu waħdu taqdi."**

*Qis li ma tinsiex lill-Mulej, li ħarġek mill-Eġittu, minn dar il-jasar. Tibża' mill-Mulej, Alla tiegħek, lilu isservi u taħlef b'ismu. Tmurx wara allat oħra, l-allat tal-ġnus l-oħra ta' madwarek.* (Dt 6, 12-15)

- **v.11 - Imbagħad ix-xitan ħallieh u ara ġew xi anġli jaqduh.**

*Mela oqogħdu għar-rieda ta' Alla. Ieqfu lix-xitan, u hu jaħrab minnkom* (Ġak 4, 7). Dak li Ġesù ma talabx b'miraklu, jiġi mogħti lilu issa b'rigal ħalli issa jseħħ dak li hemm miktub fis-Salm 91.

## MEDITATIO

*Hemm bżonn li wieħed jgħaddi mid-deżert u jieqaf jirċievi l-grazzja t'Alla; hemmhekk huwa l-post fejn wieħed jitbattal, dak kollu li mhuwiex Alla jsir xejn u titbattal id-dwejra ta' ruħna biex tagħmel il-wisa' kollu għal Alla biss.*
*Mhijiex it-tentazzjoni li hija qawwija, iżda hu jien li jien dgħajjef.*
(Charles De Foucauld, espert tad-deżert)

*Kieku x-xitan jista' jitkellem, jgħid: jien hu dak li miniex.*
*L-ikbar ingann tax-xitan huwa li naħsbu li ma jeżistix u l-aħħar ingann tiegħu hija x-xniegħa li miet.*
(Charles Baudelaire, kittieb franċiż)

*Hemm uħud li x-xitan ma jtellifhomx milli jagħmlu t-tajjeb, għaliex it-tajjeb li jagħmlu għandu bżonnu hu biex iqarraq bihom.*
(Louis Lallemant fil-ktieb *Spiritual Doctrine*)

*Fil-bidu huwa biss ħsieb, imbagħad isir xbieha iktar ħajja: u wara huwa pjaċir, ċaqlieqa diżordinata: fl-aħħar jintlaqa'. Din hija t-tattika ta' l-għadu meta wieħed ma jieqaflux mill-ewwel fit-tiġrib.*
(Kempis fil-ktieb *l-Imitazzjoni ta' Kristu)*

*Fil-gwerra tas-sensi jirbaħ min jaħrab lura.*
(Don Bosco)

Kristu fit-tiġrib tiegħu huwa mġarrab biex ibiddel il-ġebel f'ħobż ħalli jitrejjaq. F'dawk il-jiem ta' deżert f'ħajtek, meta tħossok bla ħeġġa, mitluq, għajjien, waħdek, niexef fl-ispirtu, niexef fis-sentimenti, eċċ, b'liema ħwejjeg titrejjaq? Liema ġebel tibdel f'ħobż?

## ORATIO

Mil-Liturġija tas-Sigħat

*O Ġesù, bl-eżempju tiegħek*
*int qaddist is-sawm għalina:*
*u biex nieħdu s-saħħa f'ruħna,*
*minna wkoll ridt sawm u ċaħda.*

*Imgħallmin bi drawwa mqaddsa,*
*nagħmlu l-qalb sabiex niċċaħdu,*
*b'rażna sħiħa u għemil tajjeb*
*matul dawn l-erbgħin ġurnata.*

*Mela nżommu l-qjies f'kull ħtieġa,*
*b'għassa tajba fuqna nfusna,*
*sew fi kliem, jew xorb jew ikel,*
*sew fi rqad, mistrieħ u faraġ.*

*Ma nħallux il-ħsieb jixxerred*
*fuq frugħat li jġibu l-ħsara,*
*anqas nagħtu t-tarf lill-għadu*
*biex jonsobna u jqarraq bina.*

*Jalla nħossu l-ġuħ għal Sidna,*
*biex jitmagħna bih innifsu:*
*xewqat tajba fina jnissel,*
*u jħarisna minn kull ħażen.*

*Bħala don, l-Ispirtu s-Santu*
*jagħti l-qawwa lit-talb tagħna,*
*ħalli nrażżnu l-ġibdiet koroh,*
*imma nħeġġu l-qalbna bierda.*

*Agħti widen, Mulej Alla,*
*nitolbuk bid-dmugħ f'għajnejna*
*nersqu lejk f'daż-żmien imqaddes*
*tar-Randan, sogħbiena u niedma.*

*Issa huwa ż-żmien it-tajjeb,*
*li l-Mulej qiegħed jagħtina,*
*sabiex fih is-saħħa dgħajfa*
*ta' kull ruħ mill-ġdid titqawwa.*

<u>Mil-Liturġija tal-Quddiesa ta' l-1 Ħadd tar-Randan</u>

*O Alla, li taf bid-dgħjufija tan-natura tal-bniedem feruta mid-dnub, agħti lill-poplu tiegħek li bil-qawwa tal-kelma jibda l-mixja tar-Randan, ħalli jirbaħ l-ingann tal-ħażen biex hekk jasal għall-Għid fil-ferħ ta' l-Ispirtu. B'Ibnek Ġesu Kristu…*

*Tqarbinna, Mulej, bl-ikel tas-sema, għallimna nħossu l-bżonn li nieklu lil dak li hu tassew il-ħobż ħaj, u li ngħixu tabilħaqq b'kull kelma li toħroġ minn fommok. Bi Kristu Sidna.*

## COLLATIO

Il-Kelma li ħarġet minn fomm Alla li nixtieq ngħix biha matul dan ir-Randan.

## ACTIO

Fit-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija, il-Knisja ssaqsik:
Tiċħad lid-dnub, biex tgħix fil-ħelsien ta' iben Alla?
Tiċħad il-qerq tal-ħażen, biex id-dnub ma jaħkimx fuqek?

Liema hu d-dnub jew il-qerq tal-ħażen li inti tixtieq/trid tiċħad fi żmien ta' grazzja ta' dan ir-Randan?
Il-vojt li ser tħalli tali ċaħda, b'liema Kelma t'Alla tixtieq/trid li jimtela?

## 2.2. It-Tieni Ħadd tar-Randan A – Mattew 17, 1-9

*...ilbiesu sar abjad bħad-dawl*

**LECTIO**

- **v.1 - F'dak iż-żmien: Ġesù ħa miegħu 'l Pietru u 'l Ġakbu u 'l ħuh Ġwanni weħidhom,**

Pietru, Ġakbu u Ġwanni huma l-appostli magħżula biex jaraw u jkunu xhieda tal-miraklu tal-qawmien tat-tifla ta' Ġajru, magħmul fl-intimità għaliex minbarra lill-ġenturi tat-tifla, Ġesù *ma ħalla lil ħadd imur miegħu ħliefhom* (Mk 5, 37). Huma wkoll preżenti għall-ġrajja glorjuża tat-trasfigurazzjoni kif ukoll huma qrib Ġesu fil-Ġetsemani huwa *u beda jsewwed qalbu u jiddejjaq* (Mt 26, 37). Fl-aħħarnett huma dawn it-tlieta li flimkien ma' Indrì *resqu jistaqsuh (lil Ġesù) rasu u rashom* (Mk 13, 3) meta u x'kien se jkun is-sinjal li t-tiġrif tat-tempju hu fil-qrib.

- **V.1 - tellagħhom fuq muntanja għolja,**

Jekk fl-ewwel Ħadd tar-Randan huwa x-xitan li jieħu lil Ġesù *fuq muntanja għolja ħafna* (Mt 4, 8), issa huwa Ġesù li jtella' lit-tliet appostli miegħu fuq muntanja għolja ħafna. Fl-Antik Testment, il-muntanja hija l-post fejn Alla jiltaqa' u juri lilu nnifsu lill-magħżulin tiegħu: Abraham jara b'għajnejh u jistqarr li *fuq il-muntanja, il-Mulej jipprovdi* (Ġen 22); Alla jsejjaħ lil Mosè f'ħuġġieġa nar meta dan kien *ħdejn Ħoreb, il-muntanja tal-Mulej* (Eż 3, 1), u imbagħad fid-deżert *Mosè tala ħdejn Alla, u l-Mulej sejjaħlu mill-muntanja* (Eż 19, 3); Elija waħdu u maħrub mexa *sa ma wasal Ħoreb, il-muntanja tal-Mulej* (1 Slat 19, 8) fejn imbagħad Alla kellmu (1 Slat 19, 12). Fl-evanġelju wkoll, Ġesù jagħżel il-muntanji u l-għoljiet biex hemm jiltaqa' m'Alla fit-talb: *wara li bagħat lin-nies, tela' waħdu fuq il-għoljiet biex jitlob. Xħin sar filgħaxija kien għadu hemm fuq, waħdu* (Mt 14, 23); biex minn hemm iħabbar it-tiġrif tat-tempju (ara Mt 24, 3); biex ilaqqa' lill-bnedmin m'Alla permezz tal-kelma mħabbra: *tela' fuq il-muntanja, qagħad bil-qiegħda... fetaħ fommu u qabad jgħallimhom* (Mt 5, 1) u biex juri l-glorja mogħtija lilu bħal fil-każ t'issa tat-trasfigurazzjoni, fit-tkattir tal-ħobż (ara Ġw 6, 3), fil-għolja taż-Zebbuġ (ara Ġw 18, 1-11), fil-post jgħidulu l-Qorriegħa, kif ukoll fit-tlugħ fis-sema (ara Mt 28, 16).

- **v.2 - u tbiddel quddiemhom.**

Il-bidla ta' Ġesù turi mill-bogħod il-glorja li huwa kellu jikseb fil-qawmien tiegħu: *Rajna b'għajnejna aħna stess il-kobor tiegħu meta hu ħa mingħand Alla l-Missier ġieħ u sebħ* (2 Pt 1, 16 -17); u t-tiġdid sħiħ li għad irid iseħħ: *Hu għad irid ibiddlilna l-ġisem imsejken tagħna fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu, bil-qawwa tas-setgħa li għandu li jġib kollox taħtu* (Fil 3, 21). Sa ma jasal dak il-jum mistenni tibqa' tgħodd l-istedina ta' Pawlu: *Timxux max-xejra ta' din id-dinja, iżda nbidlu skond it-tiġdid ta' fehmietkom, biex iseħħilkom tagħrfu x'inhi r-rieda ta' Alla, x'inhu li jogħġbu, x'inhu perfett* (Rum 12, 2).

- **v.2 - Wiċċu sar jiddi bħax-xemx,**

Ġesù mibdul huwa Mosè il-ġdid, li jiltaqa' m'Alla fis-sħaba u wiċċu jixgħel: *Ġara li, meta niżel minn fuq il-muntanja tas-Sinaj biż-żewġ twavel tax-xhieda f'idu, Mosè ma kienx jaf li l-ġilda ta' wiċċu kienet tiddi billi kien qorob lejn Alla* (Eż 34, 29; ara 2 Kor 3, 7-8). Dan hu l-iben ta' bniedem tad-dehriet apokalittiċi: *wiċċu jleħħ bħal berqa* (Dan 10, 6), *wiċċu kien jiddi bħax-xemx fl-eqqel tagħha* (Apok 1, 16).
Il-bidla li seħħet f'wiċċ Kristu hija l-ewwel dehra ta' dik il-bidla li: *Aħna lkoll, li b'wiċċna mikxuf nirriflettu l-glorja tal-Mulej, qegħdin ninbidlu fl-istess xbieha minn glorja għal glorja skond ma jagħtina l-Mulej, li hu Spirtu* (2Kor, 3, 18). Il-bidla mwettqa minn Alla fil-bniedem hija bħal dik il-bidla mid-dlam għad-dawl għaliex: *Dan Alla li qal: "Ħa jiddi d-dawl mid-dlam", dak*

*hu li idda fi qlubna biex jagħtina d-dawl ta' l-għarfien tal-glorja ta' Alla, li tiddi f'wiċċ Kristu* (2Kor 4, 6).

- **v.2 - u lbiesu sar abjad bħad-dawl.**

Il-libsa bajda u mdawwla turi lil Kristu rebbieħ, liema rebħ għadu jseħħ f'dawk li jemmnu fih u li bħalu huma mġarrba u mgħoddija mill-mewt għall-ħajja: *f'dan kollu aħna aktar minn rebbieħa bis-saħħa ta' dak li ħabbna* (Rum 8, 37). Għalhekk l-ilbies abjad jibqa' s-sinjal distintiv tar-rebbieħa li għandhom sehem mit-tbatija salvifika ta' Kristu, għaliex: *huma dawk li ġejjin mit-taħbit il-kbir, u l-ilbiesi tagħhom ħasluhom u bajduhom fid-demm tal-Ħaruf* (Apk 7, 14), kif ukoll mir-rebħ glorjuż tiegħu: *ir-rebbieħ għad ixidd fuqu lbies abjad, u jiena mhux talli ma nħassarlux ismu minn ktieb il-ħajja, imma nistqarrlu ismu quddiem Missieri u quddiem l-anġli tiegħu* (Apk 4, 5). L-ilbies glorjuż imlibbes mill-Missier huwa f'kuntrast ma' dak li: *Erodi, flimkien mas-suldati tiegħu, beda jżebilhu u jgħaddih biż-żufjett, libbsu libsa bajda tlellex u bagħtu quddiem Pilatu* (Lq 23, 11).

- **v.3 - U dehrulhom Mosè u Elija jitħaddtu miegħu.**

Dawn huma ż-żewġ figuri kbar ta' l-Antik Testment li jiġbru fihom it-tama kollha t'Israel. Huma jirrappreżentaw il-liġi u l-profeti li fi Kristu jsibu l-milja tagħhom: *Xejn taħsbu li ġejt inwaqqa' l-liġi jew il-profeti; jiena ma ġejtx biex inwaqqagħhom, iżda biex inwassalhom għall-perfezzjoni* (Mt 5, 17). Il-fatt li Ġesù ma jxejjinhomx, juri kemm il-liġi u l-profeti jibqgħu mezzi validi għall-indiema u għat-tisħiħ tal-fidi: *Qallu Abraham, "Għandhom lil Mosè u l-profeti: jisimgħu lilhom." "Le, missier, Abraham" qallu dak, "imma jekk imur għandhom xi ħadd mill-imwiet, jindmu." Iżda wieġbu Abraham, "Jekk ma jisimgħux lil Mosè u l-profeti, anqas jekk iqum xi ħadd mill-imwiet ma jemmnu"* (Lq, 16, 29-31).
L-istess missjoni ta' San Pawl tixhed għal din il-verità meta jgħid li: *Bil-għajnuna li kelli mingħand Alla jien bqajt sa dan il-jum nixhed liż-żgħar u lill-kbar, u ma ngħidx ħaġa oħra ħlief dak li l-profeti u Mosè qalu li kellu jsir, jiġifieri, li l-Messija kellu jbati u jkun l-ewwel wieħed li jqum mill-imwiet, u jħabbar id-dawl kemm lil-poplu ta' Israel u kemm lill-pagani* (Att 26, 22); u band'oħra meta jgħid li: *għamel kemm felaħ biex jipperswadihom permezz tal-Liġi ta' Mosè u l-profeti ħalli jemmnu f'Ġesù Kristu* (Atti 28, 23).

- **v.4-5 - Qabeż Pietru qal lil Ġesù: "Mulej, kemm hu sew li aħna hawn! Jekk trid, intella' hawn tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè, u waħda għal Elija." Kif kien għadu jitkellem, sħaba kollha dawl għattiethom, u minn ġos-sħaba nstema' leħen**

Fl-Antik Testment is-sħaba hija s-sinjal tal-preżenza t'Alla: *Mosè tala' fuq il-muntanja u s-sħaba ksiet il-muntanja: fit-tielet jum mas-sebħ kien hemm ragħad u beraq u sħab oħxon għatta l-muntanja…* (Eż 19, 16); *Il-glorja tal-Mulej strieħet fuq il-muntanja tas-Sinaj u s-sħaba ksietha għal sitt ijiem; u fis-seba' jum il-Mulej sejjaħ lil Mosè minn ġo nofs is-sħaba* (Eż 24, 15); *imbagħad is-sħaba ksiet it-tinda tal-laqgħa, u l-glorja tal-Mulej imliet it-tabernaklu* (Eż 40, 34); *meta daħal dak ir-raġel, il-kerubini kienu wieqfa n-naħa tal-lemin tat-tempju, u s-sħaba kienet timla l-bitħa ta' ġewwa* (Eżek 10, 3). Hija sħaba wkoll li tgħatti d-dehra ta' Ġesù lid-dixxipli tiegħu: *huma u jħarsu lejh, kien meħud 'il fuq, u sħaba ħadithulhom minn quddiem għajnejhom* (Atti 1, 9). Kemm 'is-sħaba' kif ukoll 'id-dawl' f'din is-silta jissemmew għal darbtejn; dawn huma proprjetajiet t'Alla: *Sħab u dlam hemm madwaru* (Salm 97, 2); *Mulej, int kbir bil-bosta. Bis-sebħ u l-ġmiel inti mlibbes, bid-dawl, bħal b'mantell inti mkebbeb* (Salm 104, 1).

- **v.5 - jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż, li fih sibt il-għaxqa tiegħi;**

Pietru jixhed għal dan il-leħen meta jikteb li: *leħen mit-Tron glorjuż instema' jgħid għalih: Dan hu Ibni il-għażiż tiegħi, li bih jiena nitgħaxxaq. Aħna smajnieh dan il-leħen ġej mis-sema meta konna miegħu fuq il-muntanja mqaddsa* (2 Pt 1, 17-1). Il-għaxqa li l-Missier sab f'Ġesù tfakkar fl-għaxqa li Abraham sab f'ibnu il-waħdieni (ara Ġen 22, 2), però din id-darba s-sagrifiċċju jseħħ

fil-milja kollu tiegħu għaliex dan l-Iben il-waħdieni t'Alla ġie mogħti *biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem* (Ġw 3, 16). It-teofanija tal-ġrajja tat-trasfigurazzjoni tixbaħ ħafna lit-teofanija tal-Ġordan (ara Mt, 3, 17), għaliex kbira hi r-rabta li hemm bejn il-magħmudija u t-trasfigurazzjoni ta' Kristu, liema rabta hija neċessarja wkoll bejn il-magħmudija u t-trasfigurazzjoni tan-nisrani.

- **v.5 - Isimgħu lilu."**

Din l-istess stedina tal-Missier tagħmilha wkoll l-Omm fil-ġrajja ta' Kana: *Agħmlu dak li jgħidilkom hu* (Ġw 2, 5); hawnhekk il-bdil tas-sura ta' Ġesù huwa stedina għall-fidi u turija tal-glorja tiegħu; f'Kana wkoll fis-sinjal ta' l-ilma mibdul fl-inbid Ġesù: *wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli emmnu fih* (Ġw 2, 11).

- **v.6 - Id-dixxipli, kif semgħu dan, waqgħu wiċċhom fl-art, mimlijin bil-biża'.**

Ir-reazzjoni tad-dixxipli hija dik tal-bniedem meta jsib ruħu quddiem id-dehra t'Alla: Abraham meta jilqa' lit-tlett irġiel f'Mamre (Ġen 18, 1-3), il-poplu dak in-nhar ta' l-ewwel sagrifiċċju fit-tinda tal-laqgħa (Lev 9, 24), Ġożwè quddiem 'il-kaptan fl-eżerċtu tal-Mulej' (Ġoż 5, 14) u dak in-nhar tat-telfa quddiem il-bejt ta' Għaj (Ġoż 7, 6), Manuħa u martu waqt is-sagrifiċċju tagħhom (Imħ 13, 20), Dagon meta laqa' l-arka fit-tempju tiegħu (1 Sam 5, 3), David u x-xjuħ meta batew il-pesta (1 Kron 21, 16), Esdra u l-poplu dakinhar meta nqrat il-liġi fil-festa ta' l-għerejjex (Neħ 8, 6), Tobija u martu meta saru jafu min kien Rafel (Tob 12, 16), Eżekjel fid-dehriet li kellu (Eżek 1, 28; 43, 3; 44, 4), Danjel fid-dehra li kellu ħdejn it-Tigri (Dan 10, 15), l-istess Ġesù fil-Ġetsemani (Mt 26, 39), id-dixxipli wara li rawh miexi fuq l-ilma (Mt 14, 33) u wara l-qawmien tiegħu (Mt 28, 17), u Ġwanni fil-bidu tad-dehriet tiegħu (Apk 1, 17).

- **v.7 - Ġesù resaq lejhom, messhom**

L-id ta' Ġesù hija l-istess id t'Alla li tfejjaq: *imbagħad messilhom għajnejhom* (Mt 9, 29; Mk 8, 22), *medd idu fuqu, messu u qallu: Irrid, kun imfejjaq* (Mt, 8, 3); *daħħal subgħajh f'widnejh u messlu lsienu bir-riq tiegħu* (Mk 7, 33); hi l-istess id li tordna: *resaq u mess it-tebut* (Lq 7, 14); u li tqawwi bħal fil-każ t'issa.

- **v.7 - u qalilhom: "Qumu, tibżgħux."**

Ir-rebbieħ fuq il-mewt jistieden għall-qawmien lil dawk li huma reqdin: *Qumu! Ejjew immorru! Araw, dak li se jittradini huwa fil-qrib* (Mt, 26, 46); lill-mifluġin: *Qum, aqbad il-mitraħ u mur lejn darek* (Mt 9, 6), *Qum, mur: il-fidi tiegħek salvatek* (Lq 17, 19); lill-mejtin: *Talitha, qum!* (Mk 5, 41), *Żagħżugħ, qiegħed ingħidlek, qum!* (Lq, 7, 14).
Jekk il-biża' daħal fil-bniedem minħabba fid-dnub: *bżajt għax jien għarwien* (Ġen 3, 10), Ġesù huwa l-ħellies mid-dnub u mill-effetti marbutin miegħu, mid-diversi forom ta' biża' li jġarrab il-bniedem: *Ġesù qal lil Xmun: Tibżax; minn issa 'l quddiem tkun taqbad in-nies* (Lq 5, 10); *minnufih kellimhom u qalilhom: Agħmlu l-qalb, jien hu, tibżgħu xejn* (Mt 14, 27); *Ġesù sema x'kienu qegħdin jgħidu u qal lill-kap tas-sinagoga: Tibżax, biss inti emmen* (Mk 5, 36); *le, merħla ċkejkna, tibżgħu xejn, għax Missierkom għoġbu jagħtikom is-Saltna* (Lq 12, 32); *tibżgħu xejn: morru wasslu l-aħbar lil ħuti biex jitilqu lejn il-Galilija; lili jarawni hemmhekk* (Mt 28, 10).

- **v.8-9 - Huma refgħu għajnejhom u ma raw 'il ħadd ħlief 'il Ġesù. Huma u niżlin minn fuq il-muntanja, Ġesù ordnalhom u qalilhom: "Tgħidu lil ħadd b'din id-dehra sa ma Bin il-bniedem ikun qam mill-imwiet."**

Bosta drabi wara xi mirakli Ġesù għamel stediniet ta' din ix-xorta: liż-żewġ għomjin jgħidilhom: *Qisu li ħadd ma jsir jaf b'dan* (Mt 9, 31); lill-imġiddem jistiednu: *Qis li ma tgħid lil ħadd: iżda mur uri ruħek lill-qassis u agħmel l-offerta li ordna Mosè, biex hekk tagħti xhieda li int fiqt* (Mt

8, 4); lit-trux u lill-mbikkem: *Ġesù wissiehom biex ma jgħidu lil ħadd, iżda aktar ma wissiehom, aktar bdew ixandruh* (Mk 7, 36).

## MEDITATIO

*Il-bniedem tal-lum jisma' iktar mix-xhud milli mill-imgħallmin, u jekk jisma' mill-imgħallmin dan jagħmlu għax ikun xhud.*
(Pawlu VI fl-Eżortazzjoni apostolika *Evangelizzazione nel mondo contemporaneo*)

*O intom li taraw, x'għamiltu bid-dawl?*
(Paul Claudel fir-rumanz *La scarpina di raso*)

*Mhux biżżejjed li temmen, hemm bżonn li tkun ta' min jemmnek.*
*(Gilbert Cesborn)*

*Ħajjitna kollha tista' tkun xandira waħda ta' l-evanġelju permezz ta' l-eżempju tagħna.*
(Ċharles de Foucauld, il-mibdul minn Alla)

*Jekk int ma tridx li tkun tali mod li Alla jkun għalik missierek, Alla ma jkunlikx; ma jistax u l-anqas irid.*
(Søren Kierkegaard ħassieb fil-ktieb *Diary*)

*Il-proġett tal-magħmudija huwa miġbur f'dawn il-kelmiet: issir iben Alla.*
(Louis Lochet teologu fil-ktieb *Figli di Dio*)

*Irridu nsir l-ulied li aħna.*
(Michel Quoist)

*Il-ħajja fi Kristu hija bħal libsa, magħmula minn għemejjel tajba, ħjut li jiffurmaw u jagħtu is-saħħa lid-drapp. Bħalma libsa b'tiċrita titlef il-valur tagħha, avolja l-bqija jibqa' f'kundizzjoni tajba, hekk ukoll int, jekk titlob, taħdem… imma mintix niedem, jew bil-maqlub, il-ħajja tiegħek mhix sħiħa.*
(Josemaria Escrivá fil-ktieb *Solco*)

*L-ilbies huwa lingwa għax jesprimi lil min jilbsu u jitkellem dwaru.*
(Gianni Versace stilista)

## ORATIO

<u>Mil-Liturġija tal-Quddiesa tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej (6 t'Awissu)</u>

*O Alla, fit-trasfigurazzjoni glorjuża ta' Ibnek il-waħdieni, int saħħaħt il-misteri tal-fidi bix-xhieda ta' missirijietna, u b'mod ta' l-għaġeb urejt minn qabel kif aħna nsiru tassew ulied adottivi tiegħek, agħmel li aħna, qaddejja tiegħek, nisimgħu leħen Ibnek il-għażiż biex jistħoqqilna nsiru werrieta miegħu, Ibnek Ġesù Kristu Sidna…*

<u>Mil-Liturġija tas-Sigħat tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej (6 t'Awwissu)</u>

*Dawl minn dawl, Feddej tad-dinja,*
*O Ġesù, fit-tjieba tiegħek,*
*ilqa' x-xhieda ta' foħrija,*
*li mat-talb qegħdin noffrulek.*

*Inti dhert fil-glorja tiegħek,*
*lid-dixxpili fuq it-Tabor,*
*wiċċek sar bħax-xemx bid-dija,*
*bjad u leqq bħas-silġ ilbiesek.*

*B'din id-dehra hekk glorjuża,*
*Kristu għoġbu llum jurina*
*il-ġieħ kbir ta' kull min jemmen*
*u jirċievi l-adozzjoni.*

*Fuq it-Tabor, f'dawl tal-għaġeb, Kristu wriena l-glorja kbira,*
*li għad jilbsu l-ulied t'Alla, kif bis-sħiħ tittama l-Knisja.*

*O Ġesù, tifkirtek ħelwa,*
*timla 'l qalbna b'ferħ is-sema;*
*iżda oħla wisq mill-għasel*
*hi l-preżenza tiegħek fostna.*

*Int li għoġbok issir bniedem*
*ħalli ssalva dak li ntilef,*
*għinna nsiru lkoll bil-grazzja*
*membri sħaħ tal-ġisem tiegħek.*

*Meta tiġi żżur lil qalbna,*
*dawl is-sewwa jiddi fuqha,*
*il-frugħat li jgħibu tmqadar,*
*u titħeġġeġ b'nar l-imħabba.*

*Xerred fuqna l-maħfra tiegħek,*
*biex ngħożżuk, Ġesù fuq kollox;*
*u mexxina lejk bil-ħeffa*
*sa narawk fil-glorja tiegħek.*

*Infaħħruk, Ġesù, Bin Alla,*
*għaxqa u għożża ta' Missierek,*
*li bl-Ispirtu wriek lid-dinja*
*bħala d-dija tas-sebħ tiegħu.*

## ACTIO

Nhar jum il-magħmudija tiegħek, inti ġejt imlibbes libsa bajda, illum il-Knisja qed terġa' tfakkrek u ttennilek li:
Int sirt ħolqien ġdid u lbist 'l Kristu.
Qis li din il-libsa bajda tkun għalik sinjal tad-dinjità tiegħek.
Bil-għajnuna tal-kelma u l-eżempju ta' qrabatek, żommha fuqek bla tebgħa sal-ħajja ta' dejjem. Amen.

## 2.3. It-Tielet Ħadd tar-Randan A - Ġwanni 4, 5-52

*Agħtini dan l-ilma, Sidi,*
*biex ma jeħodnix il-għatx…*

**LECTIO**

- **v.5-6 - F'dak iż-żmien: Ġesù ġie f'belt tas-Samarija jisimha Sikar, qrib il-biċċa art li Ġakob kien ta lil ibnu Ġużeppi, fejn kien hemm ukoll il-bir ta' Ġakobb.**

Il-laqgħa ħdejn il-bir hija komuni għall-ħajja ta' wħud mill-patrijarki: iż-żwiġijiet ta' Iżakk, Ġakobb u Mosè jafu l-bidu tagħhom ħdejn bir: il-qaddej ta' Abram huwa u jfittex mara għal Iżakk (Ġen 24, 1-67); Ġakobb hekk kif jasal għand Laban jiltaqa' ma' Rakel (Ġen 29, 1-14); Mosè maħrub f'Midjan jiltaqa' ma' Żiffora (Eż 2, 11-25).

- **v.6-7 Kienet madwar is-sitt siegħa (nofs in-nhar), u Ġesù, għajjien kif kien mill-mixi, qagħad bilqiegħda ħdejn il-bir. Dak il-ħin waslet mara mis-Samarija timla l-ilma,**

Il-ħin li fih tmur timla l-ilma din il-mara mhuwiex skond id-drawwa msemmija f'Ġenesi 24, 11, jiġifieri: *għall-ħabta ta' fil-għaxija meta n-nisa joħorġu jimlew l-ilma*. Din il-mara ma żżomx din id-drawwa: għaliex?
Kemm fix-xeni ta' l-Antik Testment kif ukoll fix-xena tal-vanġelu hemm tliet elementi komuni: (i) raġel fi vjaġġ; (ii) art barranija; (iii) bir.
Ix-xeni kollha ta' l-Antik Testment għandhom l-istess tifsila, jiġifieri li raġel jasal ħdejn bir, tasal imbagħad mara jew iżjed, jinħoloq djalogu fejn jew ir-raġel jitlob l-ilma biex jixrob jew inkella huwa r-raġel li jagħti l-ilma għax-xorb (ara Ġakobb u Mosè), il-mara jew in-nisa jmorru lura f'darhom u jirrakkuntaw il-laqgħa tagħhom, il-familjari jistiednu lir-raġel f'darhom u fl-aħħar jiġi ffissat żwieġ. F'kelma waħda, il-mara li tmur ħdejn il-bir hija l-għarusa futura tar-raġel li miegħu tiltaqa'.
Is-silta tal-vanġelu ssegwi din it-tifsila iżda ma tagħlaqx bi żwieġ u dan għaliex l-iskop wara din il-laqgħa mhuwiex iż-żwieġ iżda l-laqgħa vera m'Alla l-ħaj.

- **v.7 - u Ġesù talabha: "Agħtini nixrob.'**

Dan il-pjaċir ifakkar fl-għatx li kellu l-mislub meta talab u qal: *Għandi l-għatx!* (Ġw 19, 28) *biex isseħħ il-kitba: Sqewni l-ħall meta kont bil-għatx* (Salm 69, 22); *Ninsab bħall-ilma msawwab, Għandi għadmi maqlugħ kollu; qalbi hi bħal xemgħa, iddub gewwa fija. Ħalqi niexef bħal xaqqufa, ilsieni mwaħħal ma' ħnieki; ninsab mitfugħ fuq trab il-mewt* (Salm 22, 15-16).

- **v.8 - Għax id-dixxipli kienu marru l-belt biex jixtru x'jieklu.**

Is-Samaritana tibqa' weħidha ma' Ġesù li ser ikellem lil qalbha. Dan id-djalogu huwa xbieha ġdida ta' dak li Alla għamel mal-poplu u li l-istorja taż-żwieġ ta' Hosegħa hija 'sinjal': *Għalhekk, araw, jiena se niġbidha, neħodha fid-deżert u lil qalbha nkellem* (Ħos 2, 16).

- **v.9 - Il-mara mis-Samarija qaltlu: "Kif! Int Lhudi u titlob lili, Samaritana, biex nagħtik tixrob?" Qaltlu hekk għax il-Lhud ma jitħalltux mas-Samaritani.**

Qawl antik jgħid: *B'żewġt iġnus hi mxabba' ruħi, u t-tielet wieħed m'hu ġens xejn: dawk li joqogħdu fuq il-għolja ta' Xegħir u l-Filistin, u l-poplu iblaħ li joqgħod f'Sikem* (Sir 50, 25-26). L-oriġni tas-Samaritani taf il-bidu tagħha lil Sargon II, Sultan ta' Assirja, li wara li l-Lhud kienu ġew eżiljati, minflokhom ġieb joqgħodu f'arthom nies meħuda minn ħames popli barrranin pagani (2 Slat 17, 24-41), xebħ kbir mal-ħamest'irġiel li kienet iżżewġet il-mara (ara vers 18).

**v.10 - U Ġesù weġibha: "Kieku kont taf id-don ta' Alla u min hu dak li talbek jixrob, kieku int kont titolbu, u hu kien jagħtik ilma ħaj."**

Id-don t'Alla huwa l-Ispirtu s-Santu, kif jistqarr Pietru nhar Għid il-Ħamsin: *Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu* (Atti 2, 38). Il-preżenza, l-intervent u l-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu huma indispensabbli fil-mixja ta' ndiema, fil-mixja ta' bidla fil-qalb, fil-ħsieb, fil-kliem u fl-għemil, fil-mixja lejn Alla, għaliex mingħajr Alla, kull bidla fil-bniedem tkun biss frott sforz jew rieda qawwija umana, u bħala tali neqsin minn dak kollu li jagħti u jwassal għall-ħajja ta' dejjem.

- **v.11-14 - Hi qaltlu: "Sidi, mnejn se ġġib l-ilma ħaj jekk anqas biex timla ma għandek u l-bir huwa fond? Jaqaw int aqwa minn missierna Ġakobb li tana dan il-bir li minnu xorob hu u miegħu wliedu u l-imrieħel tiegħu?" Weġibha Ġesù: "Kull min jixrob minn dan l-ilma jerġa' jagħtih il-għatx; imma kull min jixrob mill-ilma li nagħtih jien ma jkun qatt bil-għatx. L-ilma li nagħtih jien isir fih għajn tnixxi ilma li jasal sal-ħajja ta' dejjem."**

Dan il-kliem huwa kkonfermat fil-kitba l-oħra meta: *Fl-aħħar jum tal-festa, il-jum l-aktar solenni, Ġesù qam jgħid b'leħen għoli: "Min jieħdu l-għatx, jiġi għandi u jixrob. Kif tgħid l-Iskrittura, min jemmen fija, minnu joħorgu xmajjar ta' ilma ħaj." Dan qalu għall-Ispirtu li kellhom jirċievu dawk li jemmnu fih, għax l-Ispiru kien għad ma ngħatalhomx billi Ġesù kien għadu ma ġiex igglorifikat.*

- **v.15 - Qaltlu l-mara: "Agħtini dan l-ilma, Sidi, biex ma jeħodnix il-għatx, anqas ma noqgħod ġejja u sejra nimla l-ilma."**

Dan hu l-kliem li jikxef il-qagħda miżerabbli li fiha jinsab il-bniedem li mhuwiex sodisfatt f'ħajtu, li huwa midneb għax nieqes mill-imħabba, għatxan għal imħabba kbira. Din il-mara li ġejja u sejra timla l-ilma mill-bir li ma jaqtax il-veru għatx ta' ħajjitha, hija xbieha perfetta ta' kif iġib ruħu l-bniedem m'Alla: *tnejn huma d-dnubiet tal-poplu tiegħi, telqu lili, il-għajn ta' l-ilma ġieri, biex ħaffru bjar għalihom, bjar miksura li ma jżommux ilma* (Ġer 2, 13); *Għax ommhom żniet, dik li wildithom waqgħet fil-għajb għax hi qalet: Jiena mmmur wara ħbiebi għax huma tawni l-ikel u l-ilma, is-suf u l-għażel, iż-żejt u x-xorb tiegħi* (Hos 2, 7).
San Pawl iżid jgħid lil dawk li kienu emmnu fi Kristu li: *Jekk l-Ispirtu ta' dak li qajjem lil Ġesù mill-imwiet jgħammar fikom, Alla stess li qajjem lil Kristu mill-imwiet iqajjem għall-ħajja wkoll il-ġisem mejjet tagħkom, bis-saħħa ta' l-ispirtu li jgħammar fikom* (Rum 8, 11).
L-ilma ta' kuljum għal min jemmen huwa l-Ispirtu t'Alla ħaj, li jagħti s-saħħa biex dak li jkun jieqaf darba għal dejjem mil-ħafna 'ġej u sejjer', jieqaf l-istil ta' ħajja mmexxija mill-ġisem, jieqaf il-mixi li jwassal għall-mewt: *ħalli hekk meta tmewwet l-għemil tal-ġisem bl-Ispirtu, tgħix* (Rum 8, 13).
Il-mara li qed titlob l-ilma hija xbieha tat-talba li trid tkun fuq fomm min jemmen: *Mela jekk intom, nies ħżiena bħalkom, tafu tagħtu lil uliedkom ħwejjeġ tajba, kemm aktar il-Missier mis-smewwiet jagħti spirtu qaddis lil dawk li jitolbuhulu!'* (Lq 11, 13).

- **v.16-17 - Qalilha l-Mulej: "Mur sejjaħ 'il żewġek u erġa' ejja hawn". Wieġbet il-mara u qaltlu: "Ma għandix żewġi." Qalilha Ġesù "Tajjeb qiegħda tgħid, "Ma għandix żewġi."**

Id-diskors dwar l-ilma u l-għatx Ġesù jbiddlu f'daqqa waħda u jdawwru fuq il-ħajja sentimentali tal-mara. Dan id-djalogu mal-mara huwa bħal skrutinju, 'għarbiel' li Ġesù jagħmel lill-mara biex jgħinha tifhem aħjar lilha nnifisha, tafda u temmen fih.

- **v.17-18 - Qalilha Ġesù "Tajjeb qiegħda tgħid, "Ma għandikx żewġi." Int żżewwiġt ħames darbiet, imma r-raġel li għandek miegħek bħalissa mhuwiex żewġek. Weġibt is-sewwa."**

In-numru sitta (li fis-simboloġija numerika huwa simbolu ta' l-imperfezzjoni għaliex jonqsu l-perfezzjoni li tinsab fin-numru seba'), jissema drabi oħra fil-vanġelu skond San Ġwann: sitt ġarar fit-tieġ ta' Kana, is-sitt siegħa, sitt irġiel. Is-sitt irġiel li kellha din il-mara huma xbieha tar-raġel imperfett, ta' l-imħabba imperfetta, li fil-persuna ta' Ġesù, is-seba' raġel li miegħu qed tiltaqa', hemm ir-raġel u l-mħabba perfetta, l-għarus Messija-Sultan li lilu jgħanni s-Salm 45, 3: *"Int l-isbaħ fost ulied il-bnedmin, imsawba l-ħlewwa fuq xofftejk; għalhekk bierkek Alla għal dejjem."*

- **v.19-20 - Qaltlu l-mara: Int profeta, Sidi, milli qiegħda nara. Missirijietna kienu jinxteħtu jqimu 'l Alla fuq din il-muntanja; imma intom tgħidu li l-post fejn wieħed għandu jqim 'l Alla jinsab f'Ġerusalemm."**

Għal darb'oħra jsir bdil drastiku fid-diskors. Il-mara żienja u infidila li jiżżewweġ Ħosegħa tixbaħ lil din il-mara li qed issaqsi minn hu l-veru maħbub tal-poplu, min hu l-veru Alla. Din hija l-unika darba li jissemma fil-Bibbja t-tempju u l-kult tas-Samaritani; din l-unika informazzjoni turi l-intenzjoni li r-rewwixta bejn Samaritani u Lhud tiġi moħbija kważi għal kollox fl-Istess Bibbja.

- **v.21-24 - Qalilha Ġesù: "Emminni, mara: jiġi żmien meta mhux fuq din il-muntanja tinxteħtu tqimuh lill-Missier, anqas f'Ġerusalemm. Intom tqimu 'l dak li ma tafuhx; aħna nqimu 'l dak li nafuh, għax is-salvazzjoni mil-Lhud. Imma jiġi żmien, anzi ġa huwa issa, meta dawk li tassew iqimu lill-Missier jibdew iqimuh fl-Ispirtu u l-verità. Għax il-Missier ukoll ifittex lil dawk li jqimuh hekk. Alla huwa spirtu, u dawk li jinxteħtu jqimuh għandhom jagħtuh il-qima tagħhom fl-ispirtu u l-verità"**

*Min jilqa' x-xhieda tiegħu jwettaq li Alla hu l-verità. Dak li hu mibgħut minn Alla jitkellem il-kliem ta' Alla; għax Alla ma jagħtix l-Ispirtu bil-kejl. Il-Missier iħobb l-Iben u tah kollox f'idejh. Min jemmen fl-Iben għandu l-ħajja ta' dejjem; min ma jemminx bl-Iben ma jarax il-ħajja, imma l-korla ta' Alla tgħammar fuqu* (Gw 3, 36).

- **v.25-26 - Qaltlu l-mara: "Jiena naf li ġej il-Messija, dak li jgħidulu Kristu. Meta jiġi hu, kollox ixandrilna. " Qalilha Ġesù: "Jiena hu, li qiegħed nitkellem miegħek."**

Ġesù għin lis-Samaritana tagħraf bil-mod il-mod il-persuna tiegħu, *Kif! Inti Lhudi u titlob lili - Jaqaw int aqwa minn missierna Ġakobb - Int profeta - Jien naf li gej il-Messija – Tgħid, dan il-Messija?*

- **v.27-30 - Fil-ħin ġew id-dixxipli tiegħu u stagħġbu jarawh jitkellem ma' mara; iżda ħadd minnhom ma staqsieh, 'Xi tridha?', jew, 'X'inti tgħidilha?' Il-mara ħalliet il-ġarra tagħha hemmhekk, reġgħet daħlet il-belt u qalet lin-nies: "Ejjew araw bniedem li tarrafli kull ma għamilt. Tgħid, dan il-Messija?" U n-nies ħarġu mill-belt u marru ħdejh.**

Minn mara solitarja li bħal donnha ma tridx tiltaqa' ma' nies, is-Samaritana wara li tiltaqa' ma' Ġesù tmur tfittex hi stess lil niesha biex taqsam magħhom dak li għadda minn għaliha u dak li kienet qed taħseb fuq l-identità ta' dak ir-raġel ħdejn il-bir. Il-bidla fil-ħajja tas-Samaritana hi l-bidla li tħalli l-mogħdija tal-Mulej, li hi bħall-ilma li ra Eżekjel li *minn kull fejn jgħaddi dak l-ilma, l-ilma jitjieb, u jkun hemm il-ħajja minn kull fejn tgħaddi x-xmara* (Eżek 47, 9).

- **v.31-52 - Sadattant id-dixxipli bdew jgħidu u jerġgħu jgħidulu: "Rabbi, kul." Iżda hu qalilhom: "Jien għandi ikel x'niekol li intom ma tafux bih." Id-dixxipli għalhekk bdew jistaqsu 'l xulxin: "Jaqaw ġie xi ħadd ġieblu x'jiekol?" Qalilhom Ġesù: "L-ikel tiegħi**

**hu li nagħmel ir-rieda ta' min bagħatni u li nwassal fit-tmiem il-ħidma tiegħu. Intom ma tgħidux li baqa' erba xhur oħra għall-ħsad? Imma araw xi ngħidilkom jien: erfgħu għajnejhkom u ħarsu ftit kif l-għelieqi ġa bjadu għall-ħsad. Il-ħassad jieħu ħlasu u jiġbor frott għall-ħajja ta' dejjem biex min jiżra' jifraħ hu wkoll bħal min jaħsad. F'dan taraw kemm sewwa jingħad li 'min jiżra' huwa wieħed, u min jaħsad huwa ieħor.' Jien bgħattkom taħsdu dak li mhux intom kontu li tħabattu għalih; kienu oħrajn li tħabtu, u intom dħaltu tistgħallu t-taħbit tagħhom."**

**Kien hemm ħafna Samaritani minn dik il-belt li emmnu f'Ġesù fuq ix-xhieda li tathom dik il-mara meta qaltilhom, 'Tarrafli kull ma għamilt.' Tant li, meta s-Samaritani ġew ħdejh, bdew jitolbuh jibqa' magħhom, u hu qagħad hemm jumejn. Imbagħad żdiedu ħafna dawk li emmnu fuq kliemu. U lill-mara qalulha: "Issa mhux għax għidtilna int qegħdin nemmnu, imma għax aħna wkoll smajnieh, u sirna nafu li dan tassew hu s-salvatur tad-dinja."**

Dawn huma ż-żminijiet messjaniċi mħabbra mill-profeti li fihom jingħad: *Kollkom ferħana timlew l-ilma mill-għejun tas-salvazzjoni* (Is 12, 3); *Intom li bikom il-għatx, ejjew għall-ilma; intom ukoll li ma għandkomx flus. Ejjew ixtru u kulu b'xejn, inbid u ħalib bla ħlas. Għaliex taħlu fluskom f'dak li m'huwiex ħobż, u ġidkom f'dak li ma jxebbax?* (Is 55, 1-2); iż-żminijiet li għad iridu jiġu meta ġurnata: *L-Ispirtu u l-Għarusa jgħidu: "Ejja!" Min jisma' ħa jgħid "Ejja!" U min hu bil-għatx, ħa jiġi, ħa jieħu b'xejn min irid l-ilma tal-Ħajja* (Apok 22, 17)

**MEDITATIO**

*It-talb għandu bħala missier is-silenzju u bħala omm is-solitudni.*
(Girolmu Savonarola)

*Is-silenzju mhuwiex l-imħabba, imma garanzija għall-imħabba.*

*Min iseħħlu jmut għal kollox, jikseb il-ħajja f'kollox… Minn meta ma xtaqt xejn iżjed, kollox ingħatali mingħajr ma fittixtu.*

*X'jiswa li tagħti 'l Alla xi ħaġa, meta hu jkun jitolbok oħra? Isma' xi jrid minnek Alla u wettqu.*
(Ġwanni tas-Salib fil-ktieb *Massime*)

*Is-solitudni hija għall-moħħ dak li d-dieta hija għall-ġisem.*
(Vauvenargues fil-ktieb *Riflessioni u massime*)

*Infittxu 'l Alla biex insibuH u insibuH biex infittxuH dejjem iżjed.*
(Wistin Awrelju Isqof u duttur tal-Knisja)

*L-importanti mhux li taħseb ħafna, iżda li tħobb ħafna.*
(Tereża t'Avila fil-ktieb *Il castello interiore*)

*L-imħabba titħallas biss bl-imħabba.*
(Qawl spanjol)

*Meta trid tagħmel għaxar passi biex tersaq lejn xi ħadd, disa' passi huma biss nofs it-triq.*
(Barbey ta' Aurevilly)

*Meta wieħed hu mgħaġġel ma jagħtix l-impressjoni li jħobb. U ħafna nies huma mgħaġġla.*
(It-Tabib Paul Tournier)

*L-imħabba tal-bniedem anke jekk perfetta ma tista' qatt timla ħajja…*
(Guy Gilbert)

*Il-moħħ jistgħana b'dak li jirċievi, il-qalb b'dak li tagħti.*
(Victor Hugo)

*L-agħar ħaġa għall-qalb mhuwiex li ddemma iżda li tipparalizza.*
(Paul Bourget)

*Il-moħħ ifittex, il-qalb issib.*
(Geoge Sand)

**ORATIO**

**God of all Power**

*God of all power, fountain of grace,*
*O living water, show your face.*

*Come to us, O living water, Lord we thirst for you:*
*Free us from the dryness of our lives,*
*And purify our hearts to hear your Word!*

*Come to us, God of forgiveness, fountain of our dreams:*
*Heal us by the power of your name,*
*May we drink of you and never thirst again!*

*Come to us, God of compassion, comfort in our shame:*
*Cleanse us from the rage of our sin,*
*Deliver us and keep us in your peace!*

**The Water I give**

*All who drink the water I give will never thirst,*
*The water I give will be a fountain within you, giving life.*

*Give us living water, we ask you, O Lord,*
*So that we may never thirst again.*

*All who drink the water of the earth will always thirst.*
*Drink of me and never thirst again.*

*The water I give will be a living spring,*
*Leaping up to give eternal life.*

**ACTIO**

Taħseb li fil-ħajja tiegħek hemm bir li tmur u terġa' tmur ħdejh biex timla ilma li mhux qed jaqta' l-għatx tiegħek? Jekk iva, x'jismu l-bir li fih tistrieħ għal ftit qalbek? Illum Ġesù jinsab bil-qiegħda ħdejn il-bir, jistenniek f'dik is-siegħa meta m'hemm ħadd ħliefu. Xi darba din il-ġimgħa, waqt it-talb tiegħek, ikteb djalogu ta' bejnek u bejn Ġesù li jsir ħdejn u dwar il-bir ta' ħajtek.

## 2.4. Ir-Raba' Ħadd tar-Randan A – Ġwanni 9, 1-41

*Mhux biss rajtu,*
*imma huwa dak stess li qiegħed ikellmek.*

**LECTIO**

- **v.1-2 - F'dak iż-żmien: Ġesù, kif kien għaddej lemaħ raġel agħma minn twelidu, u d-dixxipli tiegħu staqsewh, "Rabbi, dan twieled agħma għax dineb hu stess, jew għax dinbu l-ġenituri tiegħu?"**

Din il-mistoqsija tirrifletti t-twemmin komuni dwar il-ġustizzja divina li titħallas għad-dnub mhux biss mill-bniedem li jwettqu, iżda wkoll mid-dixxendenza tiegħu: *Għax jiena l-Mulej Alla tiegħek Alla għajjur, li nikkastiga l-ulied għad-dnubiet ta' missirijiethom sat-tielet u r-raba' ġenerazzjoni ta' min jobogħdni* (Dt 4, 9). Hija l-mistoqsijiet eżistenzjali dwar l-oriġni u l-kawża tat-tbatija li għalkemm l-Antik Testment ma jagħtix tweġibiet ċari, fih hemm twemmin sod fuq il-kobor u l-qawwa t'Alla li jistieden lill-bniedem biex jieħu 'kollox' minn idejH. Lil Mosè li hu nieqes mill-ħila: *Il-Mulej wieġbu: "Min għamel fomm il-bniedem? Min għamel l-imbikkem, it-trux, u l-agħma u 'l min jara? Mhux jien, il-Mulej?* (Eż 4, 11). Il-kotba ta' l-għerf jibnu fuq dan it-twemmin: *Nilqgħu t-tajjeb minn għand Alla, u l-ħażin ma nilqgħuhx?* (Ġob 2, 10); *It-tajjeb u l-ħażin, il-ħajja u l-mewt, il-faqar u l-għana jiġu mill-Mulej* (Sir 11, 14). Bnadi oħra t-tbatija tidher bħala 'konsegwenza-kundanna-kastig' għad-dnub magħmul kontra Alla: *Mhux minn fomm il-Għoli joħroġ id-deni u l-ġid? Għala l-bniedem ħaj igerger għall-kastig ta' dnubu?* (Lam 3, 38-39); *Ħwejjeġ tajba ġew maħluqa mill-bidu għat-tajbin, bħalma ġew maħluqa ħwejjeġ ħżiena għall-midinbin* (Sir 39, 25).

- **v.3 - Ġesù wieġeb: "La hu ma dineb u anqas il-ġenituri tiegħu, imma ġralu hekk biex l-id ta' Alla tidher fih.**

It-tweġiba ta' Ġesù tifta' dawl fuq xi tbatija tal-bniedem, li tista' tinbidel u ssir xhieda ħajja ta' l-għemejjel ta' l-għaġeb ta' Alla, li juri l-qawwa tiegħu sewwa sew fejn hemm id-dgħajjef u f'min hu nieqes mill-ħila, biex hekk ikun jista' jixhed għal Alla: *Għinni, Mulej, Alla tiegħi; salvani fit-tjieba tiegħek. Ħa jagħrfu li dan hu għemil tiegħek, li dan, Mulej, int għamiltu. Jisħtuni huma, imma int tberikni; ħa jqumu l-għedewwa u jistħu, imma jifraħ il-qaddej tiegħek* (Salm 109, 26-28). Ġesù, quddiem iċ-ċpar li jdawwar il-misteru tat-tbatija, jieqaf u jagħti t-tweġiba tiegħu l-ewwel bil-kliem imbagħad b'ħajtu stess: *Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina sabiex aħna nsiru fih ġustizzja ta' Alla* (2 Kor 5, 21).

- **v.4 - Sakemm għadna binhar, jeħtieġli nagħmel ix-xogħol ta' dak li bagħatni; għax jasal il-lejl meta ħadd ma jkun jista' jaħdem.**

Il-ħajja ta' Ġesù f'dan il-vanġelu tixbaħ il-ġurnata xogħol: *Missieri għadu jaħdem sa issa: mela naħdem jien ukoll"* (Ġw 5, 17), li tgħalaq bil-"*Kollox hu mitmum"* (Ġw 19, 30), dak inhar tal-lejl tal-mewt tiegħu, *"Morru għidulu lil dak il-volpi, 'Ara, jiena nkeċċi x-xjaten u nfejjaq il-mard illum u għada, u fit-tielet jum nasal fit-tmiem tiegħi* (Lq 13, 32). Il-mgħodija ta' Ġesù tħabbar u turi l-wasla taż-żminijiet messjaniċi li fihom: *Ma tinżilx aktar ix-xemx għalik u lanqas jgħib il-qamar, għax il-Mulej ikun id-dawl tiegħek għal dejjem u jintemmu l-jiem tal-vistu tiegħek…* (Is 50, 20-21); *U dakinhar it-torox jisimgħu kliem il-ktieb, u meħlusin mis-swied u d-dlam, għajnejn il-għomja jaraw* (Is 29, 18).

- **v.5 - Sakemm indum fid-dinja, jiena hu d-dawl tad-dinja".**

Din mhix l-unika darba li Ġesù jitkellem minnu nnfisu bħala d-dawl tad-dinja, wara li ħafer lill-

adultera jgħid: *"Jien d-dawl tad-dinja. Min jiġi warajja ma jimxix fid-dlam, iżda jkollu d-dawl tal-ħajja* (Ġw 8, 12); kif ukoll wara d-daħla messjanika fĠerusalem: *"Ftit ieħor baqagħlu magħkom id-dawl, mela ibqgħu miexja sakemm għandkom id-dawl, biex id-dlam ma jilħaqkomx. Min jimxi fid-dlam ma jafx fejn hu sejjer. Sakemm għandkom id-dawl, emmnu fid-dawl, biex tkunu wlied id-dawl" (*Ġw 12, 35-36).

- **v.6-7 - Kif qal dan, beżaq fl-art, għamel minnu qisu tajn, u dilek bih għajnejn ir-raġel agħma. U qallu: "Mur inħasel fil-għadira ta' Siloam." Din tfisser 'il-mibgħut'. Mela dak mar, inħasel, u ġie jara.**

Dan il-vers huwa riferiment għall-magħmudija li taħsel, tfejjaq u twelled mill-ġdid fil-fidi, li tagħha hija wkoll xbieha mbiegħda l-ġrajja ta' Nagħman: *U Eliżew bagħtlu messaġġier jgħidlu: "Mur inħasel seba' darbiet fil-Ġordan, u ġismek jerġa' jindaflek"* (2 Slat 5, 10). Ġesù huwa l-Messija, 'mibgħut' mill-Missier u kkonsagrat mill-Ispirtu: *Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin u d-dawl mill-ġdid lill-għomja* (Lq 4, 18); *Il-Mulej li jiftaħ għajnejn il-għomja* (Salm 146, 8), biex f'demmu jaħsel lid-dinja kollha li kienet qed tistenna u titlob: *Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek; fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti. Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi; naddafni mid-dnub tiegħi* (Salm 51, 3-4). Fl-istess ħin, Ġesù huwa wkoll dak li jibgħat lid-dixxipli jaħslu lill-ħolqien kollu: *Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat* (Mk 16, 15-16).

- **v.8 - Il-qraba u dawk li fl-imgħoddi kienu mdorrija jarawh, għax hu kien tallab, qalu: "Dan mhuwiex dak li kien joqgħod bilqiegħda jitlob il-karità?**

Il-kundizzjoni ta' dan l-agħma tixbaħ lil dik ta' *wieħed tallab agħma, jismu Bartimew, bin Timew, bilqiegħda mal-ġenb tat-triq* (Mk 10, 46).

- **v.9-12 - Xi wħud qalu: "Iva, hu." Oħrajn qalu: "Le, imma jixbħu." Iżda hu qalilhom: "Jiena hu." Qalulu: "Mela kif infetħulek għajnejk?" Weġibhom: "Wieħed raġel, jgħidulu Ġesù, għamel ftit tajn, dilikli għajnejja bih, u qalli, 'Mur fis-Siloam u nħasel hemm.' Mort, inħsilt, u ġejt nara." Qalulu: "Fejn hu dak ir-raġel?" Qalilhom: "Ma nafx."**

Wara li l-agħma jinħasel u jfieq, Ġesù jgħib mix-xena biex jitfaċċa iktar tard. Ġesù drabi oħra wara li jitkellem fuqu nnifsu, jew wara xi miraklu, jgħib u l-Lhud jispiċċaw ifittxuh u jsaqsu għalih: *Iżda l-imfejjaq ma kienx jaf min kien, għax Ġesù laħaq warrab billi hemmhekk kien hemm ħafna nies* (Ġw 5, 13); wara t-tkattir tal-ħobż (ara Ġw 6, 25-26); nhar il-festa ta' l-Għerejjex (ara Ġw, 7, 10-11); *Qalilhom Ġesù: "Tassew, tassew ngħidilkom, qabel ma kien Abraham, jien hu." Għalhekk il-Lhud qabdu l-ġebel biex iwaddbuhulu: imma Ġesù nħbielhom u ħareġ mit-Tempju* (Ġw 8, 59); *Wara li qalilhom dan, Ġesù telaq u nħeba minnhom. Hu kien għamel ħafna sinjali quddiemhom u mandankollu baqgħu ma emmnux fih* (Ġw 12, 36-38).

- **v.13-16 - Lil dak li fl-imgħoddi kien agħma ħaduh għand il-Fariżej. Issa dakinhar li Ġesù għamel it-tajn u fetaħ għajnejn l-agħma nzerta kien is-Sibt. Il-Fariżej ukoll staqsew mill-ġdid lill-agħma kif sar jara. U hu qalilhom: "Qegħedli ftit tajn fuq għajnejja, mort ninħasel, u issa qiegħed nara." Xi wħud mill-Fariżej qalulu: "Dan il-bniedem mhux ġej mingħand Alla, għax ma jħarisx is-Sibt." Iżda oħrajn qalu: "Kif jista' wieħed midneb jagħmel sinjali bħal dawn?" U ma qablux bejniethom.**

In-nuqqas ta' qbil huwa frott l-ebusija tal-qalb li ma tridx temmen (ara il-ġrajja tat-torri f'Babel, Ġen 11, 7). L-ebusija tal-qalb tikxef liema hu l-ispirtu li jgħammar fiha: *Il-Lhud reġgħu ma qablux bejniethom dwar dan il-kliem. Bosta minnhom qalu: "Dan għandu fih xitan u qiegħed ihewden; għalfejn toqogħdu tisimgħuh?" Imma oħrajn qalu: "Dan m'huwiex kliem ta' min għandu xitan fih; jaqaw jista' xitan jiftaħ għajnejn l-għomja?" (Ġw 10, 19-21*); fil-proċess kontra Ġesù: *x-xhieda tagħhom anqas f'dan ma kienet taqbel* (Mk 14, 59). Fuq il-kwistjoni tas-

Sibt jgħodd dak li qal bnadi oħra: *X'jiswa li tagħmel nhar ta' Sibt, ġid jew deni? Issalva ħajja jew toqtolha?" Iżda huma baqgħu siekta* (Mk 3, 4); *Imma kemm jiswa bniedem aktar minn nagħġa! Mela jiswa nhar ta' Sibt tagħmel il-ġid* (Mt 12, 12).

- **v.17 - U reġgħu qalu lill-agħma: "Int x'jidhirlek minnu, billi fetaħlek għajnejk?" Qalilhom: "Dak profeta."**

Għal bosta nies, Ġesù ma kienx għajr profeta: *Meta raw dan is-sinjal li għamel Ġesù, qalu: "Dan hu tassew il-profeta li għandu jiġi fid-dinja!"* (Gw 6, 14); *U huma weġbuh: "Xi wħud, Ġwanni l-Battista… jew wieħed mill-profeti"* (Mt 16,14); *"Dan min hu?" bdew igħidu. U l-folol weġbuhom: "Dan hu l-profeta Ġesù minn Nazaret tal-Galilija"* (Mt 21, 10-11); *Huma riedu kieku jaqbduh taħt idejhom, imma beżgħu min-nies, għax kulħadd kien iżommu bi profeta* (Mt 21, 46). Ġesù jidher bħala: *profeta kbir qam fostna u Alla żar il-poplu tiegħu* (Lq 7, 16) minħabba f'dak li jgħid, kif tistqarru s-samaritana (ara Ġw 4, 19. 29) u kif jiftakruh d-dixxipli t'Għemmaws (ara Lq 24, 19). Però din l-istqarrija mhix għajr il-bidu tal-mixja ta' fidi li trid twassal għall-istqarrija sħiħa tal-verità fuqu, jiġifieri: *"Inti l-Messija, Bin Alla l-ħaj"* (Mt 16, 16).

- **v.18 - Il-Lhud ma ridux jemmnuh li hu kien agħma u ħa d-dawl qabel ma bagħtu għall-ġenituri tiegħu, ta' dak li sar jara,**

Din hi l-verità dwar min ma jridx jemmen, dwar l-ebusija tal-qalb li tipparalizza kull bdil (indiema) fil-ħajja tal-bniedem: *Jien għalhekk inkellimhom bil-parabboli; għax iħarsu kemm iħarsu ma jarawx, u jisimgħu kemm jisimgħu ma jifhmux. U hekk isseħħ fihom il-profezija ta' Isaija* (6, 9-10) *li tgħid: Tisimgħu kemm tisimgħu ma tifhmux, u tħarsu kemm tħarsu ma tarawx. Għax il-qalb ta' dan il-poplu twebbset; kienu tqal biex jisimgħu b'widnejhom, u għalqu għajnejhom li ma jmorrux jaraw b'għajnejhom, u jisimgħu b'widnejhom u jifhmu b'moħħhom u hekk ibiddlu ħajjithom u jiena nfejjaqhom* (Mt 13, 13 ara wkoll Atti 28, 27). Biex jgħin lill-bniedem fin-nuqqas ta' fidi fiH, Ġesù jinqeda wkoll bl-opri li huwa jagħmel, però min ma jemminx fiH, l-anqas jemmen f'dak li huwa jagħmel: *Emmnuni! Jiena fil-Missier u l-Missier huwa fija. Jekk mhux għal ħaġ'oħra, emmnuni minħabba dawn l-opri stess* (Ġw 14, 11); *"Għidtilkom u intom ma temmnux. L-għemejjel li nagħmel jien f'isem Missieri jixhdu għalija. Iżda intom ma temmnux għax m'intomx min-ngħaġ tiegħi* (Ġw 10, 25-26); *Jekk jien m'iniex nagħmel l-għemejjel ta' Missieri, temmnunix; imma jekk qiegħed nagħmilhom, jekk ma temmnux lili, għallinqas emmnu l-għemejjel, biex tkunu tafu u ddaħħluha f'raskom li l-Missier huwa fija u jiena fil-Missier"* (Ġw 10, 37-38).

- **v.19-23 - u staqsewhom: "Dan, li intom tgħidu li twieled agħma, dan binkom? Mela issa kif ġie jara?" Il-ġenituri tiegħu wieġbu u qalulhom: "Nafu li dan hu t-tifel tagħna u li twieled agħma; imma kif issa ġie jara, dan ma nafuhx, u anqas ma nafu min fetaħlu għajnejh. Staqsu lilu: żmien għandu: jitkellem hu għalih innifsu." Il-ġenituri tiegħu wieġbu hekk għaliex beżgħu mil-Lhud, għax il-Lhud kien ġa ftiehmu bejniethom li, jekk xi ħadd ikun stqarr li Ġesù hu l-Messija, jitkeċċa 'l barra mis-sinagoga. Kien għalhekk li l-ġenituri tiegħu wieġbu, 'Żmien għandu, staqsu lilu.'**

L-ebusija tal-qalb wasslet lill-Fariżej biex jagħmlu pjan ta' azzjoni kontra min jemmen f'Ġesù: *Madankollu ħadd ma kien jitkellem fuqu bil-miftuħ, għax kienu jibżgħu mil-Lhud* (Ġw 7, 13); *…ħafna mill-kapijiet emmnu wkoll, iżda minħabba l-Fariżej dan ma stqarrewhx, biex ma jitkeċċewx 'il barra mis-sinagoga. Għalihom kienet aktar għażiża l-glorja tal-bnedmin mill-glorja ta' Alla* (Ġw 12, 42-43); *Wara dan Ġużeppi minn Arimatija, li kien dixxiplu ta' Ġesù bil-moħbi għax kien jibża' mil-Lhud… Ġie wkoll Nikodemu, dak li qabel kien mar għand Ġesù bil-lejl* (Ġw 19, 38-39); *Dak il-Ħadd filgħaxija, meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù u qagħad f'nofshom…* (Ġw 20, 19).

- **v.24-25 - Għal darb'oħra reġgħu bagħtu għal dak li kien agħma u qalulu: "Sebbaħ 'l Alla! Aħna nafu li dal-bniedem hu midneb." Dak weġibhom: "Jekk hux midneb ma nafx; ħaġa waħda naf; li jien kont agħma u issa qiegħed nara."**

Din il-ġrajja tfakkar fl-iben il-kbir imsemmi fil-parabbola ta' l-iben il-ħali: *Imma kien meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu, għax dan ħuk kien mejjet u rega' qam, kien mitluf u nstab!'* (Lq 15, 32).

- **v.26-29 - Qalulu: "Imma hu x'għamillek? Kif fetaħhomlok għajnejk?" U hu weġibhom: "Ġa għidtilkom u ma smajtux! Xi tridu tisimgħu iżjed? Jaqaw tridu intom ukoll issiru dixxipli tiegħu!" U qabdu jgħajtu miegħu u qalulu: "Dak int dixxiplu tiegħu! Aħna ta' Mosè dixxipli! Aħna nafu li lil Mosè kellmu Alla, imma dan ma nafux minn fejn inqala'."**

L-insistenza min-naħa tal-Fariżej f'dan il-proċess turi kemm kienet tqila għalihom li jemmnu lil għajnejhom, li jbiddlu l-mentalità magħluqa tagħhom u li jmorru kontra dak li kienu jaħsbu li jafu. L-istess provenjenza ta' Ġesù kienet għalihom ta' ostaklu biex jemmnu fiH: *U huma qalulu (lil Nikodemu): M'intix int ukoll mill-Galilja, hux? Fittex fl-Iskrittura, ħalli tara li ebda profeta ma jqum mill-Galilja!"* (Ġw 7, 52).

- **v.30-33 - Weġibhom ir-raġel u qalilhom: "Sewwa! Hawn qiegħed il-għaġeb: li intom ma tafux dan minn fejn inqala', u b'dankollu lili fetaħli għajnejja! Aħna nafu li Alla mhux se jisma' lill-midinbin: iżda mbagħad jekk wieħed ikun jibża' minn Alla u jagħmel ir-rieda tiegħu, lil dan jisimgħu. Qatt fid-dinja ma nstema' li xi ħadd fetaħ għajnejn wieħed agħma mit-twelid. Li kieku dan ma kienx ġej mingħand Alla, xejn ma kien ikollu ħila jagħmel."**

Dan il-kliem jixbaħ ħafna lil dak ta' Nikodemu meta stqarr: *Rabbi, aħna nafu li int mgħallem mibgħut minn Alla, għax ħadd ma jista' jagħmel is-sinjali li qiegħed tagħmel int jekk ma jkunx Alla miegħu* (Ġw 3, 20).

- **v.34-38 - Imbagħad qabżu u qalulu: "Int se tgħallem lilna, li twelidt dnubiet waħdek?" U qaċċtuh 'il barra. Imbagħad sema' li qaċċtuh 'il barra; sabu u qallu: "Temmen int f'Bin il-bniedem?" Dak wieġbu u qallu: "Min hu, Mulej, biex nemmen fih? Qallu Ġesù: "Mhux biss rajtu, imma huwa dak stess li qiegħed ikellmek." Qallu: "Nemmen, Mulej." U nxteħet jagħtih qima.**

L-agħma mfejjaq ma jagħrafx lil Ġesù, għaliex hi l-grazzja t'Alla li tgħin fil-fidi, il-bniedem waħdu ma jistax jasal li jemmen. Ġesù kull darba li kellu quddiemu nies li għadhom ma jistgħux jagħrfu l-verità sħiħa fuqu, jgħid jew jagħmel xi ħaġa biex jiftaħ l-għajnejn magħluqa 'bin-ngħas jew fl-għama': lil Marija ta' Magdala jgħajtilha b'isimha (Ġw 20, 13- 16) u mad-dixxipli t'Għemmaws jaqsam il-ħobż (Lq 24, 31).

- **v.39 - Imbagħad Ġesù qal: "Jien għall-ħaqq ġejt f'din id-dinja, biex min ma jarax isir jara, u min jara jagħma."**

Permezz ta' din il-ġrajja inkixef għal darb'oħra d-dnub tad-dinja, saret firda bejn dawk li jaraw il-verità-id-dawl u dawk li għażlu li jaraw il-gideb-id-dlam: *U l-ġudizzju huwa dan: li d-dawl ġie fid-dinja, imma l-bnedmin ħabbew id-dlam aktar mid-dawl, għax l-għemil tagħhom kien ħażin. Għax kull min jagħmel il-ħażen jobgħod id-dawl, u ma jersaqx lejn id-dawl, biex għemilu ma jinkixifx. Imma min jagħmel is-sewwa jersaq lejn id-dawl, biex juri li hemm Alla f'għemilu* (Ġw 3, 19-21).

- **v.40-41 - Xi wħud mill-Fariżej li kienu hemm madwaru semgħuh jgħid dan u staqsew: "Aħna wkoll għomja?" Weġibhom Ġesù: "Li kieku kontu għomja, ma kontux tkunu ħatja ta' dnub. Imma issa qegħdin tgħidu, 'Aħna naraw.' Mela d-dnub tagħkom għadu fuqkom."**

F'dan il-kliem ta' Ġesù tidher ċara r-rabta li hemm bejn il-qagħda ta' nuqqas ta' dawl, in-nuqqas ta' fidi u d-dnub tad-dinja: *Kif għidtilkom jien, intom tmutu fi dnubietkom. Għax jekk intom ma temmnux li jiena hu, tmutu fi dnubietkom* (Ġw, 8, 24). Din ir-rabta tidher iktar ċara fl-evanġelju skond San Mattew, l-iktar fil-mod kif Ġesù jindirizza lill-Fariżej: *Ħalluhom, dawk għomja mexxejja ta' l-għomja; jekk agħma jmexxi lil agħma ieħor, it-tnejn jaqgħu ġol-ħofra"* (Mt 15, 14): *Boloh u għomja…* (Mt 23, 17); *Ja mexxejja għomja…* (Mt 23, 24); *Fariżew agħma…* (Mt 23, 26).
Id-dnub li hu frott in-nuqqas ta' fidi, li hi frott l-ebusija tal-qalb, jibqa' periklu attwali u San Pawl jiġbed l-attenzjoni meta jgħid: *Imma int, jekk tissejjaħ Lhudi u moħħok mistrieħ bil-liġi u tiftaħar b'Alla; int li taf ir-rieda ta' Alla u l-liġi għallmitek tagħraf tagħżel l-aħjar; int li int persważ li taf tmexxi lill-għomja, li int id-dawl fid-dlam; li int mgħallem tal-boloh; mgħallem taż-żgħar; li għandek l-għerf u l-verità fil-liġi...; int li tgħallem lil ħaddiehor, ma tgħallimx lilek innifsek? Int tippriedka: La tisraqx, u tisraq? Tgħid: La tiżnix, u tiżni? Int tiskerrah lill-idoli, u tisraq it-tempji tagħhom? Int tiftaħar bil-liġi, u żżeblaħ lil Alla bil-ksur tal-liġi? - kif inhu miktub: "L-isem ta' Alla hu mżeblaħ fost il-ġnus minħabba fikom"* (Rum 2, 17-24). Iktar 'il quddiem iżid jgħid: *Il-poplu ta' Israel ma sabx dak li kien ifittex: iżda dawk li kienu magħżula sabuh; il-bqija webbsu rashom kif inhu miktub: "Alla tahom spirtu tan-ngħas fuqhom, għajnejn biex ma jarawx, widnejn biex ma jisimgħux, sal-ġurnata tal-lum"* (Rum 11, 7-8).
Fuq dan, San Pietru jżid jgħid: *Għalhekk, mela, kunu ħerqana biex iżżidu l-virtù mal-fidi, il-għerf mal-virtù; ma' l-għerf ir-rażna; mar-rażna s-sabar; mas-sabar it-tjieba; mat-tjieba l-ħbiberija ta' l-aħwa; mal-ħbiberija ta' l-aħwa l-imħabba. Jekk ikollkom dawn il-kwalitajiet u tkattruhom fikom, ma jħallukomx rieqda u bla frott fl-għarfien tagħkom ta' Sidna Gesù Kristu. Min hu nieqes minnhom hu agħma, ma jarax sewwa; nesa li ġie mnaddaf minn dnubietu ta' l-imgħoddi* (2 Pt 1, 9).
Ħalli min hu nieqes minn dawn il-kwalitjiet jisma' s-sejħa ta' l-Apokalissi li tgħodd għal kull min jaħseb u jgħid: *"Jiena għani, jiena stagħnejt u ma jonqosni xejn", bla ma taf li l-imsejken huwa int, ta' min jitħassrek, fqir, agħma u għarwien. Jiena nagħtik parir biex tiġi tixtri mingħandi deheb imsoffi bin-nar, ħalli tistagħna; u lbies abjad, ħalli jkollok x'tilbes u tgħatti l-għajb ta' l-għera tiegħek; kif ukoll ungwent, ħalli tidlek għajnejk u tkun tista tara. Lil dawk li nħobb, jiena nwiddibhom u nrażżanhom. Mela tħeġġeġ u indem. Ara jiena fil-bieb, u qiegħed inħabbat; jekk xi ħadd jismagħni u jiftaħli l-bieb, jiena nidħol għandu u niekol miegħu, u hu jiekol miegħi* (Ap 3, 17-21).

## 1.5. Il-Ħames Ħadd tar-Randan A – Ġwanni 11, 1-45

*… biex huma jemmnu li inti bgħattni*

**LECTIO**

- **v.1-2 - F'dak iż-żmien, kien hemm wieħed marid, Lazzru minn Betanja, ir-raħal ta' Marija u oħtha Marta. Marija kienet dik li dilket il-Mulej b'żejt ifuħ u li xxuttatlu riġlejh b'xagħarha, Lazzru, li marad kien ħuha.**

Lazzru, wara li Ġesù jqajmu mill-imwiet: *kien wieħed minn dawk li qagħdu għall-mejda ma' Ġesù* (Ġw 12, 2). Ix-xhieda tiegħu ġibdet *kotra kbira ta' Lhud li marru mhux biss minħabba Ġesù imma wkoll biex jarawh* (Ġw 12, 9), minħabba dan kollu, spiċċa mhedded *mill-qassisin il-kbar li ftiehmu biex joqtluh… għax minħabba fih ħafna mil-Lhud bdew jitilquhom u jemmnu f'Ġesù* (Ġw 12, 10-11). Marta hija l-mara li lil Ġesù *laqgħetu għandha… li kienet moħħha fuq il-ħafna xogħol tad-dar* (Lq 10, 38. 40), dik li *sservi* waqt l-ikliet (Ġw 12, 2). Oħtha Marija kienet: *niżlet bil-qiegħda f'riġlejn il-Mulej tisimgħu x'kien qiegħed jgħid* (Lq 10, 39), u wara l-qawmien ta' Lazzru *ħadet libbra fwieħa tan-nard pur, tiswa ħafna,* u niżlet mill-ġdid *tidlek biha riġlejn Ġesù, imbagħad ixxuttathomlu b'xagħarha; u d-dar imtliet bir-riħa tfuħ* (Ġw 12, 3).

- **v.3 - Iż-żewġ nisa aħwa bagħtu jgħidu lil Ġesù: "Mulej, ara, ħabibek marid."**

Il-ħbieb ta' Ġesù msemmija fl-evanġelji huma:
(i) l-appostli li jgħidilhom: *…sejjaħtilkom ħbieb, għaliex kull ma smajt mingħand Missieri jiena għarrafthulkom* (Ġw 15, 15); (ii) id-dixxipli li jsejħilhom ukoll *'ħbieb tiegħi'* (Lq 12, 4); (iii) *il-publikani u l-midinbin* (Mt 11, 19); (iv) Lazzru, Marta u Marija.

- **v.4 - Meta sema' l-aħbar Ġesù qal: "Din mhijiex marda tal-mewt, iżda għall-glorja ta' Alla, biex biha jissebbaħ l-Iben ta' Alla."**

Din hija ġrajja oħra fl-evanġelji li fiha dawk ta' madwar Ġesù setgħu jaraw: *il-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità* (Ġw 1, 14) u jemmnu billi jagħrfu: *li jiena hu u li minn rajja ma nagħmel xejn, imma li nitkellem skond ma għallimni l-Missier* (Ġw 8, 28).

- **v.5-10 - Ġesù kien iħobbhom lil Marta u lil oħtha u lil Lazzru. Meta sema' li dan marad, baqa' jumejn oħra fejn kien, u mbagħad qal lid-dixxipli: "Imxu nerġgħu mmorru l-Lhudija." Qalulu d-dixxipli: "Rabbi, għadhom kemm kienu qegħdin ifittxu li jħaġġruk, u int rieġa' sejjer hemm?" Weġibhom Ġesù: "Mhux tnax-il siegħa fiha l-ġurnata? Sakemm wieħed jimxi binhar, ma jaħbat ma' mkien, għax ikun qiegħed jara d-dawl ta' din id-dinja; imma jekk jimxi bil-lejl, jaħbat ma' xi mkien, għax ma jkollux dawl."**

Ftit qabel din il-ġrajja, *il-Lhud reġgħu qabdu l-ġebel biex iħaġġruh* (Ġw 10, 31) u *għal darb'oħra fittxew li jaqbduh, imma hu ħarbilhom minn taħt idejhom* (Ġw 10, 39). Is-siegħa li fiha: *kollox kien mitmum* (Ġw 19, 28. 30) għadha ma waslitx, *is-siegħa u s-setgħa tad-dlamijiet* (Lq 22, 53) għadhom ma laħqux u allura baqa' żmien u dawl biex kif jgħid Ġeremija biex jingħata: *sebħ lill-Mulej, qabel ma jidlam u qabel ma jitfixklu riġlejkom fuq il-muntanji bejn dawl u dlam…* (Ġer 13, 16). Imbagħad meta jidlam u jilħaq *il-lejl* (Ġw 13, 30), *…Intom tistennew id-dawl, imma hu jibdlu fis-swied* (Ġer 13, 16) u hekk iseħħu l-kelmiet ta' Ġesù*: Ilkoll kemm intom se titħawdu minħabba fija f'dan il-lejl, għax hemm miktub, 'Nidrob ir-ragħaj, u n-ngħaġ tal-merħla jitferrxu"* (Mt 26, 31, ara Żak 13, 7) u li: *għad tiġi siegħa, u ġa waslet, meta tixterdu kull wieħed lejn daru, u lili tħalluni waħdi* (Ġw 16, 32).

- **v.11-14 - Wara li qal dan, żied jgħidilhom: “Ħabibna Lazzru rieqed, iżda ejjew immorru nqajmuh.” Qalulu d-dixxipli: “Mulej, jekk hu rieqed, jiġifieri se jfiq.” Iżda Ġesù kien tkellem mill-mewt tiegħu, u huma ħaduha li kien qalilhom fuq l-irqad ta’ meta wieħed ikun bin-ngħas. Imbagħad Ġesù qalilhom ċar u tond: Lazzru miet.**

Dan il-kliem dwar il-qawmien mir-‘raqda’ tal-mewt huwa metafora li Ġesù jużah ukoll dakinhar li qajjem it-tifla ta’ Ġajru: *Dan l-istorbju kollu u dan il-biki għalfejn? It-tfajla mihiex mejta, imma rieqda* (Mk 5, 39). Id-dixxipli, biex jaqtgħu qalb Ġesù milli jmur fil-Lhudija, jagħżlu li jifhmu dan il-kliem fis-sens ta’ sempliċi marda, iżda Ġesù jurihom x’kienet eżatt l-intenzjoni tiegħu fi kliemu mingħajr ħabi ta’ xejn.

- **v.15 - U jiena nifraħ minħabba fikom li ma kontx hemm, ħalli temmnu. Iżda imxu mmorru sa ħdejh.”**

Dak kollu li jagħmel parti mill-ħajja tal-bniedem, anke l-istess mewt, jista’ jsir sinjal li fih tidher il-qawwa t’Alla sabiex forsi l-bniedem jemmen u jagħti glorja ’l Alla għal dak li jara jew jirċievi, għaliex: *Jekk ma tarawx sinjali u għeġubijiet ma temmnux!’* (Ġw 4, 48).

- **v.16-20 - Tumas, imlaqqam it-tewmi, qal lil sħabu d-dixxipli: “Immorru aħna wkoll ħa mmutu miegħu.” Meta wasal Ġesù sab li kien ġa ilu erbat ijiem fil-qabar. Betanja kienet qrib Ġerusalemm, xi żewġ mili ’l hemm minnha. Ħafna Lhud kienu ġew għand Marta u Marija biex ifarrġuhom, minħabba fil-mewt ta’ ħuhom. Kif semgħet li kien ġej Ġesù, Marta ħarġet tilqgħu, iżda Marija baqgħet id-dar.**

Marta hija dik li tilqa’ (ara Lq 10, 38), waqt li Marija tibqa’ d-dar.

- **V.21-22 - Marta qalet lil Ġesù: “Mulej, kieku int kont hawn, ħija ma kienx imut. Imma jien naf li kull ma int titlob ’l Alla, hu jagħtihulek, issa wkoll.”**

Ġesù huwa msejjaħ: *bl-Isem li hu fuq kull isem… il-Mulej għall-glorja ta’ Alla l-Missier* (Fil 2, 9-11), dak l-isem li kiseb: *wara li naddafna minn dnubietna u qagħad fuq il-lemin tal-kobor ta’ Alla fil-għoli tas-smewwiet* (Lhud 1, 3-4). It-tgergir u fl-istess ħin it-talba ta’ Marta jixbħu ħafna lil dak li tagħmel il-mara Sunamija ma’ Eliżew sabiex quddiem il-mewt ta’ binha jagħmel xi ħaġa, dak l-iben li l-istess profeta kien wiegħed u ħabbar it-twelid tiegħu (ara 2 Slat 4, 8-37).

- **v.23-24 - Ġesù qal lil Marta: “Ħuk jerġa’ jqum!” Qaltlu Marta: “Jiena naf li jerġa’ jqum fl-aħħar jum.”**

L-istqarrija dwar il-qawmien mill-imwiet ta’ Marta, tirrifletti l-fidi biblika posteżilika: *Imma s-sultan tad-dinja għad iqajjimna għall-ħajja ta’ dejjem, lilna li se mmutu għal-liġi tiegħu* (2 Mak 7, 9); *U ħafna minn dawk li huma rieqda fit-trab ta’ l-art jistenbħu, min għall-ħajja ta’ dejjem…* (Dan 12, 2). Din l-istqarrija, minħabba li hija marbuta wisq mal-futur, ma tissodisfax il-bżonn preżenti ta’ Marta.

- **v.25-26 - Qalilha Ġesù: “Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, ikollu l-ħajja: u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt. Temmnu int dan?”**

Il-qawmien ‘fl-aħħar jum’ li tistqarr u tittama Marta, permezz tal-fidi f’Ġesù, jilħaq il-preżent u l-‘issa’: *Dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija Bin Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f’ismu* (Ġw 20, 31). Ġesù għalhekk ġie mibgħut fid-dinja, biex jagħmel l-għemejjel t’Alla ħalli: *kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta’ dejjem* (Ġw 3, 16). Huwa r-ragħaj li jagħti l-ħajja ta’ dejjem lin-nagħaġ tiegħu, *biex huma ma jintilfu qatt* (Ġw 10, 28). U l-ħajja ta’ dejjem hija din: *li jagħarfu lilek, Alla, waħdek veru u lil Ġesù Kristu, li inti bgħatt (Ġw 17, 3)*. Bħalma s-smigħ tal-kelma ta’ Kristu jwassal għall-fidi (ara Rum 10, 17),

hekk ukoll il-fidi f'Ġesù twassal għall-ħajja ta' dejjem: *min jisma' kelmti u jemmen f'min bagħtni għandu l-ħajja ta' dejjem u ma jsirx ħaqq minnu* (Ġw 5, 24, ara 6, 40. 47); *min iħares il-kelma tiegħi ma jara qatt il-mewt* (Ġw 8, 51).

- **v.27-32 - "Iva, Mulej," weġbitu; "jien nemmen li inti l-Messija, l-Iben ta' Alla, dak li ġie fid-dinja." Kif qalet dan, marret issejjaħ lil oħtha Marija u minn taħt l-ilsien qaltilha: "L-imgħallem hawn u qiegħed isejjaħlek." Dik, malli semgħetha qamet minnufih u marret ħdejh. Ġesù kien għadu ma daħalx ir-raħal, imma baqa' fejn kienet ġiet tiltaqa' miegħu Marta. Il-Lhud li kienu d-dar ta' Marija biex ifarrġuha, kif rawha tqum malajr u toħroġ, marru warajha, għax stħajluha sejra fuq il-qabar biex toqgħod tibki hemm. Meta Marija waslet fejn kien Ġesù u ratu, inxteħtet f'riġlejh tgħidlu: "Mulej, kieku int kont hawn ħija ma kienx imut."**

Marija, li tinżel f'riġlejn Ġesù biex tidlikhomlu u biex tisimgħu, għas-sejħa ta' Ġesù tqum, tmur ħdejh biex terġa' tinżel f'riġlejh titolbu.

- **v.33-34 - Kif ra lilha tibki, u l-Lhud, li ġew magħha, jibku wkoll, Ġesù ħassu mnikket u mħawwad ħafna. "Fejn qegħidtuh?" staqsiehom. Huma weġbuh: "Mulej, ejja u ara".**

Dan in-niket u t-taħwid ta' Ġesù mhuwiex minħabba fit-telfa ta' Lazzru, iżda huwa l-istess sentiment li ġarrab dakinhar meta: *Ra n-nies u tħassarhom, għax kienu mdejqa u mitluqa bħal nagħaġ bla ragħaj* (Mt 9, 37). Ġesù ma jingħaqadx man-niket ta' madwaru, anzi, irid imur quddiem il-qabar biex hemmhekk juri liema hi l-qagħda tiegħu quddiem il-mewt. Il-bniedem jgħid l-'ejja u ara' tiegħu u jieħu lill-Mulej quddiem l-oqbra tal-mewt, iżda fil-verità huwa Ġesù li qed imexxi u jgħid: *Ejjew u taraw*, lil min jimxi warajh u jmur miegħu biex jara fejn jgħammar u jibqa' miegħu (ara Ġw 1, 39).

- **v.35-36 - Ġesù beka. Għalhekk il-Lhud qalu: "Ara kemm kien iħobbu!"**

Dan il-biki ta' Ġesù huwa ambigwu, għaliex min-naħa l-waħda jista' jfisser is-sentiment ta' mħabba quddiem it-telfa tal-ħabib u min-naħa l-oħra jista' jkun li 'r-rabja' ta' Ġesù tinqasam f'bikja li l-Lhud bħas-soltu jinterpretawha u jifhmuha ħażin, għaliex kif qalilhom qabel: *Intom la lili ma tafu u lanqas lill-Missier* (Ġw 8, 19).

- **v.37 - Iżda xi wħud minnhom qalu: "Ma setax dal-bniedem, li fetaħ għajnejn l-agħma, jagħmel ukoll li dan ma jmutx?'**

Dan huwa l-kliem ta' min ma jridx jemmen, ta' min jibża' mill-verità ta' Ġesù, ta' min wara dan il-fatt jara kif jagħmel u jarresta lil Ġesù (ara Ġw 11, 45-57), ħalli hekk isseħħ il-kitba li tgħid: *Mulej, min emmen l-aħbar tagħna? U driegħ il-Mulej lil min intwera?* (Is 53, 1).

- **v.38 - Ġesù ħassu mqanqal għal darb'oħra u resaq lejn il-qabar. Dan kien għar b'ġebla mqiegħda fuqu.**

Dan hu l-qabar tal-poplu l-qadim: *"Jien (Ġakobb) ser ninġabar ma niesi. Idfnuni ma' missirijieti, fil-għar li hemm fil-għalqa ta' Għerfon il-Ħitti, fil-għar li hemm fil-għalqa ta' Makfela… Hemm difnu lil Abraħam u l-Sara martu, hemm difnu lil Iżakk u 'l Rebekka martu, u hemmhekk jien dfint lil Lija. Minn għand ulied il-Ħittin inxtrat din il-għalqa bil-għar li hemm fiha"* (Ġen 49, 29-32: 50, 13) magħluq b'ġebla, f'kuntrast mal-*qabar ġdid li fih kienu għadhom ma difnu lil ħadd* (Ġw 19, 41), *bil-blata mneħħija mill-qabar* (Ġw 2, 1).

- **v.39-41 - Ġesù qal: "Neħħu l-ġebla." Marta, oħt il-mejjet, qaltlu: "Mulej, issa beda jinten: ġa ilu erbat ijiem mejjet." Qalilha Ġesù: "Ma għedtlekx li, jekk inti temmen, tara l-glorja ta' Alla?" Imbagħad neħħew il-ġebla.**

Għall-kmand ta’ Ġesù biex titneħħa l-ġebla ħalli l-mejtin jiltaqgħu mal-ħajjin, Marta turi l-verità żgura tal-fatti, turi li mhix hienja għax ma ratx verità oħra biex temmen (ara Ġw 20, 29). Ġesù jċanfarha, ifakkarha li l-fidi biss tista’ ddewwaqha d-dehra salvifika (glorjuża) t’Alla, għaliex: *Li kieku nagħti glorja lili nnifsi, il-glorja tiegħi ma kienet tkun tiswa xejn. Imma dak li lili qiegħed jagħtini l-glorja huwa l-Missier, dak li intom tgħidu li hu Alla tagħkom, u madankollu ma għaraftuhx. Imma jiena nafu u kieku kelli ngħid li ma nafux, kont inkun giddieb bħalkom. U mhux biss nafu, imma wkoll inħares il-kelma tiegħu* (Ġw 8, 54-55).

- **v.41-42 - Ġesù refa’ għajnejh ’il fuq u qal: “Missier, irroddlok ħajr li smajtni. Kont naf li inti dejjem tismagħni imma għedt dan minħabba fin-nies li hawn madwari, biex huma jemmnu li inti bgħattni.”**

Ġesù jirringrazzja ’l-Missier tas-smigħ li sa minn dejjem joffrilu, frott l-għaqda intima ta’ bejniethom (ara Ġw 9, 31) mingħajr taħlit (ara Ġw 5, 18; 10, 33) li tistieden għall-fidi fiha. Kien għalhekk li f’dan l-evanġelju, Ġesù qatt ma jidher jitlob (ara Ġw 3, 35; 6, 11; 10, 30) kontra l-istedina li tagħmillu Marta f’vers 22.

- **v.43 - Kif qal hekk, għajjat b’leħen għol: “Lazzru oħroġ.”**

L-għajta ta’ Ġesù hija l-għajta ta’ min irid isemma’ leħnu fil-bogħod *κραυγαζο*, dak il-leħen li jagħti dak li jiwegħed f’dik: *is-siegħa, anzi issa hi, meta l-mejtin jisimgħu l-leħen ta’ l-Iben ta’ Alla, u dawk li jisimgħuh jgħixu. Għax bħalma l-Missier għandu l-ħajja fih innifsu, hekk ukoll ta lill-Iben li jkollu l-ħajja fih innifsu, u tah ukoll is-setgħa li jagħmel ħaqq, għax hu Bin il-Bniedem. Tistagħġbux b’dan: tiġi siegħa meta dawk kollha li jkunu fl-oqbra jisimgħu leħnu* (Ġw 5, 25-28). Din hija s-siegħa li tħabbar iż-żmien miftuħ tas-salvazzjoni ssiġillat bil-mewt u l-qawmien ta’ Ġesù: *Missier, waslet is-siegħa: agħti glorja lil Ibnek biex l-Iben jagħti glorja lilek, bħalma int tajtu s-setgħa fuq kull bniedem biex jagħti l-ħajja ta’ dejjem lil dawk kollha li inti fdajtlu* (Ġw 17, 1-2).

- **v.44 - U dak li kien mejjet ħareġ, b’idejh u riġlejh infaxxati u b’maktur ma’ wiċċu. Ġesù qalilhom: “Ħollulu l-faxex u ħalluh imur.”**

Il-mejjet li huwa msejjaħ minn Ġesù jista’ joħroġ avolja b’idejh u riġlejh marbuta u b’wiċċu mgħotti. Meta maħlul mill-irbit tan-nuqqas ta’ fidi, Lazzru mhuwiex mogħti lura lil niesu iżda kull ma jridu jagħmlulu huwa biss li jħalluh imur, jiġifieri jemmnu li hu mal-Missier u mhux magħluq u marbut fil-qabar. Din hi l-fidi f’Ġesù Kristu, din hi l-ħajja ta’ dejjem, dan hu t-teżor mistur fil-ħajja kollha kemm ta’ daqxejn ta’ bniedem maħbub minn Alla li huwa int li: *Dak Alla li qal: “Ħa jiddi d-dawl mid-dlam”, dak hu li idda fi qlubna biex jagħtina d-dawl ta’ l-għarfien tal-glorja ta’ Alla, li tiddi f’wiċċ Kristu. Dan it-teżor qiegħed għandna f’ġarar tal-fuħħar, ħalli b’hekk jidher sewwa li l-kobor ta’ din il-qawwa ġej minn Alla, u mhux minna* (2 Kor 3, 7).

- **v.45 - Ħafna mil-Lhud li kien ġew għand Marija, u li raw dak li għamel Ġesu, emmnu fih.**

L-effett li tħalli din il-ġrajja huwa doppju: lil xi wħud twellidhom jew issaħħaħhom fil-fidi f’Ġesù: *Din hi tabilħaqq ir-rieda tal-Missier: li kull min jara lill-Iben u jemmen fih, ikollu l-ħajja ta’ dejjem u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum* (Ġw 6, 40); lil oħrajn twebbsilhom qalbhom kontra Ġesù: *Kif għidtilkom jien, intom tmutu fi dnubietkom. Għax jekk intom ma temmnux li jiena hu, tmutu fi dnubietkom* (Ġw 8, 24). Quddiem il-persuna ta’ Ġesù u l-għemil tiegħu kienet, għadha u tibqa’ tgħodd il-profezija tax-xwejjaħ Xmun: *Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta’ ħafna f’Israel: se jkun sinjal li jmeruh, u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek, biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta’ ħafna* (Lq 2, 34-35).

## MEDITATIO

*L-ikbar xewqa tal-Missier hija li jnissel, u ma tistax sseħħ qabel ma jnissel lil Ibnu fina.*
(Meister Eckhart fil-ktieb *Prediche e trattati*)

*Nafu kif il-missier iġġudika lil ibnu li kien ħallieh imbagħad reġa' ġie lura. Kien il-missier li beka l-iżjed.*
(Charles Péguy)

*Tibżax tgħidli li l-mewt hi fil-qrib, għaliex għalija hija l-bieb għall-ħajja.*
(San Franġisk t'Assisi lit-tabib li kien qed jassistih)

*Jien żgur li Alla mhuwiex inġust, mhux ser joħroġni minn ħabs biex jixħitni f'ieħor.*
(Għajdut ta' xi ħadd)

*Alla għoġbu jħalli dlam biżżejjed biex li temmen ikun att qawwi ta' fiduċja fiH.*
(Columba Marmion)

*Il-fidi hija magħmula mill-fedeltà lejn persuna, iktar milli mill-qbil ma' definizzjonijiet dommatiċi.*
(Gabriel Marcel)

*Il-fidi titwieled minn laqgħa u twassal għaliha.*
(Francois Collange fil-ktieb *Initiation à la prière*)

*Il-fidi titmantna bil-mistoqsijiet.*
(Henri Fesquet)

## ORATIO

Kantiku tal-qawmien ta' Lazzru ta' Ruman il-Melodi

Mulej tas-smewwiet, Missier ħanin ta' l-umli,
int li b'kelma waħda biss minn tiegħek ħriġt lil Lazzru għall-ħajja,
agħmel li dawk li għaddew qabilna jgawdu d-dawl ta' wiċċek.

Agħtina l-grazzja li ngħixu fis-sliem f'dan iż-żmien
u li nilqgħu l-mewt li lestejtilna,
biex inkunu mmexxijin kemm f'ħajjitna kif ukoll f'mewtna
mir-rieda tiegħek.

Għal sinjal wieħed biss, għall-kelma, o Mulej, tkun is-salvazzjoni.

Int ma titlaqx lil min tħobb,
iżda żżommu fil-ħajja u ssejjaħlu għalik irxuxtat.
Int il-qawmien u l-ħajja.

Charles de Foucauld

Missier, għandi bżonn niggranfa mal-ħajja tal-fidi.
O li kieku nisma' lil Ibnek Ġesù jgħidli li jħobbni!
Qatt ma nisimgħu.
Li nisimgħu jew li nħossu fil-fond ta' qalbi jkunu għalija l-ġenna,
iżda ma jistax ikolli l-ġenna f'din id-dinja u fl-oħra wkoll.

## ACTIO

*Intom tistudjaw l-iskrittura , għax tgħidu li fiha hemm il-ħajja ta' dejjem, hemmhekk issibu x-xhieda fuqi, u madankollu ma tridux tiġu għandi biex ikollkom il-ħajja* (Ġw 5, 40). Fid-dawl ta' din il-Kelma, nara xi jżommni lura milli niftakar li missier Gesù huwa Missierna, u li int iben Alla? Nitlob 'l Alla biex jgħallimni ngħożż u ngawdi dan it-teżor.

# 3. RIFLESSJONIJIET GĦALL-OMELIJA TAL-ĦDUD TAR-RANDAN (SENA A)

## 3.1. L-Ewwel Ħadd

- **I QARI: Ġen 2,7-9;3,1-7**

L-ewwel paġni ta' l-Iskrittura jwasslulna l-bidu tal-ħolqien, tal-bniedem u tad-dnub. Ħafna drabi nitkellmu mir-rakkont tal-ħolqien u tal-waqgħa. Imma aktar minn rakkonti dawn il-paġni jwasslulna ġeneru letterarju li jisboq il-ġeneru letterarju ta' rakkont. Fil-fatt huma tabilħaqq riflessjoni sapjenzjali fejn l-awtur jeżorta lill-qarrej biex jirrifletti dwar mistoqsija diffiċli: x'inhu l-oriġini tal-bniedem u tad-dnub? Altru li m'aħniex quddiem paġna leġġendarja!

Din is-silta hija magħmula minn żewġ siltiet iżgħar. Fil-bidu s-silta tgħidilna li "Alla sawwar il-bniedem mit-trab ta' l-art u nefaħlu n-nifs tal-ħajja fi mnifsejh". Dan jurina li kollox huwa frott id-don t'Alla. Il-bniedem mhuwiex il-propjetarju ta' dan il-ġnien fejn Alla poġġieh; mhux destinat għall-mewt imma jista' jmut jekk jikser il-kmand li rċieva. Kif il-mewt li kienet ta' theddida saret ħaġa inevitabbli għal kull bniedem? L-awtur ma jweġibx għall-mistoqsijiet b'sempliċi tweġiba kif imdorrijin nagħmlu aħna fil-ħajja ta' kuljum, imma jwieġeb permezz tad-djalogu li joħloq bejn is-serp u l-mara. Id-dnub jitnissel fil-qalb tal-bniedem għax is-serp iwassal lill-qalb biex tiddubita mill-imħabba t'Alla u tara f'Alla rival għajjur għalih innifsu u li jinqeda bil-liġi biex ifixkel lill-bniedem milli jgħix u jasal għall-milja, jigifieri li jkun bħal Alla. Id-dnub ma jitnissilx mill-frotta pprojbita imma jitnissel minn għarfien żbaljat li l-bniedem għandu t'Alla u tal-liġi tiegħu. Hu biss f'dan il-waqt li s-siġra dehret "tajba għall-ikel u tiġbdek tħares lejha, siġra għad-dehen ta' min jixtieqha". Dan huwa l-għerq tad-dnub: li l-bniedem, minflok ma jafda f'Alla, jitħalla jiġi ingannat mix-xitan. Il-kumplament huwa kollu frott ta' dan. Il-ġisem, l-ewwel rigal li Alla sawwar u ta lill-bniedem u li fih nefaħlu n-nifs tal-ħajja, ma jibqax sinjal ta' dan kollu imma jsir oġġett ta'waqgħa u ħakma fuq l-ieħor, tant li jwassal għall-mistħija.

Is-serp jibni t-tentazzjoni tiegħu fuq ix-xewqa li għandu l-bniedem li jkun kbir u ambizzjuż. Min iċedi għat-tentazzjoni jitlef tabilħaqq il-kobor tiegħu u jakkwista biss l-umiljazzjoni u l-istat miżerabbli tad-dnub. Dan seħħ tassew meta naqraw: "U għajnejn it-tnejn infetħu u ntebħu li kienu għarwenin; u ħietu weraq tat-tin ma' xulxin u għamlu ħżimijiet għalihom". Adam u Eva jintebħu bid-dgħjufija tagħhom u bin-nuqqas ta' qawwa biex jiddefendu lilhom infushom. Minflok ma saru bħal Alla, intebħu li kienu ħlejjaq bla saħħa, dgħajfa u li jġarrbu l-mewt. Meħtieġ li l-bniedem jgħaddi u jirbaħ il-prova tax-xitan biex isib id-dinjità u l-ferħ veru għalih u għall-oħrajn. F'dan l-ewwel Ħadd tar-Randan jaqbel li nqajmu kuxjenza dwar ir-realtà tad-dnub u l-għerq tiegħu sabiex il-fidili jagħrfu fil-bidu tal-mixja tar-Randan id-direzzjoni li trid tieħu din il-mixja – taqbida kontinwa biex nibnu dak li ġie maħtut!

- **II QARI: Rum 5,12-19**

L-ewwel ħames kapitli ta' l-ttra lir-Rumani jippreżentaw dehra tas-sitwazzjoni tal-bniedem qabel u wara Kristu. Dak li jolqotna minnufih hu l-kuntrast bejn is-saltna tad-dnub u tal-mewt u s-saltna tal-ħajja u tal-grazzja.

Id-dħul tad-dnub u l-mewt fid-dinja pogġa lill-umanità kollha f'sitwazzjoni fejn il-bniedem waħdu ma jistax jasal għand Alla. Il-bnedmin kollha dinbu u għalhekk tilfu l-glorja t'Alla: "Ħadd, ebda wieħed, ma hu ġust" (Rum 3, 10). Imma San Pawl jurina li mal-miġja ta' Kristu bdiet epoka ġdida fejn il-grazzja t'Alla għelbet il-ħakma tad-dnub. Min tassew jibni l-ħajja tiegħu fuq il-fidi, għalih is-sitwazzjoni hija tabilħaqq mibdula u ġdida għal kollox, fejn id-dnub m'għadux aktar l-għadu mhux mirbuħ, imma issa ġie megħlub u tilef is-setgħa tiegħu fuq il-bniedem mifdi fi

Kristu. Hekk il-bniedem reġa' kiseb il-possibilità li jidħol mill-ġdid f'għaqda m'Alla kif riedha Alla sa mill-bidu. Dan huwa messaġġ ta' fiduċja u tama kbira biex nimxu 'il quddiem fit-triq tar-Randan għaliex minkejja li aħna midinbin, il-Mulej huwa ġeneruż, jaħfrilna u jagħtina ċ-ċans biex nerġgħu naqbdu t-triq ta' l-imħabba ġeneruża. Il-mixja tar-Randan jeħtieġ li nifhmuha u nfehmuha f'din il-prospettiva. Tabilħaqq li għan-Nisrani fejn kotor id-dnub kotrot fuq li kotrot il-grazzja.

- **VANGELU: Mt 4,1-11**

Il-bniedem jeħtieġ li jagħraf li jinsab f'taqbida kontinwa: min-naħa x-xewqa li jħaddan dejjem il-ħajja u min-naħa l-oħra r-realtà tal-mewt li tant drabi b'rieda ħielsa jagħżel għalih innifsu. Ir-Randan huwa okkażjoni biex nintebħu u ninżlu fil-fond ta' din il-verità dwar il-ħajja ta' kull bniedem u nwasslu biex indawluha bit-tħabbira t-tajba tal-fidwa mwettqa għalina fil-misteru ta' l-Għid. Hekk il-bniedem permezz ta' dan ir-Randan isir ftit aktar konvint mill-imħabba t'Alla għalih u jagħmel għażliet favur tagħha.

Għandna kuntrast bejn l-ewwel qari magħżul għal dan l-ewwel Ħadd u s-silta tal-Vangelu. Dak li l-bniedem safa vittma tiegħu fil-Ġenesi, Kristu jirbħu u jegħlbu fil-mument tat-tentazzjoni fid-deżert. Hija pożizzjoni mill-aktar ottimista dik li tagħtina l-Knisja fil-bidu ta' dan ir-Randan imqaddes. Ġesù rebaħ lit-tentatur għalina u hekk aħna nistgħu b'kuraġġ nimxu 'il quddiem fiduċjużi li nistgħu naslu aħna wkoll għar-rebħa. Ġesù huwa tassew veru bniedem, tant li narawh fis-sura ta' bniedem ittentat u ppruvat. Imma huwa hawn li jidher tabilħaqq bħala l-Iben il-Maħbub tal-Missier li fih sab il-għaxqa tiegħu għax ħadd u xejn ma seta' jġib fit-tmiem dik l-iva li dejjem u f'kollox qal lil Alla Missieru, u li minnu kien irċieva l-milja ta' l-Ispirtu s-Santu.

Bħall-każ tal-mara fil-ktieb tal-Ġenesi, ix-xitan jittenta lil Ġesù sabiex jiddubita dak li Alla l-Missier kien iddikjara dwaru fil-mument tal-Magħmudija fil-Ġordan. Ix-xitan xtaq li Ġesù jkun kristu b'mod differenti minn kif ħatru Alla l-Missier. U għalhekk jittentah bil-għan li jbiddillu fehmtu u ma jibqax fidil lejn il-pjan tal-Missier. Hekk ix-xitan jipprova japprofitta mill-ġuħ ta' Ġesù, frott tas-sawm li kien qiegħed jagħmel fid-deżert. Kien ukoll il-ġuħ għall-ikel li wassal lill-poplu ta' l-Eżodu biex jiddubita minn Mosè u jgerger kontra Alla: "Ħriġtuna f'dan id-deżert biex toqtlu bil-ġuħ din il-ġemgħa kollha!" (Eż 16,3). Biex itemm dan it-tgemgim u biex il-poplu jagħraf dak li kien qiegħed imexxih, Alla bagħat numru kbir ta' summien u tahom ukoll il-manna (Eż 16,11-15). Lil Ġesù x-xitan talbu biex jivverifika l-identità tiegħu ta' Iben t'Alla billi jbiddel il-ġebel f'ħobż biex hekk jaqta' l-ġuħ: "Jekk inti Bin Alla, ordna li dan il-ġebel isir ħobż". Ġesù huwa l-Iben t'Alla kif diġà ġie mgħarraf b'mod solenni mill-Missier fil-mument tal-magħmudija: "Dan hu ibni l-għażiż li fih sibt il-għaxqa tiegħi" (Mt 3,17). Għax huwa Iben t'Alla huwa mogħni bil-qawwa li jagħmel il-mirakli. Imma din hija qawwa li Ġesù jagħmel użu minnha skond ir-rieda tal-Missier, f'konformità sħiħa mal-pjan tiegħu tal-fidwa u qatt għall-vantaġġ personali tiegħu. Din hija qawwa li ġiet mogħtija mhux għas-servizz personali tiegħu imma għas-servizz t'Alla, u ta' l-ahwa. Din hija tentazzjoni tagħna wkoll li nagħmlu użu minn tant doni li ġew mogħtija lilna għall-vantaġġ personali tagħna. Dan ifisser li aħna ngħixu fl-egoiżmu tagħna li ma jikkorrispondix mal-pjan t'Alla. Ġesù jwieġeb għal din l-ewwel tentazzjoni billi jikkwota d-Dewteronomju: "Hemm miktub: Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, imma b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla". Jurina li fl-aħħar mill-aħħar dak li l-aktar jgħodd għall-bniedem mhux l-ikel materjali imma r-rabta mar-rieda ta' l-imħabba t'Alla. Fil-fatt il-kelma t'Alla li toħroġ minn fommu hija kelma li trid turina l-pjan tiegħu ta' l-imħabba għalina. U meta nsiru konvinti minn din l-imħabba, inkunu lesti li nħallsu kull prezz biex ma nitilfuhiex.

Ix-xitan huwa brikkun u jekk għall-ewwel tentazzjoni Ġesù jwiegeb bil-Kelma t'Alla, fit-tieni tentazzjoni li jressaq, anke x-xitan jikkwota l-Iskrittura biex jipproponi azzjoni li tista' tidher li hija espressjoni ta' fiduċja sħiħa f'Alla: "Jekk int bin Alla, inxteħet għal isfel; għax hemm miktub li lill-anġli tiegħu jorndalhom jieħdu ħsiebek, u li fuq idejhom jerfgħuk, ħalli ma taħbatx riġlek ma' xi ġebla". Hawnhekk ix-xitan jissuġġerixxi lil Ġesù atteggjament ta' fiduċja sħiħa

f'Alla fuq dak li tgħid l-istess skrittura. Ġesù jiskopri li l-intenzjoni tax-xitan kienet li jittenta lil Alla u jwasslu biex iġagħlu jagħmel il-miraklu. Huwa l-bniedem li jagħti s-servizz tiegħu lil Alla u mhux bil-maqlub. Mill-ġdid din hija t-tentazzjoni ta' l-ambizzjoni li tipprova tisfida lil Alla, kif għamel il-poplu f'Massah u Meribah biex jaraw jekk Alla kienx magħhom jew le (Eż 17,7).

Fl-aħħar ix-xitan jagħmel it-tentazzjoni l-aktar qawwija li tirrigwardja l-missjoni ta' Ġesù. Ġesù ġie biex ikun re, kif jgħid hu stess fir-rakkont tal-passjoni (Ġw 18,33-37). Ġie bħala l-Messija li skond l-Iskrittura kollox għad ikun taħt riġlejh. Ix-xitan joffrilu mezz u triq sempliċi u ħafifa biex jasal għal dan, u jgħidlu: "Dawn kollha nagħtihom lilek jekk tinxteħet tadurani". Għal din il-proposta Ġesù jwieġeb b'qawwa akbar kontra x-xitan li kien qiegħed jippruvah. Għax-xitan jgħodd il-prinċipju li l-għan jiġġustifika kull mezz u kull strument biex dan jintlaħaq. Imma l-għan ma jiġġustifikax il-mezzi. Ħafna drabi jiġrilna li l-għan u l-intenzjoni tagħna jkunu tajbin imma l-modi ta' kif naslu għalihom żgur li ma jkunux imnebbħin minn Alla.

Dawn it-tentazzjonijiet ta' Ġesù jservu biex inkunu msaħħin u biex b'qawwa mmexxu 'il quddiem t-taqbida tar-Randan b'mod ġeneruż u effikaċi. Kull wieħed huwa msejjaħ biex jintebaħ b'kull dubju li jista' jeħodha kontra l-awtorità ta' l-ben, li huwa f'kollox u għal kollox sottomess għar-rieda ta' Missieru u li fih jafda, għaliex huwa għalih l-għajn ta' kull glorja u rebħ. Kull tentazzjoni hija eżempju ta' interpretazzjoni ta' din il-paġna tal-Vanġelu li waħidha teżawrixxi l-għerq ta' kull tentazzjoni.

"Jien illum qgħedt quddiemek il-ħajja u l-mewt, il-barka u s-saħta" (Dt 30,19). Dawn il-kelmiet afdati minn Alla lil Mosè fl-aħħar diskors lill-poplu tal-patt ma jiqfux jidwu minn meta l-Mulej Alla ħalaq u sawwar il-bniedem. Il-ħażen tax-xitan issottometta l-umanità taħt is-setgħa tal-mewt u tad-dnub. Alla reġa' offra lill-poplu r-rigal tal-liġi biex il-poplu seta' jagħżel mill-ġdid bejn il-ħajja u l-barka, imma dan ma għenx biex il-kundizzjoni tal-bnedmin tinbidel. Bl-inkarnazzjoni ta' l-ben il-maħbub, Adam il-ġdid, xbieha perfetta ta' Alla, id-direzzjoni ta' l-umanità tiġi radikalment imġedda. Qabel il-ministeru pubbliku tiegħu, Ġesù affronta b'mod deċisiv lix-xitan u għelbu tant li kixef il-qerq tiegħu, frott ta' l-għaqda qatt minsusa li Ġesù kellu mal-Kelma. Fih u permezz tiegħu l-umanità kollha hija mill-ġdid u b'mod definittiv indirizzata lejn il-Ħallieq. Tabilħaqq il-kristjan ġie mgħallem minn Kristu juża x-xabla tal-kelma t'Alla, li Ġesù jurina u jwassalna għas-sens sħiħ tagħha. Il-kristjan mhux aktar fi glieda ta' impari bejnu u bejn ix-xitan, għaliex huwa diġà sostnut mir-rebħa żgura u diġà mwettqa ta' Kristu li tinkiseb bil-fidi fih.

## 3.2. It-Tieni Ħadd tar-Randan

- **I QARI: Ġen 12,1-4a**

Is-sejħa ta' Abram, skond San Pawl, tagħmel minnu "il-missier ta' dawk kollha li jemmnu" (Rum 4,11), jiġifieri missier tal-Lhud, ta' l-nsara u tal-Musulmani. Il-ktieb tal-Ġenesi jiddedika 13-il kapitlu għall-figura ta' Abram (Ġen 12,1 – 25,11) mit-tluq tiegħu mill-art tal-Kaldin (Ġen 12,1-4a). Il-Mulej jgħidlu biex jitlaq u jħalli kollox. Kellu l-kuraġġ li jitlaq kull sigurtà biex jirriskja futur li umanament ma kienx żgur. L-ittra lil-Lhud tgħidilna li Abram telaq "bla ma kien jaf fejn kien sejjer" (Lhud 11,8). Il-qawwa biex jieħu vjaġġ kollu oskurità ta' l-inċertezza kienet ġejja mill-fiduċja fil-Kelma t'Alla. Aħna nuru din il-fiduċja meta ma nħallux għeruq jitrabbew fil-ħwejjeġ ta' l-art bħall-egoiżmu u l-idolatrija tagħna, imma nibnu l-fiduċja tagħna fil-Mulej. Ninħelsu minn dak li huwa dgħajjef fina u nkunu aktar disponibbli biex inwettqu passi ġodda favur koerenza evangelika. Ma tantx tinteressana l-bijografija ta' Abram daqskemm il-mod ta' kif Alla jaġixxi fil-konfront tiegħu u jmexxih. F'dan is-sens il-mixja ta' Abram hija eżemplari għalina. L-ewwelnett tidher it-tkomplija tal-fedeltà u ta' l-inizjattiva t'Alla li għażel lil Noè u tah il-qawsalla bħala sinjal tal-patt tiegħu miegħu (Ġen 9, 18-19) u li minnu ħareġ nisel li tiegħu Abram huwa wild.

Alla jistenna minn Abram att ta' fidi. Abram huwa eżempju: kien kollu fiduċja f'Alla hekk li ttama kontra kull tama.
Rum 4,20-21: "Quddiem il-wegħda t'Alla ma qagħadx italla' u jniżżel jekk jemminx jew le, imma ssaħħah fil-fidi, filwaqt li gglorifika lil Alla u żamm bis-sħiħ li min kien għamillu l-wegħda kien qawwi biżżejjed biex iżomm kelmtu".
Tabilħaqq li l-fidi f'Ġesù "mogħti għall-mewt għal dnubiethna u mqajjem għall-gustifikazzjoni tagħna" twassalna għall-fidwa. Jekk l-istorja tal-bniedem bdiet bid-diżubbidjenza (Ġen 2-3) u l-konsegwenzi tagħha f'4 saħtiet (lis-serp - Ġen 3,14; lill-art - Ġen 3,17-5,29; lil Kajjin - Ġen 4,11 u lill-art ta' Kangħan - Ġen 9,25), bil-wisq aktar kienet kbira l-barka, li f'din is-silta waħidha tissemma' 5 darbiet. Is-sejħa u t-tweġiba kollha fidi t'Abram hija tassew bidu ġdid fl-istorja: taqleb ta' taħt fuq dak li kien sa issa. Wara Noè, Abram huwa missier ta' nisel ġdid ta' bnedmin, dawk li jemmnu f'Alla u huma mberkin minnu.

F'dan il-Ħadd, l-assemblea liturġika hija mistiedna biex fil-fidi tfakkar il-barka ta' Abram. Nitolbu li f'dan il-Għid niġu mbierka skond il-wegħdiet magħmula "lil Abram u lil nislu għal dejjem" (Magnifiċat) u nerġgħu nibdew ingawdu l-barka.

- **IT-II QARI: 2 Tim 1,8b-10**

F'din is-silta San Pawl jassigurana li għalkemm fil-ħajja rridu nagħmlu l-kontijiet mal-mewt u mat-tbatija, b'danakollu dawn ir-realtajiet ma jaħkmux fuqna. Grazzi għal Kristu, Alla sejħilna għall-ħajja eterna.

Il-barka t'Alla mwegħda ġiet murija b'mod universali "bid-dehra tas-Salvatur tagħna" (2 Tim 1,8b-10). Hija silta li tolqotna bid-densità teoloġika tagħha. San Pawl jirritorna diversi drabi fuq il-gratuwità assoluta tas-sejħa għall-ħajja u għas-salvazzjoni (Rum 3,28; 4,2-5; Ef 2,8-9). Abram huwa eżempju tipiku ta' tweġiba għas-sejħa gratuwità tal-fidwa.

Drabi oħra Pawlu jitkellem mill-misteru tal-fidwa li baqa' moħbi f'Alla u li ntwera f'Ġesù Kristu (1 Kor 2,7-9). Ir-rigal magħmul sa minn dejjem ġie muri issa (Ef 3,9.11; 1 Piet 1,20). Dan kollu jseħħ fil-predikazzjoni tal-Vanġelu. Dan juri r-responsabiltà tal-predikazzjoni – "Jekk jiena nxandar l-Evanġelju m'għandix biex niftaħar; jien obbligat nagħmlu dan!" (1 Kor 9,16).

- **VANGELU: Mt 17,1-9**

Dan il-Vanġelu jagħti s-sens tat-telgħa tar-Randan lejn il-Għid il-Kbir li l-Knisja twettaq fuq il-passi tal-Mulej Ġesù, biex iġġedded il-fidi u t-tama tal-komunità ekkleżjali, li tidher f'ħeġġa u impenn akbar fil-ħajja. Lill-komunità miġbura biex tiċċelebra t-tieni Ħadd tar-Randan, meħtieġ li nipprezentawlha viżjoni antiċipata ta' Kristu fil-glorja, dik il-glorja li ser tintwera f'kull wieħed fl-aħħar jum. It-triq hija dik ta' l-esperjenza doloruża tal-passjoni u l-mewt f'isem l-imħabba. Din hija l-verità li Ġesù xtaq ifiehem lit-tliet dixxipli li kienu miegħu.

It-trasfigurazzjoni quddiem dawn it-tliet dixxipli hija inizjattiva t'Alla. Isseħħ fuq muntanja għolja, il-post fejn jinżel Alla, u fejn wieħed jitla' biex jiltaqa' miegħu, u li skond ir-rivelazzjoni profetika għad tkun il-post tal-manifestazzjoni t'Alla fl-aħħar jum.

Mt, Mk u Lq ilkoll ipoġġu t-trasfigurazzjoni wara l-istqarrija ta' Pietru f'Ċesarea, wara l-ewwel tħabbira tal-passjoni, wara l-kundizzjonijiet tad-dixxipulat u wara t-tħabbira tat-tieni miġja tal-Mulej. Dan il-paralleliżmu hekk qawwi huwa xi ħaġa li tissorprendina lkoll. Fil-fatt fil-każ ta' Mattew insibu din l-organizzazzjoni fit-test: stqarrija ta' Pietru (Mt 16,13-20), tħabbira tal-passjoni (Mt 16, 21-23), il-kundizzjonijiet (Mt 16,24-27), it-tħabbira tar-ritorn tal-Mulej (Mt 16,28), u fl-aħħar it-trasfigurazzjoni (Mt 17,1-9).

"Wiċċu sar jiddi bħax-xemx u lbiesu sar abjad bħad-dawl": skond Danjel din il-bidla għad isseħħ ukoll fl-aħħar jum lil dawk li jkunu nstabu ġusti (Dan 12,1.3). Ftit qabel Ġesù kien ħabbar ir-ritorn ta' l-Iben għand Missieru (Mt 16,27) u għalhekk lil Pietru, lil Ġakbu u lil Ġwanni, tiġi mogħtija l-possibilità li jiskopru lil Ġesù mibdul għal kollox. Lil dak li ftit qabel kien miexi magħhom fit-triq, dak li ser jaraw mill-ġdid bħas-soltu wara dan il-mument, u lil dak li kienu sejrin jaraw sfigurat għal kollox u mdendel mas-salib skandaluż, f'dan il-waqt jarawh liebes il-glorja tas-sema. Huma dawn it-tliet dixxipli li jagħtu xhieda ta' din id-dehra meta Ġesù Rxuxtat ikun "meħud fil-glorja" (1 Tim 3,16) li l-Missier kien ser jagħtih (1 Piet 1,21).

Tassew li d-dawl tat-trasfigurazzjoni jdawwal il-mixja tar-Randan. Ir-realtà traġika tas-salib ma tintilef qatt mill-attenzjoni imma hija mdawla mid-dawl tal-misteru ta' l-Għid. L-esperjenza tat-trasfigurazzjoni tgħallimna li Ġesù permezz tal-mewt sar "il-Mulej tal-glorja". 1 Kor 2,8: "Ebda wieħed mill-mexxejja ta'din id-dinja ma għarfu; kieku għarfuh, qatt ma kienu se jsallbu l-Mulej tal-glorja".

Id-dehra ta' Mosè u Elija ħdejn Ġesù jippersonifikaw il-liġi u l-profeti. Ifakkruna f'żewġ rivelazzjonijiet oħra. Mosè tela' fuq is-Sinaj u kellu rivelazzjoni t'Alla. Talab li jara l-glorja t'Alla imma Alla wieġbu li ma kienx ser jarah wiċċ imb'wiċċ imma mill-ispallejn. Hekk Mosè kellu r-rivelazzjoni t'Alla waqt li għadda minn quddiemu (Eż 33,18-34,7). F'xebħ ma' din ir-rivelazzjoni, anke Elija kellu rivelazzjoni t'Alla fuq muntanja. Mhux f'tempesta, jew fit-terremot, jew fin-nar imma fiż-żiffa ħelwa. Hekk Elija kellu rivelazzjoni t'Alla. Imma b'differenza minn dawn iż-żewġ rivelazzjonijiet, mhux Ġesù li jkollu r-rivelazzjoni t'Alla imma huwa fih innifsu li Alla juri lilu nnifsu f'dehra tabilħaqq ta' glorja. Iseħħu l-kelmiet ta' Ġesù: "Min jara lili, jara lill-Missier" (Ġw 14,9). Ġesù huwa r-rivelazzjoni perfetta tal-wiċċ kollu qdusija u ħniena tal-Missier.

Fuq is-Sinaj Mosè rċieva l-volontà t'Alla, waqt li Elija rċieva l-missjoni li kellu jwettaq. Fuq it-Tabor mhuwiex Ġesù imma l-appostli li jirċievu r-rivelazzjoni tar-rieda t'Alla: "Isimgħu lilu". Mhix rieda aktar miktuba fuq twavel tal-ġebel imma li tidher b'mod sħiħ fil-persuna ta' Ġesù. Dan iħejji lill-appostli biex jaffrontaw il-passjoni u jirbħu l-umiljazzjoni, il-falliment u l-iskandlu tagħha bl-imħabba.

Hija dehra tabilħaqq meraviljuża li Pietru jixtieqha għal dejjem, bħallikieku diġà waslu l-aħħar taż-żminijiet u diġà wasal il-waqt biex jitwaqqfu t-tined eterni. Bħala risposta għal Pietru,

"sħaba kollha dawl għattiethom". Id-dawl u d-dell imorru flimkien għax fit-tradizzjoni biblika s-*shekinah* tesprimi l-misteru tal-preżenza t'Alla, li waqt li turih, tostru! (Eż 40,34-35; Lq1,35).

Ġesù huwa Mosè tar-rabta l-ġdida li lilu meħtieġ li jingħata widen. Mt 5,21-38: "Smajtu xi ntqal lin-nies ta' dari… imma jiena ngħidilkom…". Ġesù jitkellem bl-awtorità ta' l-Iben il-mahbub, awtorità li mbagħad ġiet delegata minnu stess lill-appostli fuq il-għolja tal-Galilija (Mt 28,18-20).

Meta semgħu l-leħen mis-sħaba waqgħu wiċċhom fl-art, quddiem dak li Pietru sejjaħlu "l-Mulej". Għal Mattew dan huwa ġest ta' adorazzjoni – il-ġest li jwettaq kull min għandu l-fidi! Huwa ġest li jirrepeti ruħu mill-ġdid fil-mument tat-tlugħ fis-sema ta' Ġesù u l-għoti tal-ministeru lill-appostli.

Wara l-passjoni, it-trasfigurazzjoni tgħin biex tinftiehem il-ġrajja tal-qawmien. Mhix glorifikazzjoni bħallikieku sempliċi eżaltazzjoni, imma kif jgħid Ġesù fit-talba saċerdotali: "U issa Missier igglorifika lili għandek, bil-glorja li kelli miegħek qabel ma kienet id-dinja." (Ġw 17,5) Tabilħaqq li l-appostli jistgħu jagħrfu fil-glorja ta' l-rxoxt il-glorja ta' l-ben t'Alla u jxandruha kif xandarha San Pawl (Rum 1,4). It-trasfigurazzjoni hija antiċipazzjoni tal-Qawmien meta ser tidher il-manifestazzjoni sħiħa tal-glorja filjali ta' Ġesù, perfettament magħqud mal-Missier, l-Iben il-maħbub, li fih anke aħna msejħin insiru wlied Alla!

It-trasfigurazzjoni hija tassew dimensjoni kostanti tal-Knisja – dak in-nhar is-silenzju jiġi mwaqqaf biex tibda s-siegħa tat-tħabbira f'ħin opportun jew anqas opportun li Ġesù huwa l-Mulej, l-Iben il-maħbub tal-Missier, qarib u familjari tagħna li jgħidilna: "Qumu, la tibzgħux!"

## 3.3. It-Tielet Ħadd

- **L-I QARI: Eż 17,3-7**

L-għatx tal-poplu ta' Israel fid-deżert u l-għatx ta' Ġesù f'Sikem juruna t-turmenti ta' l-umanità li tfittex dejjem li tistagħna fil-verità', u hekk toqrob aktar lejn il-misteru ta' Alla. Fid-djalogu mas-Samaritana, Ġesù jwiegħed ilma li jaqta' l-għatx għal dejjem. Permezz ta' din ix-xbieha ta' l-ilma ħaj, jigifieri għajn li dejjem tnixxi, Ġesù jrid jenfasizza l-kapaċità tiegħu li jikkomunika lill-bniedem valuri reali tal-ħajja li jistgħu tabilħaqq isalvawh. Fil-fatt il-għatx u l-ġuħ huma bżonn speċifiku tal-ġisem li f'sens wiesa' jesprimu u jħaddnu wkoll ħafna u diversi xewqat u aspirazzjonijiet tal-bniedem. F'kull wieħed minna hemm diversi minn dawn il-bżonnijiet, tant li nistgħu ngħidu li ħajjitna hija magħmula aktar minn xewqat milli minn realtajiet diġà mħaddna! Għandna ġewwa fina vojt li ma jseħħilniex nimlew. Mhux żbaljat li l-bniedem ikollu x-xewqat tiegħu, imma nkunu żbaljati jekk dawn ix-xewqat nillimitawhom biss għall-ħwejjeg limitati u materjali. Alla joffrilna don uniku: li jaqtagħlna l-għatx li għandna għall-ferħ u għall-milja tal-ħajja.

Dan kollu nistgħu ma nifhmuhx kif ma fehmux il-poplu Lhudi fid-deżert, tant li ħadha kontra Alla. Quddiem in-nuqqas ta' ilma fid-deżert, il-poplu jagħmel reazzjoni ta' kontestazzjoni qawwija u ħadha kontra Mosè u qal: "Għalfejn tellajtna hawn mill-Eġittu? Biex toqtol lilna u lil uliedna u l-bhejjem tagħna bil-għatx?" Mosè huwa tabilħaqq dahru mal-ħajt u l-Mulej jagħtih l-għajnuna. Mosè jobdi u tingħeleb id-diffikultà meta jagħtihom l-ilma mill-blat. Din ix-xbieha twarrbet biex daħlet ir-realtà fi Kristu: "Xorbu tassew mill-blata spiritwali li kienet timxi magħhom, u din il-blata kienet Kristu." (1 Kor 10,4)

- **IT-II QARI: Rum 5,1-2.5-8**

Il-messaġġ ta' din is-silta huwa messaġġ ta' tama kbira. Il-ħajja ta' kull imgħammed hija eżodu li jwassal lid-dinja mill-grazzja "li fiha ninsabu" għall-belt il-ġdida li fiha jkollna parti "mill-glorja ta' Alla". Mhix tama fiergħa għax tabilħaqq li l-fidi tpoġġina f'relazzjoni ġdida m'Alla u anke ma' l-oħrajn: relazzjoni ta' fiduċja u ta' mħabba li l-inizjattiva tagħha tibqa' dejjem f'idejn Alla. L-Ispirtu huwa l-garanti u li issa "ġie msawwab fi qlubna". Prova ta' dan hija li Kristu miet għalina meta aħna konna għadna midinbin. Xejn ma jista' jbeżżagħna quddiem prova bħal din ta' l-imħabba hekk kbira t'Alla lejna. Ma nistgħu qatt niddubitaw mill-preżenza t'Alla għax l-Ispirtu ġie msawwab fi qlubna.

Tabilħaqq li kull wieħed minna jħoss l-uġigħ tal-ħlas sakemm jitnissel fina u jitwieled il-bniedem il-ġdid.

- **IL-VANGELU: Ġw 4,5-42**

Fit-III, fir-IV u fil-V Ħadd tar-Randan Sena A, ser nisimgħu t-tliet vanġeli li kienu jintużaw mal-katekumeni fil-mixja tagħhom lejn is-sagrament tal-Magħmudija. Kienu jiġu akkumpanjati biex jiskopru l-eżigenzi profondi tal-konverżjoni lejn Kristu permezz tas-sinjali ta' l-ilma, tad-dawl u tal-ħajja. F'dan il-Ħadd ninsabu quddiem ix-xbieha ta' Ġesù bħala l-ilma l-ħaj li jegħleb l-għatx ta' kull xewqa umana u li jwassal għall-ħajja sħiħa u eterna lil dawk li jitolbu li jaqtgħu l-għatx mill-għajn tiegħu.

Alla jaqta' dan il-għatx tal-bniedem meta jġedded ir-relazzjonijiet interpersonali waqt li jgħallimna l-verità dwar ir-relazzjoni tagħna m'Alla u waqt li jagħtina l-Ispirtu li jagħmilna awtentiċi f'dak li aħna. Il-ħajja u l-fidwa li jagħtina Ġesù tikber fina fil-qies li aħna nilqgħu l-kelma tiegħu.

Ġesù jidher għajjien wara vjaġġ ta' mixi u ħdejn il-bir ta' Ġakobb qrib il-belt ta' Sikar, mhux tant 'il bogħod mill-belt tas-Samarija, ifittex ftit tal-mistrieħ. Ġesù bħal jagħmel pass banali u jitlob l-ilma lil mara Samaritana. Ġesù jfittex li jibni relazzjoni magħha bħal wieħed li huwa fil-bżonn. Ftit ftit jesponi l-intenzjoni profonda tiegħu billi jsir tallab u juriha x-xewqa kbira li għandu li jikkomunika lil din il-mara d-don t'Alla. Ġesù fid-djalogu mas-Samaratina jfittex li jwassalha għal dan l-għarfien: "Li kieku kont taf..." Nagħrfu d-don t'Alla jfisser li lil hemm mill-bżonnijiet immedjati u tax-xewqat tagħna hemm xi ħaġa bil-wisq akbar li nistgħu nirċevuha biss bħala don mingħand Alla.

Ġesù ma jitkellimx mill-ilma ordinarju, naturali imma minn don aktar importanti li jissodisfa x-xewqat tal-bniedem, mhux biss passivament imma anke attivament, tant li dan l-ilma jsir fil-persuna li tirċevih għajn ta' ilma li jwassal għall-ħajja ta' dejjem.

Ftit ftit is-samaritana tintebaħ li Ġesù għandu l-kapaċità jikxef il-ħajja privata tagħha. Il-mara turi n-nuqqas ta' qbil li kienet iġġorr ġewwa fiha dwar fejn setgħet issib lil Alla quddiem nuqqas ta' qbil dwar fejn tista' ssibu. Hawn Ġesù jagħmel rivelazzjoni: "Emminni mara, jiġi żmien meta mhux fuq din il-muntanja tinxteħtu tqimuh lill-Missier, anqas f'Ġerusalemm... Imma jiġi żmien, anzi ġa huwa issa meta dawk li tassew iqimu lill-Missier jibdew iqimuh fl-ispirtu u l-verità". Hija rivelazzjoni kompletament ġdida għax Ġesù jelimina mhux biss it-tempju f'Garizim imma wkoll f'Ġerusalemm, ħaġa li qatt ma nstemgħet bħalha! Ġesù jitkellem minn relazzjoni profonda m'Alla li ma tiddependix mill-post jew mit-tempju imma unikament f'kull post u żmien għax mibnija fuq l-ispirtu u l-verità. Ġesù jiddikjara fil-Vanġelu: "Jiena huwa t-triq, il-verità, u l-ħajja" (Ġw 14,6). Huwa jagħmel possibbli dan għax permezz tal-passjoni jeħles l-ispirtu minn kull xkiel u jagħtihulna, waqt li jirrivelalna l-unika verità: Alla hu mħabba!

### 3.4. Ir-Raba' Ħadd

- **I QARI: 1 Sam 16,1b.4a6-7.10-13a**

F'dan il-Ħadd, l-ewwel qari jippreżentalna mument ieħor importanti fl-istorja tas-salvazzjoni. Il-konsagrazzjoni ta' David, l-iben ta' Jesse magħżul biex ikun is-successur tas-sultan Sawl, hija frott ta' għażla mwettqa u mdawwla mill-kriterju t'Alla li "jara l-qalb" (1 Sam 16,7), jew skond il-verżjoni Sirjaka ta' l-AT, "il-bniedem jara bil-għajnejn imma Alla jara bil-qalb". Bejn il-bniedem u bejn Alla hemm qabża ta' differenza fil-ġudizzju. Dan huwa d-dawl li Ġesù qiegħed jagħtina: id-dawl t'Alla li jippenetra fejn ma jasalx id-dawl t'għajnejna. Huwa għerf li huwa aktar intelliġenti mill-bniedem.

Din il-konsagrazzjoni ta' David għad kellha tilħaq il-milja tagħha. Fil-fatt il-profeti ħabbru tant drabi l-wasla ta' David ġdid, li kellu jkun "kunsillier tal-għaġeb, Alla setgħan, Missier għal dejjem, Prinċep tas-sliem. Kbira tkun setgħetu, u s-sliem bla qies fuq it-tron ta' David u s-saltna tiegħu. Hu jwettaqha u jsaħħaħha bil-ħaqq u s-sewwa, minn issa u għal dejjem" (Is 9,5-6). It-TĠ u l-ewwel predikazzjoni apostolika jisħqu fuq it-twettiq ta' din it-tradizzjoni profetika, hekk li jsejħulu lil Ġesù bħala bin David.

- **II QARI: Efes 5,8-14**

San Pawl jeżortana u jgħidilna: "Intom kontu darba dlam, imma issa intom dawl fil-Mulej". Hawnhekk għandna messaġġ profond għax in-nisrani mhux biss irċieva d-dawl imma sar huwa nnifsu dawl għall-oħrajn permezz tal-Magħmudija li rċieva. Id-dmir tan-nisrani mhuwiex biss li jilqa' d-dawl fil-ħajja tiegħu imma li jsir rifless ta' dan id-dawl. San Pawl jiġbor din l-imġieba fi tlett kategoriji: tjieba, ġustizzja, u verità. Tabilħaqq il-Magħmudija kienet twassal lin-neofita biex ikun dawl fi Kristu, tant li l-liturġija batteżimali antika kienet tkanta waqt li l-imgħammed joħroġ mill-ilma tal-fonti l-kelmiet ta' San Pawl li nisimgħu f'din is-silta tal-lum: "Stenbaħ int, li int rieqed, u qum mill-imwiet ħa jiddi fuqek Kristu".

Inkomplu l-mixja lejn il-Għid il-kbir b'tama dejjem imġedda waqt li nilqgħu din l-istedina li tibqa' dejjem attwali għalina!

- **VANĠELU: Ġw 9,1-41**

Ġesù għadu kif ħareġ mit-tempju u jiltaqa' ma' dan it-tallab agħma. Il-miraklu ta' dan l-agħma mit-twelid huwa okkażjoni għal Ġesù biex jikkundanna l-għama tal-Fariżej u jagħmel diskors twil dwar ir-ragħaj u l-merħla, liema diskors insibuh fi Ġw 10,1-21: "in-ngħaġ tiegħi jisimgħu leħni". Milqugħ mir-ragħaj it-tajjeb, l-agħma mfejjaq huwa l-ewwel nagħġa tal-merħla li r-ragħaj sejjer imexxi lejn il-mergħat kollhom ħdura. Ġesù huwa tabilħaqq mimli kompassjoni lejn il-bniedem agħma.

Nieqfu fuq is-silta tal-Vanġelu li jippreżentalna żewġ tipi ta' għama: il-miraklu tal-fejqan imwettaq minn Ġesù u l-kontroversja li tinħoloq fuq dan il-miraklu mwettaq minn Ġesù. Għandna l-għama fiżiku bħal ma kien il-każ ta' l-agħma mit-twelid u għandna l-għama tal-Fariżej li joffru oppożizzjoni għal Ġesù li huwa d-dawl tad-dinja. Dan huwa d-dawl li jitlob li jiġi milqugħ biex jegħleb id-dlamijiet ta' kull bniedem f'kull żmien. Dan il-miraklu huwa xhieda tal-ħidma t'Alla biex jitfejjaq il-bniedem u fl-istess waqt biex tidher il-ħniena t'Alla.

Nistgħu ngħidu li dan ir-rakkont iwasslilna aktar fit-tul dak li s-sinottiċi jwasslulna fil-qosor. Id-dawl mill-ġdid lill-għomja huwa wieħed mis-sinjali mħabbra mill-profeti u li kellhom jiddistingwu ż-żminijiet messjaniċi, tant li Ġesù inkluda d-dawl lill-għomja bħala wieħed mis-sinjali li huwa ta

lil Ġwanni l-Battista biex jintebaħ li huwa dak li kien il-mistenni. Skond Ġwanni l-miraklu għandu tifsira aktar qawwija mis-sinottici għax jippreżentalna l-esperjenza ħajja tal-bniedem li jiġi mdawwal mill-fidi. Fit-tradizzjoni tal-knisja, il-katekumeni eżattament wara l-magħmudija kienu jissejjħu ***photisthentes***, jiġifieri l-imdawwlin, b'referenza għal Atti 26,16-18, 1 Tes 5,5, Efes 5,8-14 u 1 Piet 2,9.

Aktar minn ġest ta' qawwa straordinarja, dan il-ġest ta' Ġesù huwa msejjaħ sinjal (Ġw 9,16), li tiegħu jagħti t-tifsira meta jgħid li huwa d-dawl tad-dinja (Ġw 9,5). Imma huwa sinjal li jaħdem ukoll negattivament, tant li l-Fariżej li ma jilqgħux dan id-dawl isiru għomja. Dan jidher ċar minn dak li jgħid Ġesù dwar il-missjoni tiegħu ta' rivelazzjoni u ta' ġudizzju: għandna r-rivelazzjoni fil-bidu tar-rakkont (Ġw 9,5: "Sakemm għadni fid-dinja, jiena huwa d-dawl tad-dinja.") u ġudizzju lejn it-tmiem tar-rakkont (Ġw 9,39: "Jiena ġejt fid-dinja biex nagħmel ħaqq, biex min ma jarax isir jara, u min jara, jagħma."). Dan is-sinjal sejjer juri biċ-ċar ir-rabta intima li hemm bejn Ġesù u l-Missier, u dan iwassal għall-fidi tad-dixxipli fih.

Ġesù ma jwettaqx immedjatament il-miraklu imma jagħti ċans għal djalogu bejnu u bejn id-dixxipli. Dan id-djalogu huwa okkażjoni biex Ġesù jiċċara l-iskop tal-miraklu li kien sejjer iwettaq. Ir-rakkont jibda b'mistoqsija li l-appostli jressqu lil Ġesù dwar min kien tabilhaqq il-kawża ta' dan id-difett fiżiku li dan il-bniedem kien iġorr sa minn twelidu. Dan frott ta' twemmin kurrenti li kien iżomm relazzjoni mill-qrib bejn il-mard u d-dnubiet imwettqa fil-passat. Għall-poplu Lhudi, lil hemm mill-qabar ma kienx hemm ħajja u għalhekk it-tpattija kellha titwettaq f'din il-ħajja bil-konsegwenza li din taqa' fuq xi wħud li fihom tidher bħala kastig, taħt forma ta' mard, għama jew sterilità. Għalihom ma kien hemm l-ebda forma ta' tbatija li ma tiġix spjegata bħallikieku ġejja mill-ħtija tad-dnub. Hija l-akkuża li tidwi wkoll fil-vers 34, minn fomm il-Fariżej: "int li twelidt dnubiet waħdek". Fil-każ ta' bniedem agħma minn twelidu kien ifisser li dan frott ta' dnub li m'għamlux hu imma li wettquh il-ġenituri tiegħu, u l-ħtija tagħhom waqgħet imbagħad fuqhom. Għal Ġesù, din il-valutazzjoni hija żbaljata għax marda mhix neċessarjament marbuta ma' dnub imwettaq fil-passat, tant li jwieġeb: "Mhux għax dineb hu jew il-ġenituri tiegħu, imma ġralu hekk biex l-għemil t'Alla jidher fih", jindika li dak li kienu jaħsbu l-Lhud ma kienx minnu. Hawn Ġesù jirrivela li jeħtieġ li jaħdem sakemm jasal il-mument tal-mewt tiegħu: "Missieri għadu jaħdem sa issa; mela naħdem jiena wkoll" (Ġw 5,17). Hekk Ġesù jiġġustifika għalfejn kiser il-preċett tas-Sibt.

Fil-kuntest ta' dan id-djalogu, Ġesù jagħmel rivelazzjoni ta' l-identità tiegħu: "Jiena hu d-dawl tad-dinja". Imma fuq liema dlam sejjer jirbaħ? Ġesù diġa elimina l-ideja li dan l-agħma mit-twelid huwa figura tal-kundizzjoni tad-dnub ta' l-umanità kollha għax huwa ma kien jaħti xejn ġaladarba kien agħma mit-twelid. Imma l-istat tiegħu jindika dlam ieħor li fih jinsab kull bniedem li għadu ma għarafx lill-Iben il-waħdieni. Ġwanni jistqarr dan sa mill-prologu tal-Vanġelu tiegħu, meta jgħid: "Id-dawl jiddi fid-dlam". Dan l-istess agħma, minkejja li huwa tallab, ma jagħmel l-ebda talba lil Ġesù għax hu mhux sejjer jakkwista xi ġid li kellu qabel u li issa kien tilef, imma kien sejjer jitwieled għal ħajja kompletament gdida li qatt qabel ma kien gawda. Tabilħaqq li aktar mid-dawl f'għajnejn kien sejjer jakkwista d-dawl tabilħaqq, jiġifieri li jiltaqa' ma' Kristu u jistqarr il-fidi fih! Hija bidla fil-kwalità tal-ħajja tant li tista' tiġi deskritta bil-kelmiet li nsibu fi Ġw 3,3: "Tassew tassew ngħidlek, li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ġdid, ma jistax jara s-Saltna ta' Alla."

Meħtieġ li nifhmu dan il-ġest tat-tajn li tpoġġa fuq għajnejn l-agħma. F'każijiet oħra hija biss il-kelma ta' Ġesù meħtieġa biex jitwettaq il-miraklu. Hawnhekk bħal donnu Ġesù jpoġġi għamad fuq għamad quddiem għajnejn l-agħma! Sant'Irinew jispjega dan il-ġest b'referenza għall-Ġenesi bir-riżultat ta' ħolqien ġdid li jieħu post dak tal-bidu. Imma forsi s-salm 69,3.15 jista' jagħtina tifsira aħjar ta' dan il-ġest: "Sibt ruħi f'ħama fond, ma hemmx fejn inserraħ riġlejja. Sibt ruħi f'ilma għoli. Il-mewġ qed ikaxkarni. Aqlagħni mill-ħama u ma nibqax nieżel, ħarisni minn min jobgħodni u eħlisni mill-ilma fond." Ġesù jrid jenfasizza li l-bniedem huwa skjav tad-dlamijiet, imma għall-kmand tiegħu biex jinħasel f'Siloe, it-tajn jaqa' u l-agħma jilqa' l-veru dawl li sa issa ma kienx jaf bih.

Fl-AT għandna l-każ tal-profeta Elija li kkmanda lil Nagħman tas-Sirja biex imur jinħasel seba' darbiet fil-Ġordan biex jitfejjaq mill-ġdiem. Din l-għadira ta' Siloe kienet in-naħa t'isfel ta' mina mibnija mis-sultan Eżekija lejn is-sena 704 QK biex twassal l-ilma mill-għajn li kien jisimha Giħon lejn in-naha ta' ġewwa tal-belt. Kien l-uniku ġibjun ta' l-ilma għall-provvista tal-belt kollha ta' Ġerusalemm. L-isem Siloe ifisser " il-Mibgħut", għax tabilħaqq kienet tibgħat l-ilma minn post għall-ieħor, imma wkoll b'sens aktar wisa' tindika lil Ġesù nnifsu, mibgħut tal-Missier. Din hija fir-realtà referenza lejn il-Magħmudija - il-ħasil fil-misteru ta' l-Għid tal-Mulej li jippermetti rebħa fuq kull għamad u l-akkwist tad-dawl tassew.

L-agħma jobdi u jakkwista d-dawl t'għajnejh. Dan inissil il-għaġeb ta' ħafna, flimkien mad-dubju jekk tassew dan kienx il-bniedem tallab ta' qabel. U fil-każ tal-Fariżej titnissel f'qalbhom akkuża fil-konfront ta' Ġesù. Jiġġudikaw l-azzjoni ta' Ġesù bħala illeċita f'jum is-Sibt, bla ma jintebħu li huwa Alla li qiegħed jaħdem. Din il-verità hija mistqarra mill-agħma meta jagħraf lil Ġesù bħala profeta, sinjal tal-fidi tiegħu fil-missjoni ta' Ġesù. U din il-fidi tal-bidu tasal biex lejn tmiem ir-rakkont tiġi mistqarra bis-sħiħ u biċ-ċar. Ġesù nnifsu jistaqsih: "Temmen int f'Bin il-Bniedem?" Din il-mistoqsija twasslu biex huwa nnifsu jistqarr: "Nemmen, Mulej!" Din hija l-unika silta fit-TĠ fejn il-verb emmen huwa marbut direttament mat-titlu Bin il-Bniedem. Għal Ġwanni dan it-titlu għandu sfumaturi divini: "Ħadd ma tela' s-sema ħlief Bin il-Bniedem, li niżel mis-sema" (Ġw 3,13).

L-agħma jsejjaħ lil Ġesù "Mulej", sinjal li issa kien akkwista tabilħaqq id-dawl. Dan kien il-veru fejqan wara l-fejqan fiżiku mill-għama – għaraf fih innifsu, f'ġismu, id-dawl tal-ħajja li hu Ġesù! Ir-rakkont iħalli l-wisa' għall-istqarrija Ġovannea fil-qawmien ta' Kristu: "Rajt/Rajna l-Mulej!" Hija l-esperjenza personali ta' min jagħraf tabilħaqq li Ġesù huwa mill-ġdid ħaj! L-agħma għamel l-istess esperjenza tal-qawmien. Fi Kristu, dawl minn dawl, aħna nsiru tabilħaqq ulied id-dawl. Dan il-vanġelu jurina l-mixja pedagoġika lejn il-fidi fi Kristu, kif mistqarra minn Ġwanni lejn tmiem il-Vanġelu tiegħu: "Dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija l-Iben ta' Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu." (Ġw 20,31)

## 3.5. Il-Ħames Ħadd

- **I QARI: Eżek 37,12-14**

Dan il-Ħadd ikompli fil-mixja ta' ħajja ġdida li jrid iwassalna għaliha r-Randan Imqaddes, liema ħajja n-nisrani jipparteċipa fiha frott il-Magħmudija u li tiġġedded kontinwament fil-proċess ta' konverżjoni u fis-sinjal sagramentali tar-rikonċiljazzjoni. Il-ħajja mwegħda minn Alla lill-eżiljati ġewwa l-Babilonja permezz ta' l-orakli profetiċi ta' Eżekjel hija xbieha ta' din il-ħajja sagramentali li twelidna għaliha fil-Magħmudija. Il-qawmien jidher f'din is-silta bħala ġrajja storika għax mill-mewt li fiha kienu jinsabu wlied Izrael f'art barranija jgħaddu biex iqumu mill-ġdid meta joħorġu mill-jasar u jerġgħu lura lejn arthom.

Eżekjel jitkellem minn mewt komunitarja li qerdet it-tama għall-poplu kollu ta' Iżrael. Dan jidher b'mod ċar fid-dehra li kellu l-profeta ta' l-għadam li jerġa' jieħu l-ħajja: "O bniedem, dan l-għadam huwa d-dar kollha ta' Iżrael. Ara, huma jgħidu: 'Nixef għadamna, it-tama tagħna għabet, nqridna għal kollox'." (Eżek 37,11) Anke għalina f'kull relazzjoni ta' ħbiberija, kemm dawk komunitarji u dawk ekkleżjali, u ta' mħabba fiż-żwieġ, nistgħu nesperimentaw il-mewt tat-tama, in-nuqqas ta' futur quddiemna. Imma t-tnissil tal-fidi fil-qawmien titnissel mit-twarrib ta' tamiet oħra li jqarrqu, li jagħmlu l-wisa' għall-ispirtu li huwa tassew spirtu ħallieq li jagħti l-ħajja u jnissel it-tama fejn issaltan il-mewt.

- **II QARI: Rum 8,8-11**

Jekk il-qawmien fl-ewwel qari jidher bħala ġrajja storika, San Pawl jitkellem f'din is-silta mill-qawmien bħala esperjenza spiritwali li jitwettaq f'dawk li jkunu mmexxija mill-Ispirtu t'Alla u li jgħaddu mill-ħajja fil-ġisem għall-ħajja fi Kristu. L-Iskrittura tqabbel id-dnub mal-mewt. San Pawl ifakkarna li fil-ġisem mortali frott tad-dnub jiġi jgħammar permezz tal-Magħmudija l-Ispirtu s-Santu li hu ħajja, jiġifieri dinamiżmu interjuri li jieħu mill-qawwa t'Alla u jeħlisna mill-jasar tad-dnub u tal-mewt. Jeħtieġ li nistaqsu fuq din il-ħajja li hemm ġewwa fina u li hija diġà l-ħajja tal-qawmien, li tilħaq il-milja meta l-ġisem wara l-mewt ma jarax it-taħsir imma jidħol fil-ħajja għal dejjem. Jekk tabilħaqq inġeddu l-fidi tagħna f'dan il-misteru li jgħammar ġewwa fina, dak kollu li aħna jinfetaħ biex jilqa' r-rigal t'Alla u jfittex li jaqbel f'armonija mar-rieda tiegħu. Il-Kelma t'Alla tistedinna b'qawwa biex nifthu l-oqbra ta' l-egoiżmi tagħna, tad-dnubiet tagħna biex hekk tkun tista' ssib wisa' l-ħajja ta' Kristu fina.

- **VANĠELU: Ġw 11,1-45**

Il-qawmien jidher bħala ġrajja personali u korporja li twassal lil Lazzru biex joħroġ mill-qabar meta jisma' s-sejħa ta' Ġesù. Imma ċ-ċentru ta' dan ir-rakkont twil tal-qawmien ta' Lazzru mill-mewt mhux tant fid-deskrizzjoni tal-miraklu daqskemm fix-xhieda li Ġesù jagħti għalih innifsu meta jgħid: "Jien hu l-qawmien u l-ħajja: min jemmen fija anke jekk imut, jgħix, għax kull min jgħix u jemmen fija, ma jmut qatt".

Meta qiegħed dejjem aktar joqrob il-Għid il-kbir, il-knisja tantiċipa l-qawmien billi xxandrilna l-qawmien ta' Lazzru. Il-qawmien ta' Lazzru mill-mewt huwa sinjal u garanzija ta' ħajja aħjar minn dik ta' qabel. Ġesù jwiegħed ħajja lil hemm mill-qabar. Anke Lazzru, wara l-qawmien mirakoluż minn Ġesù, kien għadu destinat għal-liġi inevitabbli tal-mewt fiżika. Imma mhix din il-mewt li għandha tbeżżagħna. Il-mewt vera hija dik ta' min ma jaċċettax il-messaġġ ta' Ġesù u jingħalaq fid-dnub tiegħu ,u hekk iġib fix-xejn il-ħidma t'Alla li toffri l-fidwa fl-Iben il-waħdieni. Lil hemm mill-mewt ta' ġisimna, hemm il-ħajja tal-qawmien. Din il-ħajja definittiva mhix sempliċement realtà futura imma diġà mibdija fina fil-mument preżenti u tikber fina skond il-qies li bih aħna nkunu fidili lejn l-impenji tal-Magħmudija.

Fil-kuntest tal-Vanġelu kif ippreżentat minn Ġwanni, dan ir-rakkont huwa fundamentali għal dak li jseħħ wara. Dan għax wara l-miraklu jibda tabilħaqq il-komplott biex jinqered Ġesù. Fil-fatt dan il-miraklu jippreżenta l-pretest immedjat biex il-kapijiet tal-Lhud jibdew jaħsbu bis-serjetà biex jeliminaw lil Ġesù. Warajh insibu r-rakkont tad-dilka f'Betanja u d-daħla f'Ġerusalemm, biex imbagħad fi Ġw 13 jibda dak li l-istudjuzi jsejħulu l-"ktieb tas-siegħa", jigifieri r-rakkont ta' l-aħħar ikla, il-passjoni u l-qawmien tal-Mulej. Għalhekk il-qawmien ta' Lazzru huwa l-aħħar fost is-sinjali li Ġesù jwettaq fil-ħidma pubblika tiegħu.

Meta wasal Betanja, Ġesù sab li Lazzru kien ilu mejjet erbat'ijiem. Sew Marta kif ukoll Marija jesprimu l-protesta tagħhom frott tal-fidi tagħhom: "Kieku kont hawn ħija ma kienx imut..." Huma kienu jemmnu tassew fil-qawwa li ssalva u teħles li kien mogħni biha Ġesù, imma kienu jaħsbu li din il-qawwa tbiegħed biss il-mewt, u mhux tagħti l-ħajja fejn diġà ssaltan il-mewt. Quddiem l-impotenza umana li toħloq il-mewt, Ġesù jafferma li fil-persuna tiegħu dehret opportunità qatt mistennija, fejn il-ħajja għelbet għal dejjem il-mewt. Din hija l-opportunità li Ġesù joffri mhux biss lil Lazzru, jew lil Marta jew lil Marija, imma lil kull min jemmen fiH f'kull żmien. Is-salvazzjoni li joffri Ġesù mhux biss li jbiegħed u jeħlisna mill-mewt, imma wkoll jagħti l-ħajja anke meta l-mewt tkun diġà ħakmet il-bniedem.

L-unika kundizzjoni hija li wieħed jemmen li fil-persuna ta' Ġesù din il-possibilità saret realtà u preżenti fl-istorja. Min jemmen fiH, il-ħajja tiegħu hija diġà eterna u l-mewt fiżika mhix għajr il-passaġġ lejn mod ġdid li fih wieħed ikompli jgħix għal dejjem. Il-qawmien fiżiku tal-ġisem ta' Lazzru li ġurnata waħda għad jerġa' jara l-mewt fiżika, jirrelativizza dan il-qawmien. Il-qawmien fiżiku huwa sinjal tad-don tal-ħajja eterna, żgura u ċerta frott tal-preżenza t'Alla li jħobb mingħajr qatt ma jieqaf jagħti l-ħajja. Alla ma jieqaf qatt jagħti l-ħajja anke wara l-mewt: din iċ-ċertezza tegħleb il-fatt ta' mewt li diġà seħħet erbat'ijiem ilu u li l-qabar kien issiġillat b'ġebla tqila, u li diġà beda l-proċess tat-taħsir ta' l-istess ġisem.

L-Ewkaristija li qegħdin niċċelebaw f'dan il-ħames Ħadd tar-Randan hija l-ikel u l-garanzija ta' din il-ħajja. Ġesù nnifsu qal: "Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem, u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum." (Ġw 6,54).

# 4. Ċelebrazzjoni Komunitarja tas-Sagrament tal-Qrar

*"Dilikli għajnejja bit-tajn,*
*inħsilt, u ġejt nara" (Ġw 9,11)*

## 1. Kant tal-Bidu: Sibt Teżor



Mulej, għand min immur?
Kliem il-ħajja jinsab fik.
Inti biss fuq din l-art
Jew fis-skiet tas-smewwiet
Mulej tiegħi, Salvatur!

***Jien darba f'għalqa sibt teżor***
***Li ma jintemmx biz-żmien, bil-mewt,***
***Kull ma għandi nbiegħ***
***U nagħti kull ma jien***
***Biex nikseb sewwa dat-teżor.***

Ġesù, Sid il-ħolqien,
Ma jonqosni xejn, Mulej,
Ħlief li nara u nemmen li ħajti f'idejk
U fis-Saltna tal-Missier. ***Rit.***

## 2. Tislima taċ-Ċelebrant u talb ta' invokazzjoni lill-Ispirtu s-Santu

**Ċel.:** Fl-isem tal-Missier…
**Pop:** **Amen.**
**Ċel.:** Lilkom, ħuti fi Kristu Ġesù, imsejħa biex tkunu qaddisin: il-grazzja u l-paċi ta' Alla l-Missier u ta' Sidna Ġesù Kristu jkunu magħkom ilkoll.
**Pop:** **U miegħek ukoll.**

**Animatur:**
Fiċ-Ċelebrazzjoni tal-lejla irridu nerġgħu nagħmlu l-mixja tal-magħmudija li l-liturġija tal-Ħadd ipproponit lilna f'dan iż-żmien tar-Randan.
Anke aħna bħas-Sammaritana għandna bżonn li naqtgħu l-għatx b'dak l-ilma li l-Mulej biss jista' jagħtina; anke aħna bħall-imwieled agħma għandna bżonn inkunu mfejqa mill-għama tagħna; anke aħna bħal Lazzru rridu nkunu maħlula mill-faxex tad-dnub tagħna.
Se jkollna xi sinjali: id-dawl, il-Kelma u l-ilma. Dawn ser jgħinuna biex naħsbu aktar fuq il-ħajja tagħna u fuq ir-rapport tagħna ma' Alla u ma ħutna biex hekk inkunu nistgħu nilqgħu u nuċċelebraw il-misteru tal-Għid.

**Ċel.:** Għeżież ħuti, iltqajna llum biex niċċelebraw u nilqgħu fil-ħajja tagħna l-ħniena ta' Alla u l-imħabba infinita tiegħu għal kull wieħed u waħda minna. Biex inkunu nistgħu nippreżentaw ruħna fil-verità u s-sinċerità quddiem il-Mulej u niċċelebraw il-frott tal-maħfra tiegħu, insejħu lill-Ispirtu s-Santu biex idawwal lil moħħna u jgħallimna nitolbu u nilqgħu l-maħfra ta' Alla. Nitolbu billi nkantaw flimkien:

**Invokazzjoni lill-Ispirtu s-Santu permezz tal-kant**

**Pop.:** *(Kant)* **Spirtu Qaddis tal-Mulej,**
**dawwal lil moħħna, lil qalbna biss bik.**
**Kun għalina s-serħ**

**milja ta' kull ferħ.**
**Qawwi lil ruħna, Mulej.**

**Lett.:** Ejja, int li tnaddaf id-dnubiet, tabib tal-feriti tagħna.
Ejja, qawwa tad-dgħajfa, int li terfa' lil dawk li jaqgħu.

**Pop.:** *(Kant)* **Spirtu tal-paċi, ta' l-għerf**
**għallimna nħobbu u naħfru bla rbit.**
**Ġedded wiċċ il-art,**
**fejjaq minnha l-mard,**
**ejja aħjina, Mulej.**

**Lett.:** Ejja, mgħallem ta' l-umli, tama tal-foqra, serħan ta' min qed ibati.
Ejja, Spirtu tal-għerf: agħtina d-dawl
biex nagħżlu t-toroq tar-rikonċiljazzjoni u tal-paċi.

**Pop.:** *(kant)* **Spirtu ta' faraġ, ta' dawl**
**il-għawġ dallamna, farrakna bis-sħiħ;**
**tina l-għerf meħtieġ,**
**nagħrfu nimxu t-triq**
**biex ngħixu ħajja fis-sliem.**

**Lett.:** Libbisna bik u ismagħna, biex skond l-abbundanza tal-ħniena tiegħek,
tkun tgħoġbok iċ-ċkunija tagħna quddiem il-kobor tiegħek,
id-debolezza tagħna quddiem il-qawwa tiegħek.

**Pop.:** *(kant)* **Spirtu ta' mħabba bla qies,**
**lilek foħrija minn qalbna nagħtuk,**
**flimkien mal-Missier,**
**ma' Ġesù l-ħellies,**
**lilkom kull glorja. Amen.**

## 3. Xandir tal-kelma t'Alla

**Animatur:**
Qabel ix-xandir tal-Kelma, issa ser jinxtgħel il-blandun u tiġi miftuħa l-Bibbja.
Ix-xandir tal-Vanġelu ser isir b'mod djalogat. Il-kliem tal-agħma ser ngħiduh ilkoll flimkien.

**Pop.: Iftħilna, Mulej, għajnejna għad-dawl tiegħek.**

**Ċel.:** Mulej, Int li għalina int xemx li qatt ma tinżel, għamel li l-Kelma tiegħek tibqa tirbombja ġewwa fina, tkun dawl veru għall-passi tagħna, ferħ u paċi għall-qlub tagħna. Għamel li, imdawlin mill-Ispirtu tiegħek, nilqugħha b'fidi ħajja biex tkeċċi d-dlamijiet tal-ħajja tagħna u timlina bil-preżenza tiegħek.

**Pop.: Iftħilna, Mulej, għajnejna għad-dawl tiegħek.**



*Kant:* **Glorja u tifħir lilek, Kristu.**
**Glorja u tifħir lilek, Kristu.**

**Ċel.:** Il-Mulej magħkom.
**Pop.: U miegħek ukoll.**
**Ċel.:** Qari mill-Evanġelju skond San Ġwann *(9, 1-43)*
**Pop.: Glorja lilek Mulej.**

*L1 = Kronista*

✚ = *Ċelebrant*
*L2 = Personaġġi oħra*
L3 = *Ġenituri*
**Poplu** = *Agħma*

L1: Kif kien għaddej, Ġesù lemaħ raġel agħma minn twelidu, u d-dixxipli tiegħu staqsewh:

L2: Rabbi, dan twieled agħma għax dineb hu stess, jew għax dinbu l-ġenituri tiegħu?

L1: Ġesù wieġeb:

✚ Mhux għax dineb hu jew il-ġenituri tiegħu, imma ġralu hekk biex l-għemil ta' Alla jidher fih. Sakemm għadu binhar, jeħtiġilna nagħmlu x-xogħol ta' dak li bagħatni, għax jasal il-lejl meta ħadd ma jkun jista' jaħdem. Sakemm għadni fid-dinja, jiena hu d-dawl tad-dinja.

L1: Kif qal dan, beżaq fl-art, għamel minnu qisu tajn, u dilek bih għajnejn ir-raġel agħma. U qallu:

✚ Mur inħasel fil-menqgħa ta' Silwam.

L1: Din tfisser 'il-Mibgħut'. Mela dak mar, nħasel u ġie jara.Il-ġirien u dawk li s-soltu kienu jarawh, għax hu kien tallab, qalu:

L2: Dan m'huwiex dak li kien joqgħod bilqiegħda jittallab?

L1: Xi wħud qalu:

L2: Iva, hu.

L1: Oħrajn qalu:

L2: Le, imma jixbhu.

L1: Iżda hu qalilhom:

**Pop: Jiena hu.**

L1: Qalulu:

L2: Mela kif infetħulek għajnejk?

L1: Weġibhom:

**Pop: Wieħed raġel, jgħidulu Ġesù, għamel ftit tajn, dilikli għajnejja bih, u qalli, 'Mur fis-Silwam u nħasel hemm.' Mort, nħsilt, u ġejt nara.**

L1: Qalulu:

L2: Fejn huwa dan ir-raġel?

L1: Qalilhom:

**Pop: Ma nafx.**

L1: Lil dan il-bniedem li fl-imgħoddi kien agħma ħaduh għand il-Fariżej. Issa dak in-nhar li Ġesù għamel it-tajn u fetaħ għajnejn l-agħma inzerta kien is-Sibt. Il-Fariżej ukoll staqsew mill-ġdid lill-agħma kif sar jara. U hu qalilhom:

**Pop: Qegħedli ftit tajn fuq għajnejja, mort ninħasel, u issa qiegħed nara.**

L1: Xi wħud mill-Fariżej qalu:

L2: Dan il-bniedem m'huwiex ġej mingħand Alla, għax ma jħarisx is-Sibt.

L1: Iżda oħrajn qalu:

L2: Kif jista' wieħed midneb jagħmel sinjali bħal dawn?

L1: U ma qablux bejniethom. U reġgħu qalu lill-agħma:

L2: Int x'jidhirlek minnu, issa li fetaħlek għajnejk?"

L1: Qalilhom:

**Pop: Dak profeta.**

L1: Il-Lhud ma ridux jemmnu li hu kien agħma u ħa d-dawl qabel ma bagħtu għall-ġenituri ta' dak li sar jara, u staqsewhom:

L2 Dan, li intom qegħdin tgħidu li twieled agħma, dan binkom? Mela issa kif ġie jara?

L1: Il-ġenituri tiegħu wieġbu u qalulhom:

L3: Nafu li dan hu t-tifel tagħna u li twieled agħma; imma kif issa ġie jara, dan ma nafuhx, u anqas ma nafu min fetaħlu għajnejh. Staqsu lilu, żmien għandu; ħa jitkellem hu għalih innifsu.

L1: Il-ġenituri tiegħu wieġbu hekk għaliex beżgħu mil-Lhud, għax il-Lhud kienu ġa ftiehmu bejniethom li jekk xi ħadd jistqarr li Ġesù hu l-Messija, isib ruħu barra mis-sinagoga. Kien għalhekk li l-ġenituri tiegħu wieġbu, 'Żmien għandu, staqsu lilu.' Għal darb'oħra reġgħu bagħtu għal dak li kien agħma u qalulu:

L2: Agħti glorja lil Alla! Aħna nafu li dan il-bniedem huwa midneb.

L1: Dak weġibhom:

**Pop: Jekk hux midneb ma nafx; ħaġa waħda naf: li jien kont agħma u issa qiegħed nara.**

L1: Qalulu:

L2: Imma hu x'għamillek? Kif fetaħhomlok għajnejk?

L1: U hu weġibhom:

**Pop: Ġa għedtilkom u ma smajtux! Xi tridu tisimgħu iżjed? Jaqaw tridu intom ukoll issiru dixxipli tiegħu?**

L1: U qabdu jgħajjruh u qalulu:

L2: Dak int dixxiplu tiegħu! Aħna ta' Mosè dixxipli! Aħna nafu li lil Mosè kellmu Alla, imma dan ma nafux minn fejn hu.

L1: Weġibhom ir-raġel u qalilhom:

**Pop: Sewwa! Hawn qiegħed l-għaġeb, li intom ma tafux minn fejn inqala', u madankollu lili fetaħli għajnejja! Aħna nafu li Alla m'hux se jisma' lill-midinbin; iżda mbagħad jekk wieħed ikun iqim lil Alla u jagħmel ir-rieda tiegħu, lil dan jisimgħu. Qatt fid-dinja ma nstema' li xi ħadd fetaħ għajnejn wieħed agħma mit-twelid. Li kieku dan ma kienx ġej mingħand Alla, xejn ma kien ikollu ħila jagħmel.**

L1: Mbagħad qabżu u qalulu:

L2: Int se tgħallem lilna, int li twelidt dnubiet waħdek?

L1: U keċċewh 'il barra. Ġesù sama' li keċċewh 'il barra; sabu u qallu:

✠: Temmen inti f'Bin il-bniedem?

L1: Dak wieġeb u qallu:

**Pop: Min hu, Mulej, biex nemmen fih?**

L1: Qallu Ġesù:

✠: Mhux biss rajtu, imma huwa dak stess li qiegħed ikellmek.

L1: Qallu:

**Pop: Nemmen, Mulej!**

L1: U nxteħet għarkubbtejh quddiemu. Mbagħad Ġesù qal:

✠: Jien ġejt fid-dinja biex nagħmel ħaqq, biex min ma jarax isir jara, u min jara jagħma.

L1: Xi wħud mill-Fariżej li kienu hemm madwaru semgħuh jgħid dan u staqsewh:

L2: Aħna wkoll għomja?

L1: Weġibhom Ġesù:

✠: Li kieku kontu għomja, ma kontux tkunu ħatja ta' dnub. Imma issa qegħdin tgħidu, 'Aħna naraw.' Mela d-dnub tagħkom għadu fuqkom.

✠: **Il-Kelma tal-Mulej.**
**Pop: It-Tifħir lilek, Kristu.**

*Mument ta' silenzju*
***Omelija qasira***

## 4. Tħejjija għall-qrar

**Animatur:**
*Filwaqt li nkunu ngħidu flimkien siltiet mis-salmi, ser inġibu l-ilma. Dan l-ilma ser jiġi imbierek u se jfakkarna fil-magħmudija tagħna.*
*Bħall-agħma, anke aħna mistiedna biex ninħaslu. Għalhekk, wara li nqerru, kull wieħed u waħda minna nersqu lejn l-ilma mbierek u simbolikament aħna wkoll naħslu għajnejna.*

**Mis-Salm 104**

*L1 = Lettur 1*
*L2 = Lettur 2*

**L1:** Hu jagħmel ħwejjeġ kbar ma nifhmuhomx, għeġubijiet li ma jingħaddux.
Hu jagħti x-xita lill-art, u jibgħat l-ilma fuq wiċċ ir-raba'. *(Ġb 5,9-10)*
**POP Int ssaqqi mill-imħażen għolja tiegħek,**
**u tixba l-art bil-frott ta' għamilek.**

**L2** Int tnibbet il-ħdura għall-bhejjem, u l-ħxejjex li bihom jinqeda l-bniedem,
biex joħroġ il-ħobż mill-art. *(Sal 104,13-14).*
**POP Int iżżur l-art u ssaqqiha, u tagħniha bil-ġid tiegħek.**
**Il-wied ta' Alla mimli bl-ilma; il-qamħ tagħhom ħejjejtilhom.**

**L1** Hekk int tħejjijha: issaqqi r-raddiet u twitti t-tub tagħha,
bl-irxiex trattabha u tberkielha ż-żrieragħ.
**POP Fawwart is-sena bi tjubitek,**
**triqatek bil-ġid joqtru.**

**L2** Joqtru bin-nida l-mergħat tad-deżert,

u bil-ferħ jitħażżmu l-għoljiet.
**POP** **Il-mergħat jimtlew bl-imrieħel, il-widien jinksew bil-qamħ;**
**jgħajjtu lkoll u jgħannu bil-ferħ!**

**Tberik ta' l-Ilma**

**Ċel.:** O Alla li tista' kollox, isma' t-talba tal-poplu tiegħek:
Int li permezz ta' Ġesù stennejt lis-Sammaritana fejn il-bir u offrejt l-ilma ħaj li jaqta' l-għatx għal dejjem;
int li permezz ta' Ġesù ħsilt l-għajnejn ta' l-agħma u tajtu d-dawl tal-fidi, *(iniżżel idu fl-ilma)*
ġedded fina, Mulej, fis-sinjal ta' dan l-ilma mbierek, it-tifkira tal-Magħmudija tagħna.
Kif ħallejt mill-faxex tal-mewt lil Lazzru,
hekk ħollna minn dnubietna u agħtina l-maħfra tiegħek.
Bi Kristu Sidna.
**POP.:** **Amen**




**Ċel.:** Issa, ħuti, ejjew nagħrfu ħtijietna quddiem Alla, u nitolbuh maħfra billi ngħidu…
**Pop.:** **Nistqarr 'l Alla li jista' kollox…**

## 5. Qrara u assoluzzjoni individwali

**Animatur:**
*Issa s-saċerdoti se jkunu madwar il-knisja biex aħna nkunu nistgħu nqerru.*
*Kif diġà għidna, wara l-assoluzzjoni aħna mistiedna biex nagħmlu ftit ilma imbierek fuq għajnejna bħala sinjal tal-qawwa u t-tiġdid li Kristu jagħtina bis-sagrament tal-maħfra. F'dan il-ħin ser nitolbu u nkantaw flimkien, kif ukoll ser ikun hawn mumenti ta' silenzju biex nitolbu b'mod personali fis-skiet.*

***Mis-Salm 130***

Mill-qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej,
isma, Sidi, il-leħen tiegħi!
Ħa jkunu widnejk miftuħa,
jiena u nitolbok bil-ħniena.

Jien lill-Mulej nistenna,
ruħi f'kelmtu tittama.
Hu li jifdi lil Iżrael
Minn ħtijietu kollha.

**Invokazzjonijiet**

**L** Reġġagħna, Mulej, lejk, u nerġgħu lura!
**POP.:** **Reġġagħna, Mulej, lejk, u nerġgħu lura!**

**L** O Alla, li permezz tiegħek aħna nistgħu nagħrfu t-tajjeb mill-ħażin,
li permezz tiegħek naħarbu mill-ħażen u nimxu wara t-tajjeb:
**POP.:** **Reġġagħna, Mulej, lejk, u nerġgħu lura!**

**L** O Alla, li tneżżagħna minn dak li m'huwiex tajjeb, biex tlibbisna b'dak li hu ġust,
b'dak kollu li jqawwina u jmexxina għall-verità sħiħa:
**POP.:** **Reġġagħna, Mulej, lejk, u nerġgħu lura!**

**L** O Alla, li twassalna sa fejn il-bieb ta' qalbek
u tagħmel li jinfetaħ għal min iħabbat:
**POP.: Reġġagħna, Mulej, lejk, u nerġgħu lura!**

**L** O Alla, li tnaddafna,
O Alla, li tagħtina l-ħobż tal-ħajja,
O Alla, li permezz tiegħek aħna bil-għatx għal dak l-ilma li
meta nixorbu minnu ma jerġax jaqbadna aktar għatx:
**POP.: Reġġagħna, Mulej, lejk, u nerġgħu lura!**

**Kant: Tneżżajt mill-Ġmiel**

Tneżżajt mill-ġmiel u l-maestà
Baxxejt rasek b'umiltà
Minn dawk stess sofrejt li ħlaqt u tant ħabbejthom;
Fuqek stess dnubieti rfajt meta mitt u rxuxtajt.
Iva ssaltan int merfugħ fuq l-art u s-sema,
Minn qalbi rrid inqimek, O Mulej,
B'imħabbtek int irbaħtni, O Feddej,
Għal dejjem ta' dejjem, nibqa' nħobbok.
U għalija mitt int waħdek biss;
Ħajtek tajt biex lili ħlist,
Leħni ngħolli lejk, Ġesù, irrid inqimek.

**Mis-Salm 118**

L1 Henjin dawk li triqthom bla ħtija,
li jimxu fil-liġi tal-Mulej.
Henjin dawk li jħarsu l-preċetti tiegħu,
li jfittxuh b'qalbhom kollha.

L2 Kif jista' żagħżugħ jimxi safi fi triqtu?
Billi jħares il-kelma tiegħek.
B'qalbi kollha jiena nfittxek;
tħallinix għalkollox!

**POP: Kun twajjeb mal-qaddej tiegħek,**
**agħtini li ngħix u nħares il-kelma tiegħek.**
**Iftaħli għajnejja,**
**biex nara l-għeġubijiet tal-liġi tiegħek.**

L1 Mixħuta fit-trab hi ruħi;
aħjini int skond kelmtek.
Triqatek wrejtek, u int weġibtni;
għallimni l-kmandamenti tiegħek.

L2 Jien għedt, Mulej: "Dan hu sehmi,
Li nħares il-kelma tiegħek."
Quddiemek nitlob b'qalbi kollha;
ħenn għalija skond il-wegħda tiegħek.

**POP: Ġid għamilt mal-qaddej tiegħek,**
**Mulej, skond il-kelma tiegħek.**
**Fehma tajba u għerf għallimni,**
**għax jien nemmen fil-kmandamenti tiegħek.**

L1 Ninfena bix-xewqa tas-salvazzjoni tiegħek;
jien nittama fil-kelma tiegħek.
Għejew għajnejja jistennew il-wegħda tiegħek;
u jien nistaqsi: "Meta se tfarraġni?"

L2 Għal dejjem, Mulej, il-kelma tiegħek;
hi mwaqqfa fis-sod fis-smewwiet.
Minn nisel għal nisel il-fedelta' tiegħek;
fuq l-art waqqatha, u żammet fis-sod.

**POP: Glorja…**

**Kant: <u>Poplu Tiegħi</u>**

***Poplu, o Poplu tiegħi,***
***għidli, f'hiex qatt inqastek jiena?***
***Għalik jien ġejt imsallab,***
***dur lejja mill-ġdid, b'qalbek sogħbiena.***

Mill-Eġittu ħriġtek u salvajtek,
fid-deżert bil-manna jiena tmajtek;
għall-mewt ikkundannajtni,
ma' salib inti sallabtni! ***Rit.***

Kellek bżonn xi ħaġa u ċħadthielek?
Għalija int kont ibni u jien missierek;
bil-lanza ftaħtli ġenbi
mnejn tajtek l-aħħar qtar ta' demmi! ***Rit.***

Fi sħaba kollha dawl it-triq urejtek,
l-ilma mill-blat ġieri jien provdejtlek;
fil-għatx il-ħall ġejt sqejtni…
Għaliex malajr insejtni? ***Rit.***

*Jekk il-qrar jieħu aktar fit-tul jistgħu isiru salmi u kant ieħor adatt skond. Tajjeb li jkun hemm ukoll waqtiet ta' skiet.*

**6. Radd il-ħajr u tislima ta' l-aħħar**

***Wara l-Qrar:***

***Ċel.:*** *O Alla Missier tagħna, int bagħat 'l Ibnek il-waħdieni, Ġesù Sidna, biex jieħu n-natura tagħna l-bnedmin u jaqsam magħna kollox, barra d-dnub. Huwa ħelisna mid-dnub u mill-mewt u fetaħ għalina l-bibien tas-Saltna tiegħek.*
*MIssier twajjeb, agħti lilna l-fidili tiegħek, li tħabbibna miegħek, il-ħniena tiegħek. Ilqa' l-grazzi tagħna. Illum u dejjem irridu nbierku l-Isem tiegħek bil-kliem li Ibnek stess ħallilna:*

***Missierna…***

**It-tislima tal-paċi**

***Ċel.:*** *Mulej Ġesù Kristu, li għidt lil Appostli tiegħek:*
***POP.:*** ***"Nagħtikom kmandament ġdid: li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien"***
***Ċel.:*** *Aħfer il-firdiet tagħna u agħti lill-Knisja tiegħek l-għaqda u l-paċi. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.*
***Pop.:*** ***Amen.***

*Ċel.:* *Agħtu l-Paċi lil xulxin.*

**Għeluq**

**Ċel.:** Il-Mulej magħkom.
**Pop.:** **U miegħek ukoll.**

**Ċel.:** O Alla Missier il-ħniena, li taf il-ħsibijiet u tara s-sigrieti tal-qalb, għamel li ngħixu fil-preżenza tiegħek, aħna li sirna uliedek f'ibnek Ġesù, msoffija fil-fond tal-qalb tagħna u mġedda fl-imħabba u fil-fedeltà tal-Kelma tiegħek. Dan nitolbuh bi Kristu Sidna.
**Pop.:** **Amen.**

**Ċel.:** Iberikkom Alla li jista' kollox, † il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.
**Pop.:** **Amen.**

**Ċel.:** Il-Mulej ħafrilkom. Morru fil-paċi u imxu fit-triq tal-kmandamenti tiegħu.
**Pop.:** **Inroddu ħajr lil Alla.**

*Kant:* Iftħu Qalbkom

***Iftħu qalbkom beraħ għal Kristu***
***Huwa jagħraf x'hemm ġewwa kull bniedem.***
***Iftħu qalbkom mingħajr biża',***
***Fittex ilqa' llum lil Kristu.***



Kristu Qaddej t'Alla
u ta' kull bniedem il-qaddej
lilna huwa jibgħat
biex bħalu naqdu lill-bniedem. ***Rit.***

Kristu, għinni inti
biex bħalek jien inkun
qaddej umli ta' kull bniedem
biex l-imħabba biss inwassal. ***Rit.***

Kristu, Int b'salibek
tajtna r-rebħa ta' kull żmien:
dik tal-ħajja fuq il-mewt,
dik tal-maħfra fuq id-dnub. ***Rit.***

## 5. Mixja mal-Ħdud tar-Randan tas-sena A lejn il-Velja ta' Sibt il-Għid b'mod speċjali għal dawk li ser jirċievu s-Sagrament tal-Magħmudija

*Noti:*

- *Żmien ir-Randan huwa tħejjija għas-sagramenti tal-bidu tal-ħajja nisranija, b'mod speċjali għall-Magħmudija. Għalhekk ta' min jorjenta lill-koppji tagħna sabiex jiċċelebraw il-Magħmudija ta' wliedhom fil-lejl qaddis ta' l-Għid, l-aktar mument adattat sabiex wieħed jirċievi dan is-sagrament fil-ħajja tal-Knisja. Il-Knisja tħeġġiġna sabiex ngħinu lill-koppji tagħna biex jekk mhux għal raġuni tassew gravi ma jiċċelebrawx is-sagrament tal-Magħmudija fi żmien ir-Randan.*

- *Tajjeb li dawn it-talbiet u sinjali jsiru fl-aktar quddiesa li tkun iffrekwentata mill-fidili.*

- *Fejn mhux ser jiġi ċċelebrat is-sagrament tal-Magħmudija, tkun ħaġa xierqa li jew wieħed jagħmel aċċenn għat-talbiet jew, fejn hu possibbli, jagħmel it-talbiet għal dawk il-katekumeni li ser jirċievu l-magħmudija anki jekk mhux fil-parroċċa tiegħu. Dawn it-talbiet u s-simboli għandhom isiru dritt wara l-omelija.*

- *Għal dawk l-adolexxenti li rċevew is-sagramenti tal-bidu tal-ħajja nisranija, jiġifieri Magħudija, Ewkaristija u Griżma ta' l-Isqof, tajjeb li fit-tielet Ħadd tar-Randan - fejn fil-liturġija jingħata l-Kredu - nistednuhom joqogħdu quddiem l-altar u jagħmlu l-istqarrija tal-fidi f'isimhom u f'isem il-komunità li qed tiċċelebra l-Ewkaristija.*

- *Dawn it-talbiet ġew adattati għall-magħmudija tat-trabi u mhux għall-magħmudija ta' adulti; jekk f'xi parroċċa hemm adolexxenti jew adulti lil se jirċievu l-magħmudija tkun ħaġa tajba li jiġi infurmat l-uffiċċju liturġiku biex jindikalkom it-talbiet u s-simboli meħtieġa.*

## 5.1. Preżentazzjoni tat-trabi li se jirċievu l-magħmudija

### Issir fl-Ewwel Ħadd tar-Randan (Ġesu' mġarrab fid-deżert)

*Wara l-omelija r-responsabbli mill-formazzjoni katekistika tal-koppji li wliedhom ser jirċievu l-Magħmudija jgħid:*

**Katekista:**
Missier għażiż, fi żmien il-Għid li ġej il-ġenituri hawn preżenti, f'isem uliedhom katekumeni flimkien mal-parrinijiet, filwaqt li jafdaw fil-ħniena divina, mgħejjuna bit-talb u bl-eżempju ta' din il-komunità, jitolbu umilment li dawn uliedhom jiġu ammessi biex jirċievu s-sagrament tal-Magħmudija.

**Ċelebrant:**
Nilqgħu lill-ġenituri u lill-parrinijiet flimkien ma' wliedhom li jixtiequ li dawn uliedhom jirċievu r-rigal tal-Magħudija. (*Il-komunità preżenti tilqa' lil dawn il-katekumenti b'applaws)*

**Ċelebrant:**
Ġenituri, intom qegħdin titolbu l-magħmudija għat-trabi tagħkom. Għalhekk għandkom tkunu tafu sewwa d-dmir li intom ser tirċievu, jiġifieri li trabbu lil uliedkom fil-fidi mqaddsa biex iħarsu l-kmandamenti t'Alla, u jħobbu lill-Mulej u l-proxxmu tagħhom kif għallimna Kristu. Tafu sewwa b'din is-sejħa?

**Ġenituri:**
Iva, aħna lesti biex ngħinuhom.

**Ċelebrant:**
Ħuti l-għeziez, il-ġenituri ta' dawn it-trabi qed jitolbu l-magħmudija ta' wliedhom fil-festi l-kbar ta'l-Għid li ġejjin fuqna.
Jien, f'isem il-Knisja u din il-komunità parrokkjali, nilqa' x-xewqa ta' dawn il-ġenituri biex uliedhom jirċievu l-magħmudija.

**Ċelebrant:**
Għalhekk, għeżież ġenituri, ejjew iktbu l-ismijiet tat-trabi tagħkom f'dan il-ktieb li huwa sinjal tal-ktieb tal-ħajja ta' dejjem, biex uliedkom f'dan l-Għid jirċievu r-rigal tal-magħmudija.

*Il-ġenituri jitilgħu fuq il-presbiterju fejn tkun tħejjiet mejda u fuqha ktieb dekorat fejn jinkitbu l-ismijiet ta' wliedhom; din il-kitba tista' ssir ukoll fuq l-altar mejda.*

**Ċelebrant:**
*Jitla' fuq l-ambone u jaqra l-ismijiet tal-katekumeni li ser jirċievu l-magħmudija fi żmien l-Għid.*

**Poplu**: Inroddu ħajr lil Alla.

**Ċelebrant:**
N. u N. eċċ. intom ġejtu aċċettati biex tiġu mgħammda fi (l-Velja tal Għid) żmien l-Għid. Għalhekk din ix-xirka nisranija tilqagħkom fi ħdanha b'ferħ kbir. F'isem din ix-xirka nisranija nimmarkakom bis-sinjal tas-salib, u warajja l-ġenituri u l-parrinijiet tagħkom ukoll jimmarkawkom bl-istess sinjal ta' Kristu s-Salvatur tagħna.

*L-ewwel iċ-ċelebrant imbagħad il-ġenituri u l-parrini jagħmlu s-sinjal tas-salib fuq ġbin it-tarbija.*

**Ċelebrant:**
Issa flimkien nagħmlu l-istqarrija tal-fidi tagħna. *(Jingħad il-Kredu)*

**Ċelebrant:**
Ħuti l-għeżież, fl-istennija li niċċelebraw il-misteri tas-salvazzjoni tagħna, il-passjoni, il-mewt u l-qawmien tal-Mulej, bdejna llum il-mixja tar-Randan. Dawn it-trabi li lqajna fostna biex fi żmien l-Għid se jirċievu r-rigal tal-magħmudija, qed jistennew minna li nsaħħuhom bit-talb u l-eżempju tagħna. Għalhekk nitolbu lill-Mulej għalihom u għalina biex flimkien naslu għall-festi ta' l-Għid bnedmin imġedda permezz tat-talb, tas-sawm u tal-karità.

1. Dawwal, Mulej, lil dawn iċ-ċkejknin bid-dija tal-misteru mqaddes tal-mewt u l-qawmien tiegħek, nissilhom mill-ġdid bl-ilma tal-magħmudija, u għaqqadhom mal-Knisja tiegħek.

2. Għall-ġenituri tagħhom biex jagħrfu r-responsabilità tagħhom u jedukaw lil uliedhom fil-fidi nisranija, kif wegħdu f'jum it-tieġ tagħhom.

3. Għall-katekisti sabiex ikomplu jaħdmu biex aktar nies iduqu l-ħlewwa tal-Kelma t'Alla.

4. Għall-parrinijiet ta' dawn it-trabi li ser jirċievu l-magħmudija fi żmien l-Għid sabiex bil-kliem u bl-għemil ikunu eżempju ħaj ta' l-imħabba ta' Kristu għall-bnedmin.

5. Għall-komunità parrokkjali tagħna biex f'dan iż-żmien tar-Randan tikber fit-talb u fl-eżerċizzju tal-karità nisranija.

**Ċelebrant:**

Nitolbu.
O Alla li tista' kollox, int ħlaqt il-bniedem u fil-ħniena tiegħek fdejtu; ħares fit-tjubija tiegħek lejn dawn l-ulied adottivi tiegħek, ilqgħahom u agħmilhom membri tal-Patt il-Ġdid. Bi Kristu Sidna. Amen.

## 5.2. L-Ewwel Skrutinju: it-Talba ta' l-Eżorċiżmu

### Isir fit-Tielet Ħadd tar-Randan (Samaritana)

*Wara l-omelija iċ-ċelebrant jistieden lill-katekumeni, u jekk inhuma trabi lill-ġenituri u l-parrinijiet biex jersqu quddiem l-altar. Is-saċerdot imbagħad jgħid din it-talba (Eżorċiżmu)*

O Alla,
li bagħat lil Ibnek il-waħdieni bħala Salvatur,
agħmel li dawn il-katekumeni,
imħeġġin biex jirċievu dan l-ilma ħaj
bħas-samaritana tal-Vanġelu,
jiġu mibdula permezz tal-Kelma tiegħek,
u jagħrfu d-dnubiet u l-mard tagħhom.
Tippermettix
li l-fiduċja falza fihom infushom tfixkilhom,
tħallix li jagħtu widen għall-inganni tat-tentatur,
eħlishom mill-ispirtu ta' l-inganni,
għinhom biex jagħrfu l-iżbalji tagħhom
u naddfilhom qalbhom,
u hekk inkunu jistgħu jidħlu fit-triq tas-salvazzjoni.
Bi Kristu Sidna.
Amen.

*Jekk inhu possibbli, fis-skiet iċ-ċelebrant ipoġġi idejh fuq kull katekumenu, imbagħad jiftaħ idejh fuqhom kollha flimkien u jkompli:*

Mulej Ġesù,
int l-għajn fejn dawn it-trabi/il-magħżula ser jaqtgħu kull għatx,
int l-imgħallem li qed ifittxu.
Quddiemek, li int biss qaddis u fik ma hemm ebda dnub, huma jersqu.
Għalik b'fiduċja kbira jiftħu qlubhom,
lilek jistqarru ħtijiethom,
jagħrfu l-ferti moħbija ta' l-ispirtu tagħhom.
Fit-tjubija u l-ħniena tiegħek eħlishom minn kull ħażen,
fejjaqhom fil-mard tagħhom,
aqtagħlhom l-għatx,
agħti lilhom il-paċi.
Bil-qawwa ta' ismek,
li nsejħu b'fiduċja kbira,
ejja u salvahom, o Mulej.
Ikkmanda l-ispirtu ħażin li int kont irbaħt bil-qawmien tiegħek
biex jitbiegħed minhom.
Uri lil dawn il-magħżula
it-triq li għandhom jimxu bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu,
biex jimxu lejn il-Missier,
u jadurawh fl-ispirtu l-verità.
Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.
AMEN.

*Nota:*
*F'dan it-Tielet Ħadd tar-Randan tas-sena A, il-Knisja sa mill-ibgħad żminijiet kienet tagħti s-Simbolu tal-Kredu lil dawk li ser jirċievu l-Magħmudija. Wieħed jista' japprofitta minn dan il-Ħadd billi jsejjaħ lill-adolexxenti li s-sena l-oħra għamlu l-Griżma ta' l-Isqof jersqu fuq l-altar bix-xemgħa mixgħula f'idejhom, waqt li f'isimhom u f'isem il-komunità miġbura għall-Ewkaristija jagħmlu l-istqarrija tal-fidi. Wara dan tista' tingħad din it-talba flok dik tal-fidili.*

**Talba għal dawk li ser jirċievu l-magħmudija:**

**Ċelebrant:**
Ejjew nitolbu lill-Mulej Alla għal dawk li fil-lejl qaddis ta' l-Għid (jew, fi żmien l-Għid) ser jirċievu l-Magħmudija.

1. Biex il-ġenituri tagħhom bil-meditazzjoni tal-Kelma tiegħek jgħinu lil uliedhom jikbru fil-valuri tal-Vanġelu.

2. Biex dawn it-trabi li ser jirċievu r-rigal tal-Magħmudija huma u jikbru dejjem aktar jagħrfu fi Kristu l-uniku salvatur tagħhom.

3. Biex dawn il-magħżula li ser jirċievu r-rigal tal-Magħmudija meta jikbru bl-umiltà kollha jagħrfu l-kruha tad-dnub u jwarrbuh minn ħajjithom.

4. Biex dawn il-magħżula bl-għajnuna tal-ġenituri u l-parrinijiet tagħhom jagħrfu jaħarbu l-ħażin u jfittxu biss dak li jogħġob lilek.

5. Biex l-Ispirtu s-Santu li jgħarbel il-qlub ta' kulħadd ikun ta' sostenn fid-dgħjufija tagħna.

6. Biex jitgħallmu mill-Ispirtu s-Santu l-liġi ta' l-imħabba, u hekk jogħġbu lilek.

**Ċelebrant:**
Ilqa', Mulej, it-talbiet li aħna ressaqnielek, u agħtina li dejjem aktar infittxu lilek, li inti l-għajn ta' l-ilma ħaj li jaqta' kull għatx. Bi Kristu Sidna. Amen.

## 5.3. It-Tieni Skrutinju: it-Talba tad-Dawl u t-Talba tal-Missierna

### Isir fir-Raba' Ħadd tar-Randan (l-Agħma mit-twelid)

***Nota:***

*F'dan ir-Raba' Ħadd tar-Randan il-Knisja kienet tagħti wkoll it-talba tal-Missierna lil dawk li ser jirċievu l-magħmudija fil-lejl qaddis ta' l-Għid jew fi żmien il-Għid. Tkun ħaġa xierqa jekk f'dan il-Ħadd it-talba tal-Missierna tiġi mfakkra, u għalhekk f'dak il-mument li fih is-soltu tiġi reċitata ssir tifsira qasira u ċ-ċelebrant jistieden il-ġemgħa biex waqt il-Missierna b'sens ta' fiduċja u abbandun f'Alla terfa' jdejha 'il fuq bħalma jagħmel iċ-ċelebrant.*

*Wara l-omelija ċ-celebrant jistieden lil dawk li ser jirċievu l-magħmudija sabiex jersqu lejn l-altar. Fl-istess waqt jistieden il-ġemgħa sabiex fis-skiet jitolbu għal dawk li ser jitgħammdu. Waqt li jpoġġi idejh fuq ir-ras tat-trabi li se jitgħammdu, jgħid:*

Missier ta' tjieba bla tarf,
li tajt lill-imwieled għama li jemmen fi Kristu Ibnek
u hekk jidħol u jieħu sehem mis-saltna tiegħu,
agħmel li dawn li ser jitgħammdu jkunu meħlusa minn kull ingann,
li jrid jaqfilhom fil-għama;
agħmel li, msaħħin bil-fidi u bix-xhieda tal-ġenituri tagħhom,
huma jsiru wlied id-dawl
u jkunu dejjem mdawwla bil-qdusija u l-grazzja.
Bi Kristu Sidna.
Amen.

*Iċ-ċelebrant ikompli:*

Mulej Ġesù,
dawwal bid-dawl veru lil kull bniedem,
eħles permezz ta' l-Ispirtu tal-verità
lil dawk kollha li huma mjassra
taħt il-madmad ta' missier il-gideb,
ħeġġeġ f'dawn il-ġenituri
li wliedhom ser jirċievu s-sagrament tal-Magħmudija
x-xewqa li jwassluhom għandek,
għax fil-ferħ tad-dawl tiegħek,
bħall-agħma tal-Vanġelu li reġa' gie jara,
huma jsiru tassew xhieda ħajja tal-fidi fik.
Int li tgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
Amen.

*Issa tista' tingħad din it-talba bħala talba tal-fidili:*

**Ċelebrant:**
Ejjew inressqu t-talb tagħna lill-Mulej Alla tagħna għal dawk li ser jitgħammdu fil-lejl qaddis ta' l-Għid (jew, fi żmien il-Għid).

1. Biex waqt li jafdaw fl-unika verità ta' Kristu l-Mulej, jirċievu u jibqgħu jżommu l-libertà ta' l-ispirtu u tal-qalb. Nitolbu.

2. Biex waqt li jimmeditaw l-għerf tas-salib, jagħrfu lil Alla bħala Missier li huwa tassew għani fl-imħabba. Nitolbu.

3. Biex wara li rċevew il-ħelsien mid-dnub bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu jiġu meħlusa mill-biża' tax-xitan u jgħixu ta' wlied denji t'Alla. Nitolbu.

4. Biex dawk li qed ibatu l-persekuzzjoni minħabba l-isem ta' Kristu jirċievu mingħandu l-qawwa waqt il-prova. Nitolbu.

5. Biex dawk il-familji u popli li huma mċaħħda li jgħixu l-fidi nisranija jirċievu l-libertà biex ikunu jistgħu jistqarru bla biża' l-fidi tagħhom. Nitolbu.

6. Biex il-bnedmin kollha tad-dinja maħbuba mill-Missier ikunu jistgħu jaslu fil-Knisja u jiksbu l-libertà sħiħa ta' wlied Alla. Nitolbu.

**Ċelebrant:**
Alla Missier u dawl li qatt ma' jintemm, saħħaħ fina d-dawl tal-fidi li rċevejna f'jum il-magħmudija tagħna. Bi Kristu Sidna. Amen.

*Jiġi rreċtat il-Kredu u titkompla l-quddiesa bħas-soltu bl-offertorju.*

## 5.4. It-Tielet Skrutinju: it-Talba ta' l-Effetah u l-bews tal-Ktieb tal-Vanġelu

### Isir fil-Ħames Ħadd tar-Randan (il-qawmien ta' Lazzru)

***Nota:***

*F'dan il-Ħames Ħadd tar-Randan, fejn il-Knisja tikkontempla l-qawmien ta'Lazzru, il-Knisja tfakkarna li l-Kelma t'Alla biss tagħti l-ħajja dejjiema. F'dan il-jum il-Knisja kienet tagħti l-Vanġelu lil dawk li ser jirċievu l-Magħmudija l-Vanġelu.*

- *Tkun ħaġa xierqa li wara l-qari tal-Vanġelu l-bewsa lill-Evanġeljarju ma jagħtiex biss iċ-ċelebrant, iżda bħat-tqarbin il-ġemgħa kollha titla' biex tbus il-ktieb ta' l-Evanġelju.*
- *Barra minn dan, dawk it-trabi jew adulti li ser jitgħammdu wara l-eżorċiżmu ċ-ċelebrant jagħmlilhom ir-rit ta' l-Effetah.*

*Wara l-omelija ċ-celebrant jistieden lil dawk li ser jirċievu l-magħmudija sabiex jersqu lejn l-altar. Fl-istess waqt jistieden il-ġemgħa sabiex fis-skiet jitolbu għal dawk li ser jitgħammdu, u waqt li jpoġġi jdejh fuq ir-ras tat-trabi jgħid:*

O Missier, għajn ta' kull ħajja,
inti Alla mhux tal-mejtin iżda tal-ħajjin,
inti bgħatt lil Ibnek il-messaġġier tal-ħajja ta' dejjem,
biex hekk teħles lill-bniedem mis-saltna tal-mewt u twasslu għall-qawmien.
Eħles lil dawn il-magħżula, li ser jirċievu r-rigal tal-ħajja ta' dejjem,
mill-ispirtu tal-ħażen, biex hekk ikunu jistgħu jirċievu ħajja ġdida fi Kristu rxoxt,
u jkunu xhieda tiegħu.
Int li tgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
Amen.

*Iċ-ċelebrant ikompli:*

Mulej Ġesù, li qajjimt lil ħabibek Lazzru mill-mewt,
int urejtna li ġejt fostna biex il-bnedmin ikollhom il-ħajja,
u ħajja bil-kotra:
eħles mill-mewt lil dawn il-magħżulin tiegħek
li ser jirċievu l-Magħmudija;
biegħed minhom l-ispirtu tal-ħażen,
u permezz ta' l-Ispirtu tiegħek għajn tal-ħajja,
agħti lilhom il-fidi, it-tama u l-imħabba,
biex hekk jgħixu maqgħudin miegħek
u jkollhom sehem mill-glorja tal-qawmien.
Amen.

*Issa ċ-ċelebrant jagħmel ir-rit tal-effetah lil dawk li ser jirċievu l-magħmudija.*

**Ċelebrant:**
Sidna Ġesù li ta s-smigħ lit-torox u l-kelma lill-imbikkmin, jagħti lilek N.N. il-grazzja li ma ddumx ma tkun tista' tisma' b'widnejk il-kelma tiegħu u tilqagħha, u tistqarr bil-fomm il-fidi tiegħek, biex tfaħħar u ssebbaħ lil Alla l-Missier.
**Amen.**

*Issa tista' tingħad din it-talba bħala talba tal-fidili:*

**Ċelebrant:**
Ejjew nitolbu għal dawk li ser jirċievu s-sagrament tal-Magħmudija biex permezz tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu jitwieldu għall-ħajja ġdida.

1. Biex il-fidi tagħhom tiġi dejjem msaħħa permezz ta' l-eżempju u x-xhieda tal-ġenituri tagħhom. Nitolbu.

2. Biex jgħixu d-don tal-magħmudija li ser jirċievu tul ħajjithom kollha. Nitolbu.

3. Biex dejjem jaħarbu l-kruha tad-dnub u jgħixu l-ħajja tal-grazzja. Nitolbu.

4. Biex dawk li jinsabu fil-hemm minħabba l-mewt ta' xi ħadd għażiż għalihom isibu fi Kristu rxoxt tama u sabar. Nitolbu.

5. Biex aħna li minn hawn u ftit jiem oħra ser niċċelebraw il-misteru l-kbir tal-Għid nifhmu x'ġabilna Kristu permezz tal-mewt u l-qawmien tiegħu. Nitolbu.

6. Biex f'dawn il-jiem li fadal tar-Randan inħallu lil Alla jġeddidna u jibdlilna qalbna u moħħna, biex tassew insiru xbieha tiegħu. Nitolbu.

**Ċelebrant:**
Inroddulek ħajr, Mulej, tar-rigal tal-magħmudija; għinna sabiex ngħixuha skond il-qalb tiegħek. Bi Kristu Sidna. Amen.

*Jiġi rreċtat il-Kredu u titkompla l-quddiesa bħas-soltu bl-offertorju.*

# WERREJ


Kelmtejn qabel .............................................................. 2

1. Il-Liturġija tal-Kelma tal-Ħdud tar-Randan - Sena A .................. 3

2. Lectio Divina tal-Vanġeli tal-Ħdud tar-Randan - Sena A
(Dun Joseph Bajada) ................................................. 4

3. Riflessjonijiet għall-Omelija tal-Ħdud tar-Randan Sena A
(Dun Joseph Sultana) ................................................. 30

4. Ċelebrazzjoni Komunitarja tas-Sagrament tal-Qrar
(Dun Tonio Galea) ................................................. 43

5. Mixja mal-Ħdud tar-Randan tas-Sena A lejn il-Velja ta' Sibt il-Għid
(Dun Nazju Borg) ................................................. 52

5.1. Preżentazzjoni tat-trabi li se jirċievu l-magħmudija .................. 53
(L-ewwel Ħadd)

5.2. L-Ewwel Skrutinju: it-Talba ta' l-Eżorċiżmu .................. 55
(It-tielet Ħadd)

5.3. It-Tieni Skrutinju: it-Talba tad-Dawl u t-Talba tal-Missierna ......... 57
(Ir-raba' Ħadd)

5.4. It-Tielet Skrutinju: it-Talba ta' l-Effetah u l-bews tal-Ktieb tal-Vanġelu 59
(Il-ħames Ħadd)